# L-ĦAJJA f'Għawdex

€2

Frar 2012 *LEĦEN L-GĦAWDXIN GĦAL 67 SENA* Nru. 935





Tony
GAD
7460


# Ċikku jgħodd 103

LUMEN CHRISTI PUBLICATIONS

# L-isbaħ 6 kotba mnejn tagħżel biex tidħol fl-ispirtu tar-Randan u l-Ġimgħa Mqaddsa



















*Dawn u diversi kotba oħra żgħar ta' talb u devozzjonijiet, tal-Via Sagra u tad-Duluri, santi u kurċifissi żgħar, tistgħu takkwistawhom mil-*

**LUMEN CHRISTI BOOKSHOP, VICTORIA Tel: 2156 0496**

Il-Ħajja f'Għawdex

L-Ewwel Ħarġa f'Ġunju 1945
*Ħarġa nru. 935*
*Frar 2012*
Maħruġa mid-Djoċesi ta' Għawdex

*Direzzjoni u Amministrazzjoni:*
Lumen Christi Media Centre
Triq Fortunato Mizzi,
Victoria - Għawdex VCT 2579
Tel. 21560496/7 Fax. 21561860
*e-mail:* gozopress@onvol.net

Abbonament: €10 (Lm 4.30)
Benefattur: €20 (Lm 8.60)

Issettjata u Stampata:
*"Gozo Press" Tel.21551534*

*Il-fehmiet li jistqarru l-kittieba m'humiex neċessarjament dawk tal-Bord Editorjali.*

## f'din il-ħarġa

Editorjal • 3
Il-Ħajja fid-Djoċesi • 4
X'jgħidilna l-Isqof • 6
Kummentarju (1) • 8
X'għadda minn għalina • 11
Riflessi • 16
Kummentarju (2) • 17
Kummentarju (3) • 18
Kummentarju (4) • 21
Kummentarju (5) • 22
Ftit Fatti u Kummenti • 24
Dawl għall-Ħajja • 26
**DOKUMENTAZZJONI**
Kif Niftakar lill-Isqof Cauchi • 28
Rapport • 29
Snajja Qodma (47) • 30
Letteratura Għawdxija • 32
Is-Sena tal-Anzjani Attivi • 34
Riflessjoni Biblika • 36
Passiġġata Biblika (70) • 38
Għawdex Qabel ir-Ritratti (42) • 40
Għawdex 400 sena ilu (200) • 41
Xhieda Nisranija • 42
Għawdex "On-Line" (36) • 43
Tieqa fuq l-Ambjent (35) • 44
Irqaqat mill-Imgħoddi• 46
Mix-Xena Sportiva • 49
Inħawi fir-Rabat (2) • 50

**Ritratti:** *Ħajr lil Dun Anton Sultana, Charles Spiteri, Joseph Zammit, Richard Grech, Ted Attard, Alvin Scicluna, Kurja ta' l-Isqof, Parroċċi u Kunsilli Lokali t'Għawdex.*
**Qoxra:** *Ċikku Cauchi għalaq 103. Ara p. 34. Ħajr lil ibnu Ġrezzju Cauchi.*




# *Amerikanata fost l-Għawdxin*

*M'iniex qed nirriferi għal dak l-għadd ġmielu ta' djar f'Għawdex li, b'sens ta' lealtà, u x'aktarx ukoll gratitudni xierqa, jisimhom* "God Bless America" *jew* "Stars and Stripes"*, u li jħobbu jtajru l-bandiera Amerikana mal-arblu fuq il-bejt.*

***Qed nirriferi għall-fatt li f'Għawdex, bħal fl-Istati Uniti, għandna problema rekord ta' simna żejda, hekk imsejħa, "obeżità". Għall-Amerikani, l-obeżità saret epidemija, u bir-raġun, meta hemm miljuni ta' teenagers u tfal jew li diġà qegħdin iġorru piż żejjed jew huma fir-riskju ta' żvilupp overweight. Michele Obama, il-mara tal-President, ħasset li għandha tkun hi stess li tmexxi kampanja nazzjonali aggressiva kontra din l-imxija tal-affluwenza. Iżda m'għandniex għax nistgħaġbu; f'Għawdex m'aħniex wisq 'il bogħod mill-istat tal-epidemija.***

*Stħarriġ xjentifiku fuq tfal meta qorbu s-seba' snin fl-2008 u fuq l-istess tfal sentejn wara fl-2010 (*Comparison of body-mass index of a national cohort of Maltese children over a 3-year interval – Victoria Farrugia Sant' Angelo, Victor Grech, Malta Medical Journal, Vol. 23. Issue 01, 2011*) juri li l-25% tat-tfal Maltin u Għawdxin li meta kellhom 7snin kienu jbatu minn piż żejjed saru 40% sentejn wara meta kellhom 9 snin. Barra minn hekk, l-ogħla numru ta' tfal subien fiż-żewġ etajiet kien f'Għawdex, meta pparagunat mas-subien fir-reġjuni l-oħra ta' Malta. Il-konsegwenzi koroh tas-simna żejda huma ħafna, u jvarjaw mid-diabete sa mard tal-qalb u taċ-ċirkolazzjoni. U meta l-obeżità titrabba minn età żgħira, mhux faċli tintrebaħ snin wara f'età adulta, lanqas bi sforz ta' rieda tajba u soda.*

***Għaldaqstant, il-ġenituri, bħala edukaturi ewlenin, għandhom isostnu fil-familja* lifestyle *ta' ikel san u meqjus flimkien ma' ħajja attiva. Għax l-ikel u l-attività ma jistgħux jinfirdu – bl-ikel naħżnu l-enerġija u bl-attività naħarquha. L-iskola wkoll għandha trawwem fl-istudenti stil ta' ħajja sana, u mhux biss bl-informazzjoni jew b'xi* healthy lunch, *iżda wkoll billi t-*timetable *tipprovdi b'mod obbligatorju ħin kuljum għall-attività fiżika. Imma aħna, ġenituri u għalliema, iffissati biex nagħtu edukazzjoni akkademika. Bħallikieku nippreferu li t-tifel 'il quddiem ikun kapaċi jaqra u jifhem it-taħlita tal-mediċina li jkun obbligat jieħu mill-fatt li ma jkollux għalfejn jieħu l-mediċina.***

*Illum fi gżiritna wkoll qed jespandi, dak li jissejjaħ* obesegenic environment *– ambjent li joħloq diffikultà għal stil ta' ħajja attiva fiżikament u minflok jippromwovi l-ħajra għall-mogħdija tal-ħin paxxuti (sic) bilqiegħda quddiem xi* gadget *teknoloġiku li bħal jiftħilna l-aptit biex nikkonsmaw il-*fast food *u l-*instant coffee.

*Tabilħaqq dan hu kollu kkonsidrat fil-Pjan Eko-Għawdex li fil-viżjoni li jagħtina jipproponi li jipprova jwarrab mill-popolazzjoni dawk il-kundizzjonijiet li jġibu l-obeżità (2.3.2 p.23), u li jsegwi programm addattat biex jinterveni ma' tfal bi ħxuna żejda jew fir-riskju tagħha. L-*Eco Gozo School Programme, *propost fil-Pjan ħoloq, b'inizjattivi diversi u varji, għarfien tal-importanza li l-istudenti għandhom jagħtu lil saħħithom. Iżda mbagħad, it-*timetable *tal-lezzjonijiet kemm tagħti opportunità lill-istudenti tal-iskejjel sekondarji biex isir użu tajjeb mill-*Gozo Sports Complex*?*

***Fi ftit jiem oħra, Villa Rundle se tkun spazju ta' arja bnina fil-qalba ta' beltna. Jidher li qed isiru sforzi – għalkemm xi ftit imqanżħa - biex tinbena s-*swimming pool. *Iżda fejn waslu l-proposti l-oħra bħat-*track *madwar Għawdex u s-siti għall-*camping*? Lanqas hu fl-ispirtu tal-Eko-Għawdex li l-*playingfield *tar-Rabat tinsab abbandunata u l-futbol pitch ma' ġenbha meħud bħala żona ta'parkeġġ. Għalkemm kienu meħtieġa, ċertament investejna wisq aktar flus fit-triqat għar-roti tal-karozzi milli għas-saqajn u l-pulmuni tan-nies.***

**Joseph W. Psaila**
*jwpsaila@melita.com*

*www.gozodiocese.org*

# Il-Ħajja fid-Djoċesi



*miġbura minn Gabriel Gauci, ritratti ta' Charles Spiteri*

### *Merħba lill-E.T. Mons. Emanuel Barbara*

Nhar il-Ħadd 27 ta' Diċembru, l-Ewwel Ħadd tal-Avvent, id-djoċesi ta' Għawdex tat merħba uffiċjali lill-E.T. Mons. Emanuel Barbara, patri kapuċċin Malti li fl-1 t'Ottubru ta' qabel kien irċieva l-ordinazzjoni episkopali f'Malindi fil-Kenja biex ikun l-Isqof ta' dik id-djoċesi. Mons. Barbara qaddes quddiesa pontifikali ġewwa l-Katidral, li fiha kkonċelebraw ukoll l-Isqof Mario Grech, l-Isqof Pawlu Darmanin OFM Cap, Isqof ta' Garissa fil-Kenja, il-kapitlu tal-Katidral u diversi saċerdoti Għawdxin oħra. Fl-omelija li għamel, Mons. Barbara radd ħajr lill-ġemgħa miġbura għall-merħba li għamlitlu kif ukoll ta' kemm l-Għawdxin għandhom għal qalbhom l-artijiet tal-missjoni. Wara l-quddiesa diversi parruċċani tal-Katidral ippreżentawlu għotja f'isem il-parroċċa, flimkien mas-Soċjetà Filarmonika Leone li ppreżentatlu għotja ta' €1000 għad-djoċesi tiegħu.



### *Laqgħa tal-awgurji għas-sena l-ġdida*

Kif soltu jsir fis-snin li għaddew, anki din is-sena, nhar is-Sibt 7 ta' Jannar l-Isqof Mario Grech wassal l-awgurji tiegħu għas-sena l-ġdida lill-kleru t'Għawdex. Il laqgħa saret fis-sala tas-Seminarju. Fil-bidu tal-laqgħa, il-Vigarju Ġenerali Mons. Giovanni B. Gauci wassal l-awgurji tiegħu lill-Isqof għan-nom tal-kleru kollu u rringrazzjah għall-impenn tiegħu fit-treġija tad-djoċesi u għad-diversi inizjattivi ġodda li saru. Wara, għamel id-diskors tiegħu Mons. Grech, diskors li fih elenka xi wħud mill-ħidmiet li saru fid-djoċesi tul is-sena li għaddiet, kif ukoll irrifletta fuq id-diffikultajiet u l-isfidi li għandha l-Knisja fis-soċjetà tal-lum. Huwa ħabbar ukoll li s-sena pastorali 2012-2013 se tkun immarkata mill-Viżta Pastorali tiegħu fil-parroċċi u l-istituzzjonijiet kollha tad-djoċesi. Wara kien hemm ħin għall-mistoqsijiet tas-saċerdoti u għad-diskussjoni.

### *Laqgħa ta' talb fil-Ġimgħa Ekumenika*

Anki din is-sena, il-kurja tal-*Legion of Mary* f'Għawdex organizzat il-laqgħa ta' talb għall-għaqda bejn il-Knejjes fl-okkażjoni tal-ġimgħa universali ta' talb b'dan il-għan li ssir kull sena f'Jannar. Din il-laqgħa saret fil-knisja ta' Santu Wistin. Barra Mons. Mario Grech, attenda wkoll għas-servizz ir-Rev. Jeffrey Williams, kappillan tal-Knisja Anglikana tat-Trinità f'Tas-Sliema u li ta' kull ġimgħa jiġi Għawdex biex jippresjiedi l-Ewkaristija tal-komunità Anglikana t'Għawdex. Kemm Mons. Grech. kif ukoll ir-Rev. Williams għamlu l-messaġġi tagħhom, li t-tnejn li huma kienu dwar l-importanza li l-Insara jagħtu xhieda komuni għall-Vanġelu fis-soċjetà sekularizzata ta' żmienna. Il-Kan. John Muscat, fil-bidu tal-laqgħa ta' talb wassal il-messaġġ tiegħu f'isem il-patrijiet Agostinjani. Wara kien hemm il-qari mill-Iskrittura, talb bis-salmi, u talb tal-fidili. Din il-laqgħa ġiet animata mill-*Chorus Urbanus* taħt id-direzzjoni ta' Mro. John Galea.



### *Żjara tal-Kardinal Angelo Bagnasco*

Nhar il-Ħamis 12 ta' Jannar, il-Kardinal Angelo Bagnasco, Arċisqof ta' Ġenova u President tal-Konferenza Episkopali Taljana (CEI), żar id-djoċesi ta' Għawdex flimkien ma' grupp ta' 25 qassis żagħżugħ mid-djoċesi tiegħu. Din iż-żjara kienet tagħmel parti mill-programm taż-żjara fil-gżejjer Maltin. Il-Kardinal flimkien mas-



saċerdoti żgħażagħ żaru diversi postijiet f'Għawdex, fosthom is-Santwarju tal-Madonna ta' Pinu. L-iktar mument importanti kien xħin ġew milqugħa fil-Kurja mill-Isqof Mario Grech u minn *equipe* ta' saċerdoti Għawdxin responsabbli minn diversi oqsma tal-Knisja f'Għawdex. Fil-Kurja kien hemm mument ta' qsim ta' esperjenzi dwar il-ħajja taż-żewġ djoċesijiet bejn iż-żewġ delegazzjonijiet ta' saċerdoti.



***Sitt snin isqof!***

Il-kleru u d-djoċesi ta' Għawdex iċċelebraw għeluq is-sitt snin minn meta Mons. Mario Grech ġie kkonsagrat isqof nhar il-Ġimgħa 20 ta' Jannar ġewwa l-knisja tar-Ragħaj it-Tajjeb f'Taċ-Ċawla. Id-data propja tal-ordinazzjoni episkopali ta' Mons. Grech hija t-22 ta' Jannar, iżda billi din is-sena ħabat il-Ħadd, din iċ-ċelebrazzjoni kellha ssir jumejn qabel. Il-quddiesa bdiet fis-6pm u kkonċelebraw fiha numru sabiħ ta' saċerdoti Għawdxin flimkien ma' għadd ta' lajċi mpenjati fil-ħajja tal-Knisja. Wara saret ikla ta' fraternità fiċ-ċentru pastorali tal-istess knisja.

***Festa tal-Gandlora - it-tifkira tal-Preżentazzjoni tal-Mulej fit-Tempju***

Is-Sibt 28 ta' Jannar is-Santwarju Ta' Pinu mtela b'ġenituri li laqgħu l-istedina tal-Azzjoni Kattolika biex imorru jippreżentaw 'l uliedhom lill-Madonna waqt ċerimonja preseduta mill-Isqof (mgħejjun mill-Assistent Ekkleżjastiku Djoċesan Mons Karm Hili u r-rettur Dun Gerald Buhagiar (li qara s-silta tal-Vanġelu). Rappreżentanti tal-familji ħarġu mal-Isqof mis-sagristija u oħrajn qraw is-siltiet mill-iskrittura u t-talbiet.

Mira importanti tal-attività hi li l-ġenituri jirċievu messaġġ mir-Ragħaj, li qal: "Inrodd ħajr 'l Alla magħkom u f'isimkom għad-don tal-ħajja li jafdalkom għall-kura u l-attenzjoni tagħkom". B'riferenza għall-ħafna biki li kien jidwi mal-bażilika, stqarr li l-inkwiet ikun jekk għad jibku meta jikbru għax ma jkunux irċevew dak li jmissna tajnihom. "Kemm għandkom missjoni sabiħa, anki jekk mhix ħafifa!" Wegħedhom talbu, waqt li ħeġġiġhom jiffurmaw ruħhom u jedukaw sew 'l uliedhom b'formazzjoni nisranija. "Intom l-ewwel katekisti tagħhom: darruhom isejħu 'l Alla bħala Missier, kellmuhom dwar Ġesù, għallmuhom il-Vanġelu". Fakkarhom li, biex tgħallem sew, trid titgħallem int; għalhekk semma l-gruppi fil-parroċċi ta' koppji fl-ewwel snin taż-żwieġ biex ikomplu



jiffurmaw ruħhom bħala nsara. "Fittxu li tixorbu minn għejjun tajba biex ikollkom x'tgħaddulhom". Temm billi saħaq: "Nafdaw 'l uliedna f'idejn il-ħniena materna tal-Madonna Ta' Pinu - Ommna lkoll".

Iċ-ċelebrazzjoni kompliet billi Mons. Isqof mexxa l-ġenituri fit-tiġdid tal-Wegħdiet tal-Magħmudija, bix-xemgħa mixgħula f'idejhom. Imbagħad dar mal-knisja kollha jraxxax l-ilma mbierek. Fit-tmiem, telgħu individwalment biex jgħidu kelma mal-Isqof, jieħdu ritratt kommemorattiv u jirċievu domna u ċertifikat.

***Koppja mill-Belt Victoria tiltaqa' mal-Q.T. il-Papa***

Fl-udjenza ġenerali li l-Q.T. il-Papa Benedittu XVI żamm fis-7 ta' Diċembru li għadda fis-Sala Pawlu VI, il-koppja Pawlu u Carmela Cassar tal-Belt Victoria kellhom l-okkażjoni eċċezzjonali li jkellmu lill-Q.T. kif jixhed dar-ritratt. Il-Papa feraħ ħafna bihom xħin għarrfuh li minbarra li huma Għawdxin, joqogħdu kważi faċċata tad-dar tas-Segretarju Privat tiegħu Mons. Alfredo Xuereb, li f'dawk il-jiem inzerta Għawdex, fejn kien mistieden imexxi l-festa tal-Immakulata Kunċizzjoni li l-Patrijiet Franġiskani Kunventwali jiċċelebraw fil-Belt Victoria.



gozo press
Offset & Letterpress Printing
Graphic Design Studio
Mġarr Road, Għajnsielem, Gozo - Malta.
Tel: 2155 1534 - Fax: 2156 0857 - Mob: 9982 6350
E-mail: gozopress@onvol.net

*X'jgħidilna Mons. Isqof Mario Grech:*

# "Is-sens tal-Misteru fl-esperjenza tal-Fidi"

*Omelija ta' Mons. Isqof Mario Grech fl-okkażjoni tas-Sitt Anniversarju mill-Ordinazzjoni Episkopali tiegħu fil-Knisja tar-Ragħaj it-Tajjeb, il-Ġimgħa 20 ta' Jannar 2012*



### *Il-"misteru" bħala metodoloġija ta' Alla*

**F'soċjetà bħal tagħna, li qed issir dejjem aktar konvinta li bir-raġuni tista' tfisser kollox u jimpurtaha biss mill-effiċjenza, faċli li nitilfu s-sens tal-misteru f'dak li jirrigwarda lil Alla u dak li għandu x'jaqsam miegħu. F'dan il-kuntest jeżisti r-riskju li l-Knisja nikkunsidrawha bħala organizzazzjoni umana b'għanijiet umani, u l-ministri tagħha nqisuhom sempliċi funzjunarji li qegħdin hemm biex jassiguraw li l-istituzzjoni tibqa' wieqfa!**

Imma r-rakkont tal-għażla tal-appostli li jagħmel Kristu jurina biċ-ċar li qed nittrattaw ma' misteru! Is-sejħa stess li jagħmel Alla permezz ta' Ġesù hija misteru. Mhux misteru li fost dawk li Ġesù jagħżel għalih hemm Pietru li jiċħdu, ulied Żebedew li jridu jkun quddiem nett, u Ġuda l-Iskarjota li jittradih? Kieku Alla ħalla l-għażla f'idejna, ċertament konna nagħmlu għażla differenti! Imma din hija l-fehma misterjuża t'Alla! Nassigurakom li dan japplika għal ħafna minna, inkluż jien li 28 sena ilu sejjaħli għas-saċerdozju u sitt snin ilu sejjaħli biex inkun isqof! Jien naf il-limitazzjonijiet tiegħi, u għalhekk ħadd daqsi ma jista' jgħid kemm l-għażla tiegħi għal dan l-uffiċċju hija "misteru"!

**Ħafna drabi fil-lingwaġġ ordinarju tagħna, aħna ngħidu li "sirt qassis tant snin ilu" jew "sitt snin ilu lħaqt isqof". Kliem bħal dan jitfi l-aspett tal-misteru għax jimplika li "sirna" saċerdoti jew isqof bl-inizjattiva, il-ħila u l-kwalitajiet umani tagħna! Min iħares b'dan il-mod lejn is-saċerdot bilfors jarah bħala sempliċi sinna fir-rota li ddawwar is-sistema ekkleżjastika;**



**min l-uffiċċju tal-isqof jarah taħt din il-lenti bir-raġun jikkonkludi li l-isqof huwa "manager" ta' azjenda li tissejjaħ "knisja", u faċli jasal biex jikkontesta t-tmexxija tal-isqof! Imma għal min jemmen fil-misteru t'Alla, jemmen ukoll li s-sejħa u l-ministeru tagħna s-saċerdoti essenzjalment jipparteċipaw minn dan il-misteru!**

### *Msejħa biex nidħlu fil-Misteru ta' Alla*

Mhux biss l-għażla tagħna l-ministri sagri hija misteru, imma aħna msejħa biex nidħlu fil-qalba tal-misteru divin. Infatti l-Evanġelista San Mark jgħid li Ġesù sejjaħ lejh lil dawk li ried u għażel minnhom tnax li semmiehom appostli biex jibqgħu miegħu (3,14). Huwa minnu li bagħathom jippritkaw, imma l-predikazzjoni hija konsegwenza tal-fatt li "jibqgħu miegħu". Għalhekk is-saċerdot huwa msejjaħ biex l-ewwel u qabel kollox jagħmel esperjenza tal-misteru t'Alla! Il-ħajja tagħna s-saċerdoti ma tistax ma tkunx imdakkra bil-misteru t'Alla. L-għaxqa tagħna huwa l-misteru t'Alla Trinità li tant iħobbna li għażilna għalih: il-Missier sejħilna permezz ta' Ġesù Kristu bil-qawwa tal-Ispirtu s-Santu. Biex is-saċerdot idaħħal lill-oħrajn fis-santwarju t'Alla, qabel kollox irid ikun hu l-bniedem li jgħammar f'dan is-santwarju!

Skont l-Evanġelista San Mark, Ġesù ma sejjaħx lill-appostli individwalment jew separatament imma "flimkien", bħala "kollettività". Is-sejħa tagħna s-saċerdoti hija "sejħa ekkleżjali", fis-sens li ma tagħmilx sens jekk mhux fil-komunità Nisranija. Għalhekk hija sejħa li tpoġġina fil-misteru tal-Knisja li hija l-Ġisem mistiku ta' Kristu. **M'hemmx saċerdot jekk bħala "ministru tal-Knisja" ma jibnix il-Knisja. Dan jgħodd b'mod partikulari għall-isqof li għandu d-dmir li jħares il-komunjoni fil-Knisja fis-sens wiesa' tal-kelma.**

### *Il-qdusija u d-dnub*

Meta nħares lura lejn dawn is-sitt snin tal-ministeru episkopali tiegħi, ma nistax ma rroddx ħajr lil Alla mhux biss għax sejjaħli u għażilni imma wkoll għax ħafna drabi, permezz tal ministeru afdat lili, stajt nara b'għajnejja u mmiss b'idejja l-preżenza tiegħu fil-ħajja ta' diversi nies qaddisa. Jien ċert li dan jixhduh ħuti fis-saċerdozju hawn preżenti: **ħafna drabi, minħabba l-vokazzjoni saċerdotali tagħna, insibu ruħna qrib ta' persuni li verament ikollhom fuqhom "il-fwieħa" ta' Alla; ninzertaw f'sitwazzjonijiet li jirriflettu l-imħabba divina!**

Imma kif id-dawl tax-xemx joħloq kuntrast qawwi mad-dlam tal-lejl, hekk ukoll il-ġmiel u l-qdusija tal-misteru t'Alla jikxef il-kruha ta' dak li S. Pawl isejjaħ "il-misteru



tal-ħażen". Nirrikonoxxi li fija stess hemm parti minn dan "il-misteru" għax ħadd minna ma jista' jgħid li hu bla dnub! Imma mhux darba jew tnejn qalbna titqal, moħħna jibda jgħejja u riġlejna bħal jgħotru meta **jkollna naffrontaw il-misteru tal-ħażen preżenti kemm f'individwi kif ukoll f'organizzazzjonijiet – dawn jistgħu jkunu wkoll membri tal-Knisja jew li jgħidu li huma taħt il-kappa tal-Knisja! Matul dawn is-snin li għaddew, rajt il-ħażen jaħkem persuni, ikisser familji u joħnoq proġetti fihom infushom tajbin!**

*Kristu jdawwal il-Misteru ta' Alla*

Imma f'mumenti bħal dawn irridu niftakru dak li jgħallem il-Konċilju Vatikan II meta jgħid li l-misteru tal-bniedem isib it-tifsira tiegħu fi Kristu biss! Għalhekk, kull meta nxandru l-Kelma jew infissruha rridu nemmnu li din il-Kelma hija parti mill-misteru t'Alla. **Niżbaljaw jekk nistennew li l-Kelma t'Alla għandu jkollha effetti immedjati! Dik mhix kelma umana li l-effikaċja tagħha tiddependi mill-kapaċità tagħna li nlissnuha, imma hija l-Kelma tal-Mulej li għandha qawwa li toħloq, taħraq id-dnub u tqaddes... però x'ħin irid Hu – x'ħin tkun is-siegħa tiegħu! Kemm-il darba jiġrilna li naqtgħu qalbna għax naħsbu li l-predikazzjoni tagħna hija ħela ta' ħin u enerġija! Kemm-il darba ninħakmu mit-tentazzjoni li nitilqu kollox għax l-isforzi appostoliċi tagħna ma jagħtux ir-riżultati li nixtiequ! Dan it-tip ta' raġunar jixhed li aħna ma nemmnux li l-Kelma t'Alla hija "misteru" li bħax-xita li tinżel żgur tagħmel il-ġid!**

Hemm bżonn nemmnu aktar fil-qawwa tal-grazzja t'Alla li hija ukoll "misteru" li jiżboq is-sensi tagħna. Il-grazzja li jagħtina Kristu permezz tas-sagramenti qatt ma hija moħlija jew mitlufa – hija komunikazzjoni li Alla jagħmel tiegħu nnifsu biex il-bniedem jegħleb il-misteru tal-ħażen. Imma wkoll hawnhekk irridu ngħassu fuqna nfusna biex ma nxekklux il-qawwa tal-grazzja; irridu nagħtu ħin u spazju biex il-misteru jiftaħ kif u x'ħin ikun il-waqt ta' Alla. Għalhekk ma nehdiex inħeġġeġ lill-Knisja tagħna biex tfittex tqiegħed lil Ġesù Ewkaristija fiċ-ċentru tagħha għax minnu, l-għajn ta' kull grazzja, aħna nistgħanew b'kull barka tas-sema.

**Filwaqt li nirringrazzjakom għall-koperazzjoni tagħkom, speċjalment għas-sostenn spiritwali tagħkom, komplu itolbu għalija biex nibqa' konxju li qed nittrattaw mal-misteru u hekk inkun nista' nakkumpanjakom fil-mixi tagħkom quddiem l-isfidi tqal tal-ħajja.**


HILITE
HARDWARE STORE
FRANCO - BELGE FIRE PLACES
Importers of
Copper Pipes & Fittings
Lava Solar Heaters
Adensa Space Heaters
and Fire Places
113, St. Bert Street, Xewkija, Gozo
Tel: 2155 5736 • Fax: 2155 5525
Mob: 9947 8884




*Kummentarju (1)*

# *Tliet Kelmiet bil-Grieg...*

## *il-qofol tar-Ri-evanġelizzazzjoni fir-Randan u "l-kuraġġ li niġġeddu" kontinwament*



*kitba ta'* **MONS. ANTON SULTANA**

**Bħalissa qed tissemma' spiss l-għajta tal-Papa u tal-Isqfijiet dwar il-ħtieġa ta' "Evanġelizzazzjoni Ġdida", jew aħjar "Ri-evanġelizzazzjoni". Għax fl-aħħar mill-aħħar mhi "ġdida" xejn... Ix-xandira tal-Kelma t'Alla tibqa' waħda u l-istess, dejjem u kullimkien u għal kulħadd, dik imxandra minn Kristu fil-predikazzjoni tiegħu u mis-segwaċi veri tiegħu fl-aħħar elfejn sena. Huma biss il-metodi u l-mezzi, b'opportunitajiet u ċirkostanzi ġodda ta' żmienna, li jistgħu u għandhom jinbidlu, kif fisser tant tajjeb it-teologu Taljan l-Arċisqof Bruno Forte (ara *"Il-Ħajja f'Għawdex", Jannar 2012, paġna 26*).**

Għadna kemm għaddejna mill-esperjenza liturġika fit-tama u fil-ferħ ta' żmien l-Avvent u l-Milied. Stajna naraw b'għajnejna kif fid-dinja tal-lum, ħafna bnedmin, inklużi wħud li jgħidu li huma "Nsara", qed jagħtu tifsira totalment pagana, materjalista u edonista, lil dan iż-żmien tant qaddis...

**Issa, fit-22 ta' Frar, ser nidħlu għal esperjenza oħra "Nisranija", qawwija u qaddisa, ta' konverżjoni u tiġdid spiritwali matul l-erbgħin jum tar-Randan Imqaddes li twassalna sat-Tridu Paskwali u l-festa tal-Għid il-Kbir.** Għal min tassew jemmen, u jipprattika dak li jemmen, il-Knisja qed tmexxih minn esperjenza għal oħra, minn grazzja għal grazzja oħra, mill-Misteru tal-Inkarnazzjoni fil-Milied għall-Misteru tar-Redenzjoni fit-Tridu Paskwali u l-Għid il-Kbir. Żewġ esperjenzi differenti, iżda fl-istess ħin konġunti, f'dak li jissejjaħ "*admirabile commercium*" – "il-Kummerċ Divin"!



Altru li mhux il-kummerċ uman u mondan, kif stajna naraw u nduqu fi żmien il-Milied, jew kif ħafna anke "Nsara" jkomplu sejrin bih is-sena kollha; issa għax ġej il-Karnival, imbagħad bil-figolli tal-Għid, u wara bil-murtali u d-divertiment tal-festi...U nibqgħu sejrin sena wara l-oħra, bl-istess rutina ta' aljenazzjonijiet fi spirtu aktar pagan milli "nisrani", ninqdew b'dak li hu qaddis u sagru, biex ngħawġuh u nisfruttawh f'materjaliżmu, konsumiżmu u edoniżmu, skont xawwatna u l-kapriċċi tagħna, aktar milli skont il-pjan u r-rieda t'Alla.

**U l-bidla fina ma sseħħ qatt! Kif spjegaw tajjeb ħafna l-Isqfijiet tagħna fl-Ittra Pastorali tal-Avvent li għadda, għax "id-drawwiet reliġjużi huma tajbin, imma mhux meta r-reliġjon issir drawwa! Il-Kelma t'Alla saret wisq irħisa... għal x'uħud it-talb sar rutina... u s-sagramenti għalihom jew għal uliedhom, aktar għax huma mbuttati minn ħtieġa soċjali, milli mix-xewqa li jiltaqgħu ma' Kristu u jibdlu ħajjithom..."**

### *Tibdil u tiġdid*

Ilna snin nisħqu fuq il-ħtieġa urġenti tat-tibdil u tiġdid fil-ħajja nisranija tagħna. Mill-Konċilju Vatikan II 'l hawn, jiġifieri fl-aħħar ħamsin sena, dawn iż-żewġ kelmiet kienu u għadhom l-għajta permanenti ta' kull Papa u ta' kull Isqof li kellna u għandna s'issa, u bir-raġun! Għax milli jidher, minkejja l-isforzi kollha li saru, minkejja tant predikazzjoni, Missjonijiet Djoċesani, Kungressi u Seminars, minkejja tant korsijiet ta' Eżerċizzi Spiritwali, Ittri Pastorali, kotba u artikli, u ma nafx x'iżjed... **is-sejħa u l-għajta tal-Knisja għadha tidwi: "Ejjew ninbidlu! Ejjew niġġeddu! Jew aħjar, Ejjew nikkonvertu!"**

Ma jfissirx li f'dawn l-aħħar ħamsin sena konna qegħdin nagħżqu fl-ilma! M'għandniex inkunu daqshekk pessimisti, għax ħafna ġid sar ukoll; kieku ma sarx bil-



grazzja u l-għajnuna tal-Ispirtu s-Santu li kontinwament imexxi l-Knisja ta' Kristu f'pajjiżna u kullimkien, kieku f'ħamsin sena ta' indifferenza u traskuraġni, anki l-knejjes kienu jingħalqu għal kollox u jinbidlu f'mużewijiet, *concert halls*, jew *supermarkets* bħalma kien ġara fil-pajjiżi komunisti tal-Unjoni Sovjetika.

**Għall-grazzja t'Alla, pajjiżna għadu "nisrani" u "kattoliku" fl-essenza tiegħu, anki jekk m'għadux fil-prattika tat-twemmin tal-maġġoranza, forsi wkoll assoluta, bħalma kien sa nofs seklu ilu...It-tajjeb għadu jeżisti u jidher ukoll f'ħafna Maltin u Għawdxin li sabu lil Kristu u qed jgħixu f'esperjenza intima Miegħu!** Jekk naqset ħafna l-attendenza għall-quddies tal-Ħadd, nafu li żdiedet ukoll il-maturità u l-konvinzjoni tal-fidi f'ħafna nsara, inklużi żgħażagħ impennjati bis-serjetà fi *prayer groups*, komunitajiet katekumenali, bibliċi u ewkaristiċi, f'għaqdiet u gruppi ġodda ta' appostolat, volontarjat, kultura nisranija u movimenti ta' missjunarji lajċi li jmorru jagħmlu esperjenza missjunarja anke ta' volontarjat f'diversi pajjiżi sotto-żviluppati. Anke s-sens ta' ġenerożità "nisranija" f'tant ġbir ta' fondi, kif rajna fil-jiem tal-Milied u tal-Ewwel tas-Sena, qed ikompli jikber dejjem aktar fil-qlub tal-Maltin u l-Għawdxin!

**Mela x'jonqos?! X'tibdil u tiġdid aktar radikali hu meħtieġ? U għaliex il-fidi u l-morali qed jiddgħajfu f'pajjiżna? U kif għandna u nistgħu nkunu "aħjar milli aħna" bħala "veri Nsara"?**

### *Tliet kelmiet li jfissru ħafna*

M'iniex xi espert fil-metodoloġija pastorali jew f'xi xjenzi sagri, lanqas xi profeta fil-ħajja spiritwali, jew xi filosofu fl-andamenti soċjali; wisq anqas ma jien xi mistiku jew "*intelligentia*" bħal Tereża t'Avila jew Karl Rahner...

Imma l-esperjenza personali fit-talb, fil-qari, fil-ħidma pastorali-saċerdotali, kkonvinċewni li s-sigriet ta' bidla vera, ġenwina u awtentika fil-ħajja nisranija, jinsab fi tliet termini jew kelmiet Griegi, tliet kelmiet li jiġbru fihom is-sens kollu ta' dak li aħna nsejħulu "tibdil" jew "tiġdid", kemm fil-ħajja personali kif ukoll f'dik ekkleżjali. Huma l-pedament sod u fl-istess ħin il-qofol kemm ta' tibdil ġenwin f'konverżjoni sinċiera personali, kif ukoll l-essenza ta' ri-evanġelizzazzjoni awtentika għal ta'ġewwa u għal ta' barra, għalmin irid isir nisrani veru u aħjar u anki għalmin tilef il-fidi jew jgħix bħala nisrani tal-isem biss jew ta' nofs kedda...Bihom nistgħu naslu biex "ninbidlu" ħafna, mingħajrhom ma ninbidlu qatt!

(1) "**METANOIA**" – Hija l-ewwel pass, anzi pass kontinwu fil-mixja twila li tkompli tiżviluppa u timmatura matul ħajtek kollha. Hija mibnija fuq ir-**rieda** personali sostnuta mill-**grazzja** kontinwa tal-qawwa t'Alla.

**Hija l-"iva" tiegħek personalment, b'konvinzjoni sħiħa u mhux bi drawwa, li trid tinbidel tassew: konverżjoni tal-moħħ, tal-qalb u tad-drawwiet komdi; fis-sahra, fit-talb, u fil-penitenza ta' kuljum, mhux biss fl-Avvent u fir-Randan.** Hija sostanzjalment l-ewwel sejħa ta' Ġesù lil kulħadd. "**Indmu** u **emmnu** fil-Bxara t-Tajba." (Mark 1, 15) Mela hija konverżjoni li tibda u tkompli tibni fuq żewġ kundizzjonijiet essenzjali: **indiema** sinċiera u **fidi** sħiħa, u mhux fi qrara ta' darba fis-sena jew f'reċita tal-Kredu bl-amment, imma fi stqarrija kontinwa tal-eremiti fid-deżert "*Kyrie eleison*", "Mulej ħniena, għax jiena midneb!", b'fidi mħeġġa biex fi Kristu ssir "ħolqien ġdid" billi "timxi f'ħajja ġdida" u "mejtin għad-dnub u ħajjin għal Alla". Ifli sew x'kiteb San Pawl fl-Ittra lir-Rumani, kapitli 6 – 7 – 8. U minn hemm kompli fittex u ssib li **bdejt tinbidel "bis-smiegħ tal-Kelma t'Alla".**

(2) "**KENOSIS**" – li tfisser "titbattal", billi tiċċekken, tiċċaħħad, tiżvojta lilek innifsek, mill-arroganza jew l-ambizzjoni, mill-vanità jew vanaglorja. Din il-kelma



tiġbor fiha dik il-massima fundamentali ta' Kristu: **"Min irid jimxi warajja, ikollu jiċħad lilu nnifsu..."**

Hija l-kundizzjoni ewlenija u prinċipali li Kristu għamel fl-evanġelizzazzjoni tiegħu kontra s-suppervja, l-awto-suffiċjenza, il-kburija personali, għax "min jitkabbar jiċċekken, u min jiċċekken jiġi mkabbar." Hija t-tieni pass kontinwu fil-mixja tal-vera konverżjoni, u l-aktar wieħed iebes għan-natura mħassra bid-dnub. **L-"iva" lil Alla tfisser "le" lilek innifsek.** Hija l-ħolqa morali u spiritwali li torbot il-"*metanoia*" mal-"*ascesis*", il-maturità nisranija fl-umiltà tal-moħħ u tal-qalb, fuq il-pass ta' Kristu nnifsu li "**battal lilu nnifsu billi ħa n-natura ta' lsir (qaddej)**... li ċekken lilu nnifsu u sar ubbidjenti sal-mewt..." (*Fil.* 2, 5-8)

L-għajta tar-Randan hija prinċipalment is-sejħa għal "*kenosis*" magħquda mal-"*metanoia*", sa minn Ras ir-Randan : "Ċarrtu qlubkom..." (*Ġoel*, 2, 13) u "Iddoqqx trumbetti quddiemek", (*Matt.* 6, 1-4) **Ma jistax ikun hemm vera konverżjoni ta' qalb il-bniedem, u lanqas ri-evanġelizzazzjoni sħiħa u ġenwina mingħajr ix-xandira u l-għixien tal-"*kenosis*".**

Anzi jiena naħseb li kull predikazzjoni tal-Vanġelu ma tkunx ġenwina jekk tinjora jew twarrab għal ġenb dan it-"tbattil" tal-moħħ u tal-qalb minn tant suppervja u superfiċjalità, vanità u vanaglorja, ambizzjoni u awtoritarjaniżmu, f'kelma waħda s-suppervja li waqqgħet l-Anġli u ħolqot l-infern, u waqqgħet lill-bniedem fl-Eden, u li għadha twaqqgħu u tbegħdu minn Alla. **Ma nistgħux nagħmlu ri-evanġelizzazzjoni komda għas-soċjetà moderna u mħassra tal-lum billi nwarrbu l-prinċipji fundamentali tal-Vanġelu:** il-"*metanoia*" (bidla kontinwa) fil-"*kenosis*" (iċ-ċaħda u t-tbattil tagħna nfusna). **Din hi t-triq ta' Kristu, u m'hemmx triq oħra komda blex tlmxl warajH...**

(3) "**ASCESIS**" – Bħalma r-Randan iwassalna għall-ferħ tal-Għid il-Kbir, hekk il-"*kenosis*" twassalna għall-"*ascesis*", it-tama tal-veru nisrani li jbati, jaħdem u jistinka bla heda biex jasal **għal veru destin tiegħu**, kif ifisser San Pawl fl-Ittra lill-Efesin, li jasal għall-"għana tal-wirt glorjuż tiegħu fost il-qaddisin."(Ef. 1, 18-19) Il-kelma "*ascesis*" (tintrefa' 'l fuq) tesprimi **r-rebħa tan-Nisrani fuq l-ispirtu tad-dinja, fuq kull ħażen u qerq, billi jinqata' u jintrafa' lejn Alla, għax għalih "Alla waħdu hu biżżejjed!"** (*Tereża t'Avila*)

Il-mixja twila u diffiċli fil-"*kenosis*" twassal lin-Nisrani biex jimtela' bl-Ispirtu t'Alla, bil-qawwa tal-grazzja t'Alla, li taħdem u tikber fih sa ma twasslu għall-wegħda ta' Kristu li "jkollu l-ħajja ta' dejjem". Hija l-"*ascesis*" ta' qalb il-bniedem li jasal biex f'Alla jsib il-vera mħabba u sliem minn din id-dinja stess, u kompletament fil-hena ta' dejjem. **Din hi t-tama u l-ideal tas-sejħa u tal-mixja nisranija tagħna.** U dan kollu għandu jkun l-iskop aħħari tar-Ri-evanġelizzazzjoni : is-salvazzjoni eterna tal-bnedmin kollha, kif xtaq u ordna Kristu: "Morru u xandru il-bxara t-tajba lill-bnedmin kollha... Min jemmen isalva! Min ma jemminx ikun ikkundannat!" Hawn il-qofol fl-iskop tal-predikazzjoni!

**Jekk irridu ngħixu Randan effiċjenti, fuq dawn it-tliet kelmiet Griegi rridu naħsbu ħafna u rridu naġixxu bis-serjetà... Inkella jgħaddi Randan ieħor u nibqgħu ma ninbidlux. U min jaf jekk dan hux l-aħħar ċans tiegħi u tiegħek?! Żomm f'moħħok dawn it-tliet kelmiet Griegi, aħdem fuqhom kuljum, u sib il-kuraġġ li tibda u tkompli tinbidel. Imma bis-serjetà!**

LUMEN CHRISTI BOOKSHOP

Triq Fortunato Mizzi, Victoria. Tel: 21560496/7



Fil-għodu biss: 8.30am - 12.30pm

Skont ta' 10% fuq kotba ta' qari tajjeb għat-tfal... is-sena kollha!



# X'għadda minn għalina



*Kronaka Għawdxija minn Charles Spiteri*

## *Konferenza Djoċesana tal-Familja*



Nhar il-Ġimgħa 27 ta' Jannar, ġewwa s-sala tal-Villa Fiorita f'Marsalforn, ġiet imtellgħa l-konferenza djoċesana tal-familja għas-sena 2012, bit-tema "Familja soda, soċjetà b'saħħitha". Il-kelliem ewlieni kien Don Carlo Bresciani, saċerdot Taljan li hu wkoll moralista u psikoterapista tal-familja. Is-suġġetti ewlenin kienu: ir-relazzjoni bejn il-familja u s-soċjetà u kif dawn it-tnejn jinfluwenzaw lil xulxin, u liema huma l-iktar valuri importanti għall-familja. Mons. Mario Grech wassal il-messaġġ tiegħu wkoll. L-għada s-Sibt, Don Bresciani għamel ukoll konferenza lis-saċerdoti tad-djoċesi dwar il-formazzjoni umana tas-saċerdot, u peress li huwa wkoll rettur tas-seminarju ta' Brescia iltaqa' wkoll mas-seminaristi. Il-messaġġ ta' Don Carlo Bresciani se jkun ippubblikat bil-Malti f'din ir-Rivista fil-ħarġiet tax-xhur li ġejjin.



## *Konferenza OASI*




Il-Fondazzjoni OASI hija assoċjata mal-problema tal-vizzji, però x-xogħol li twettaq il-Fondazzjoni huwa mifrux f'diversi ambiti soċjali. Il-Ġimgħa 13 ta' Jannar 2012, il-Fondazzjoni ngħediet konferenza pubblika fil-lukanda *Grand Hotel*, Għajnsielem, fejn ġew mgħotija r-riżultati tar-riċerka *Young People in Gozo – a study 2*. Dr. Andrew Azzopardi, *lecturer* fl-Università ta' Malta, fid-Dipartiment ta' *Youth and Community Studies* u li kien ir-riċerkatur responsabbli ta' l-istudju, ippreżenta spjegazzjoni dettaljata ta' l-analiżi tar-riżultati lill-udjenza preżenti.

Il-qofol ta' l-istudju kienu ż-żgħażagħ Għawdxin li l-età tagħhom kienet tvarja bejn l-10 u t-30 sena. L-istudju ġie ikkofinanzjat mill-Ministeru għal Għawdex taħt l-iskema tal-EKO Għawdex. Dan kien it-tieni studju li sar mill-Fondazzjoni OASI, meta fis-sena 2000 iż-żgħażagħ Għawdxin kienu mistoqsija dwar id-diversi temi li jirrigwardaw lilhom u lis-soċjetà Għawdxija. L-aħħar riċerka ġiet iffokata fuq divesi aspetti soċjali apparti l-vizzji, li fosthom kienu jinkludu s-sesswalità, ir-relazzjoni mal-ġenituri, attivitajiet rikreattivi, it-tolleranza lejn l-oħrajn, l-involviment fis-soċjetà, ir-reliġjon u l-ispiritwalità, u r-relazzjonijiet intimi.

Il-Konferenza li ġiet indirizzata wkoll mid-Direttur Ġenerali tal-OASI Dun Manwel Cordina u mill-Ministru għal Għawdex, Giovanna Debono, barra l-għadd sabiħ ta' interventi minn dawk preżenti, tmexxiet mill-President tal-Grupp Universitarji Għawdxi Ryan Mercieca.

Dawk kollha li jixtiequ kopja b'xejn ta' l-istudju jistgħu jmorru l-Fondazzjoni OASI, 5 Triq Wied Sara, ir-Rabat, Għawdex, biex jiġbru kopja jew iċemplu fuq 21563333.

## *Premju Ġieħ in-Nadur 2011*



Il-missjunarju Dun Raymond Portelli, nhar is-Sibt 21 ta' Jannar, ġie mogti l-premju Ġieħ in-Nadur 2011. Dun Raymond Portelli twieled fil-21 ta' Ottubru 1967 fin-Nadur, minn Pawlu u Anġela, xebba Xuereb. Ġie mgħammed mill-Arċipriet Mikiel Portelli fil-Bażilika Kolleġġjata ta' San Pietru u San Pawl nhar 22 ta' Ottubru 1967. Attenda ftit xhur mill-ewwel sena tal-iskola primarja fin-Nadur. Kompla l-edukazzjoni primarja kollha f'Saint Bernard ġewwa New York, fejn kien jgħix mal-ġenituri tiegħu. Fl-età ta' 11-il sena Raymond reġa' rritorna lejn raħal twelidu biex ikompli l-edukazzjoni sekondarja f'Għawdex. Attenda l-ewwel sena sekondarja fil-Liceo r-Rabat filwaqt li mit-tieni sena sal-ħames sena attenda fis-Seminarju Minuri tal-Qalb ta' Ġesù, fir-Rabat. Ġie ordnat saċerdot nhar is-Sibt 24 ta' Ġunju 1994 fil-Katidral t'Għawdex mill-Isqof Nikol Cauchi bl-ewwel *Prima Messa* nhar it-3 ta' Lulju. Xahrejn wara, Dun Raymond mar jaħdem fil-missjoni ġewwa l-Perù, f'liema perjodu talab lill-Isqof Nikol Cauchi biex jibda l-kors tal-Mediċina.

Matul dawn l-aħħar ħmistax-il sena Dun Raymond, bħala Saċerdot u Tabib, ta s-servizzi tiegħu ta' missjunarju f'żona tal-Amażonja. Matul dawn is-snin Dun Raymond fetaħ dar għall-morda bl-AIDS, żewġ t'idjar għal persuni li għandhom problema ta' droga u dar li tagħti kenn lil persuni li m'għandhomx fejn jorqdu bil-lejl u jingħataw ikla u sodda nadifa. Il-parroċċa ta' San Martin de Porres f'Iquitos fil-Perù, fejn jamministra Dun Raymond, toffri ukoll mitt ikla b'xejn kuljum lil familji li huma foqra. Sabiex ikun jista' jżomm dawn id-djar, hu jirċievi għajnuna kbira minn Għawdex kif ukoll minn Malta. F'din il-parroċċa hemm madwar 17,000 ruħ. Għandu ukoll f'idejh numru ta' rħula mifruxa matul ix-xmara Nanai. Minbarra x-xogħol kollu li jagħmel, Dun Raymond jaħdem ukoll fl-isptar u fil-ħabs bħala qassis. Jgħallem ukoll fis-Seminarju ta' Iquitos u anke fl-Università.

Il-komunità tan-Nadur tħoss li dan il-qassis, wild l-istess komunità, qiegħed iservi t'ambaxxatur tagħha fil-ħidma missjunarja, ħidma għal qalb il-poplu Naduri. Kien għalhekk li fis-sena ddedikata għall-volontarjat, il-Kunsill Lokali flimkien mal-Kumitat għall-Premju Ġieħ in-Nadur onora lil Dun Raymond b'dan il-premju. Fr Raymond ingħata ukoll Ġieħ Iquitos bħala rikonnoxximent għall-ħidma li qed iwettaq favur il-fqar ta' Iquitos. Waqt din is-serata, li għaliha kienu preżenti wkoll il-Ministri Giovanna Debono u Dr. Chris Said, Dun Rymond saritlu wkoll għotja ta' flus f'isem l-Ordni tal-Kavallieri ta' San Pietru u San Pawl.

## *Festa ta' Sant'Anton Abbati fix-Xagħra*



*Sant'Anton Abbati fuq il-perilja joqrob lejn il-Knisja Bażilika ta' Marija Bambina.*

Fl-okkażjoni tal-festa ta' Sant'Anton Abbati, meqjuma fil-knisja ddedikata lilu fix-Xagħra, nhar il-Ħadd 15 ta' Jannar, 2012, filgħodu, fi Pjazza Sant'Anton Abbati, saret iċ-ċerimonja tat-tberik taż-żwiemel minn Mons. Carmelo Refalo, Arċipriet tal-Parroċċa tax-Xagħra. Wara telqet sfilata taż-żwiemel minn Triq San Ġużepp għal Triq il-Knisja u Pjazza l-Vitorja li akkumpanjat l-istatwa ta' Sant'Anton fuq il-perilja, biż-żwiemel Reno u Silver, mmexxija minn Victor Muscat u ibnu Gabriel, sal-Bażilika ta' Marija Bambina. Ħadet sehem il-Banda *Victory*. Aktar qabel, jiġifieri fit-8.30 ta' filgħodu, Mons. Isqof Mario Grech mexxa quddiesa sollenni fil-knisja ta' Sant'Anton Abbati. Aktar tard fi Pjazza Sant'Anton Abbati, saret wirja tal-klieb u oħra tal-qtates, organizzata mill-Kunsill Lokali. Wieħed seta' jammira wkoll it-tlielaq tat-tfal.

Filgħaxija fil-Bażilika ta' Marija Bambina, Mons. Isqof Mario Grech mexxa t-Talb tas-Salmi u wara l-purċissjoni bl-istatwa ta' Sant'Anton Abbati, bis-sehem ukoll tal-Kapitlu, Kleru u l-Fratelli. Akkumpanjat il-purċissjoni l-Banda *Victory*. Mal-wasla fi Pjazza Sant'Anton, sar it-tberik ta' l-annimali minn Mons. Isqof Grech. Il-purċissjoni spiċċat fil-knisja ta' Sant'Anton fejn ingħatat l-Benedizzjoni Sagramentali.

## *Donazzjoni ta' 700 ewro lill-Arka*



*Michael Grech Financial* għamel donazzjoni fi flus lil Monsinjur Emanuel Curmi, b'risq il-Fondazzjoni Arka. L-għotja ta' €700, somma li nġabret ftit ftit matul is-sena 2011, minn donazzjonijiet ta' klijenti li jużaw is-servizzi ta' *Michael Grech Financial* u anke minn donazzjonijiet tal-impjegati stess, ġiet ippreżentata lill-Monsinjur Emanuel Curmi, mid-diretturi tal-kumpanija, Michael u Anna Grech, fuq il-post tax-xogħol ta' *Michael Grech Financial*, ġewwa l-*Brokerage*, ir-Rabat, Għawdex, nhar il-Ġimgħa 23 ta' Diċembru, 2011. Monsinjur Curmi apprezza ferm l-impenn ta' din il-kumpanija, li tgħin lill-Fondazzjoni Arka minn żmien għal ieħor.

## *Żgħażagħ iżuru l-Faċilità Korrettiva ta' Kordin*



Grupp ta' żgħażagħ mill-Parroċċa ta' Sannat, żar il-Facilità Korrettiva ta' Kordin, nhar il-Ħadd 15 ta' Jannar. Diż-żjara, li kienet okkażjoni speċjali għal dawn iż-żgħażagħ, saret possibbli bil-ħidma tas-Supretendent Abraham Zammit. Iż-żgħażagħ kienu milqugħa mill-Kap tas-Sigurtà, Mario Zahra, li fisser liż-żgħażagħ x'sistema tintuża f'dan il-lokal. Huwa dawwarhom mal-post, fosthom il-kappella, il-forn, l-iskola, il-grawnd sportiv, u postijiet oħra.

Iż-żgħażagħ Għawdxin żaru wkoll is-Sezzjoni *Youths*, li tilqa' fiha ż-żgħażagħ li jkunu fil-Faċilità Korrettiva ta' Kordin. Uħud miż-żgħażagħ li jgħixu hawnhekk irrakkontaw l-esperjenza tagħhom.

## *Inawgurazzjoni ta' 'belvedere' fix-Xagħra*

Il-Kunsill Lokali tax-Xagħra inawgura b'mod uffiċjali l-proġett ta' *belvedere* ġdid li jinsab fl-inħawi ta' Għajn Damma fi Triq il-Knisja fl-istess lokalità.

Dan is-sit jinsab mibni fuq waħda miż-żoni strateġiċi tax-Xagħra li hija magħrufa għall-veduti sbieħ li tgawdi. Il-*belvedere* jgawdi dehra mill-isbaħ tal-pajesaġġ tipiku Għawdxi u anke tal-bajja ta' Marsalforn li hija mfittxija minn bosta viżitaturi lokali barranin, b'mod partikolari fl-istaġun tas-sajf.



*Waqt it-tberik tal-Belvedere mill-Arċipriet Mons Carmelo Refalo. Jidhru wkoll is-Sindku Joe Cordina u Austin Walker, chairman tal-MEPA*

Il-*belvedere* ġie inawgurat mis-sindku Joe Cordina u tbierek mill-Arċipriet Mons. Carmelo Refalo waqt ċerimonja qasira li saret fl-istess post, nhar il-Ġimgħa 20 ta' Jannar. Iċ-ċerimonja inkludiet diskorsi qosra dwar l-iżvilupp tal-isem 'Għajn Damma' mill-istoriku Għawdxi Mons. Joseph Bezzina; minn Austin Walker, *chairman* tal-MEPA, il-Perit Edward Scerri, u s-Sindku tax-Xagħra, Joe Cordina. Tfal mill-Iskola Primarja tal-lokalità kantaw l-innu tal-Kulleġġ u dak 'Lix-Xagħra'.

Dan il-proġett kien parzjalment iffinanzjat mill-Fond għall Iżvilupp Urban amministrat mill Awtorità Maltija tal-Ambjent u l-Ippjanar.

## *Ninu Cremona – għeluq l-40 sena minn mewtu*

Fil-Banca Giuratale fir-Rabat, Għawdex , nhar is-Sibt 7 ta' Jannar, 2012, fis-7.00 p.m., ġiet inawgurata wirja li tfakkar l-40 anniversarju mill-mewt ta' Ninu Cremona, kittieb u studjuż Għawdxi li ta kontribut kbir lil-lingwa Maltija. Il-wirja kienet tinkludi manuskritti, kotba u oġġetti oħra marbuta mal-ħajja u l-ħidma ta' Ninu Cremona.

Ninu Cremona twieled ir-Rabat, Għawdex fis-27 ta' Mejju 1880 u miet fl-4 ta' Jannar 1972. Artiklu ppubblikat fuq is-sit elettroniku tal-Akkademja tal-Malti jiddeskrivih bħala "kittieb prolifiku" u jsemmi bħala l-aqwa xogħol tiegħu f'dan il-qasam id-dramm *Il-Fidwa tal-Bniedem*, imsejjes fuq l-istruttura klassika Griega. Jgħid ukoll li "l-akbar kontribut



tiegħu fil-Malti kien fit-tfassil tal-ortografija Maltija" tant li "l-istudju tiegħu għadu jgħodd sal-lum" u jinsab fil-ktieb *Tagħrif fuq il-Kitba Maltija* li ħareġ l-ewwel darba fl-1924. Kotba oħra ppubblikati minn Cremona jinkludu *Weraq mar-Riħ* (1932), *Rand u Riħan* (1945), *Mis-Sigra ta' Ħajti* (1970), in-novelli *Ktajjen Maqtugħa* (1968), u kontribuzzjonijiet oħra fil-qasam lingwistiku *X'inhu l-Malti Safi* (1925), *A Manual of Maltese Orthography and Grammar* (1929), *Tagħlim fuq il-Kitba Maltija* (l-ewwel volum fl-1935 u t-tieni volum fl-1938) u l-pubblikazzjoni *A Historical Review of the Maltese Lanugage* (1945). Isem Ninu Cremona hu assoċjat ukoll max-xogħol li għamel fuq biografiji fosthom dik dwar Mikiel Anton Vassalli, li anke kienet ġiet maqluba għall-Ingliż, u dik dwar Rużar Briffa. Ninu Cremona għamel ukoll diversi studji dwar il-lingwa imma wkoll tradizzjonijiet Maltin fosthom dawk folkloristiċi.

Il-wirja, li nfetħet uffiċjalment mill-Ministru għal Għawdex, Giovanna Debono, baqgħet miftuħa sas-Sibt 21 ta' Jannar. Preżenti għall-inawgurazzjoni kien hemm il-Ministru Chris Said, il-membru parlamentari laburista Justyn Caruana, il-persuna responsabbli mill-kultura f'Għawdex, Kevin Sciberras kif ukoll John Cremona mill-Ministeru għal Għawdex.

B'rabta ma' din l-attività, nhar il-Ġimgħa 13 ta' Jannar, fil-Banca Giuratale, ir-Rabat, Għawdex, fis-7.00pm, saret taħdita pubblika minn Joe Camilleri, bit-tema *Ninu Cremona Ħajtu u Kitbietu*. Biex titfakkar ukoll din l-okkażjoni tal-40 anniversarju mill-mewt ta' Ninu Cremona, il-kumpanija Maltapost ħarġet timbru speċjali li kien għall-użu fil-fergħa tal-Maltapost fi Triq ir-Repubblika, ir-Rabat, Għawdex.

## Laqgħa Ġenerali Annwali tas-Soċjetà Filatelika

Il-Laqgħa Ġenerali Annwali tas-Socjetà Filatelika t'Għawdex saret il-Ħadd 15 ta' Jannar fis-sala tal-kwartieri tal-*Victoria Scout Group*. Wara li nqraw ir-rapporti mill-President Anton Said, is-Segretarju Antoine Vassallo u t-Teżorier it-Tabib Michael Refalo, intlaqgħu nomini għall-kumitat il-ġdid. Imbagħad tqassmu ċertifikati u rigali lill-parteċipanti kollha li ħadu sehem fil-wirja li s-Soċjetà organizzat f'Novembru tas-sena 2011, f'waħda mis-swali tal-esebizzjonijiet li hemm fi Pjazza San Franġisk, ir-Rabat, Għawdex. Din id-darba l-*isponsor* prinċipali kien il-Bank Lombard. It-Trofew għall-aqwa esibit skont il-ġurija ntrebaħ minn Anthony Grech.



*Anthony Grech (lemin) jidher jiġi pprezentat bi trofew mill-president tas-Soċjetà Filatelika Għawdxija, Anton Said.*

## Festa ta' San Franġisk de Sales għall-Ġurnalisti Għawdxin



Bħal kull sena, fl-okkażjoni tal-Festa ta' San Franġisk de Sales, patrun tal-ġurnalisti, Mons Isqof Mario Grech iltaqa' ma' dawk kollha li huma b'xi mod impenjati fil-mezzi ta' komunikazzjoni tal-massa, ġurnali, televiżjoni, radju, u websajts.

Il-laqgħa ta' ħbiberija kienet tinkludi quddiesa ċċelebrata minn Mons. Isqof flimkien mal-poeta magħruf Għawdxi, Dun Ġorġ Mercieca, li saret nhar it-Tlieta, 24 ta' Jannar, għand is-Sorijiet Franġiskani fi Triq Palma, ir-Rabat, Għawdex. Il-lezzjoni nqrat minn Charles Spiteri waqt li l-offerti ttellgħu minn Eman Borg u Josephine Xuereb. L-animatur tal-quddiesa kien il-Kavallier Joe M. Attard. Mons. Isqof għamel ukoll l-omelija ta' l-okkażjoni. Wara l-quddiesa Mons. Isqof iltaqa' ma' dawk preżenti.

## *San Ġwann Bosco - festa fl-Oratorju fir-Rabat*



*Waqt it-tberik taż-żwiemel u annimali oħra minn Dun George Mercieca.*

Fil-Belt Victoria, nhar il-Ħadd 29 ta' Jannar ġiet iffestiġġjata l-festa ad unur San Ġwann Bosco. Filgħodu, fil-kappella tal-Oratorju Don Bosco, Mons. Isqof Mario Grech mexxa Konċelebrazzjoni Pontifikali, bis-sehem tal-Kor *Laudate Pueri* taħt it-tmexxija tal-Kan. Ġorġ Frendo. Lejn tmiem il-quddiesa, Dun Effie Masini, Dirttur tal-Oratorju, ġie ippreżentat bi kwadru ta' Don Bosco minn Josmar Saliba u David Galea, għan-nom taż-żgħażagħ li jiffrekwentaw l-Oratorju. Wara saret parata ta' żwiemel u ponijiet minn Pjazza San Franġisk sa ħdejn l-Oratorju, fejn sar it-tberik tal-*pets* u annimali minn Dun Ġorġ Mercieca. F'nofsinhar saret l-ikla tradizzjonali fil-Lukanda Calypso, Marsalforn.

Filgħaxija, fil-kappella ta' l-Oratorju, l-Arċipriet tal-Parroċċa tal-Katidral, Mons. Ġużeppi Attard iċċelebra quddiesa. Ħa sehem il-*Chorus Ecclesiae Cathedralis* taħt it-tmexxija ta' Mro. Colin Attard. Wara marċ mill-Banda Ċittadina *Leone* minn ħdejn l-Iskola Primarja fi Triq Vajringa sa Pjazza Santu Wistin, ħarġet il-purċissjoni bl-istatwa ta' San Ġwann Bosco, xogħol artistiku ta' Wistin Camilleri, li fiha ħadu sehem tfal, żgħażagħ, *Past Pupils* tal-Oratorju flimkien mat-tfal tal-iskejjel sależjani. Akkumpanjat il-purċissjoni l-Banda Ċittadina *Leone*, b'daqq ta' innijiet lil San Ġwann Bosco. Mexxa l-purċissjoni Mons. Ġużeppi Attard, Arċipriet tal-Parroċċa tal-Katidral. Mad-dħul lura tal-purċissjoni, ingħatat il-Barka Sagramentali u sar ukoll il-bews tar-Relikwa.

Aktar tard fis-Sala tal-Oratorju ttella' d-*Don Bosco Grand Concert* mill-*Gozo Youth Wind Band and Orchestra* taħt it-tmexxija ta' Mro. Joseph Grech. Filgħaxija wkoll, il-Ministru għal Għawdex inawgurat uffiċjalment *Hydraulic Lift* u d-dwal ġodda '*energy saving*' li ġew stallati fl-Oratorju taħt l-iskema Eko-Għawdex.

## *Twelid fl-Ewwel tas-Sena 2012*



Twieldet fl-ewwel tas-Sena fl-10.40 a.m. fis-Sala tal-Maternità fl-Isptar Ġenerali t'Għawdex. Semmewha Krista.Ommha Vivienne xebba Debrincat mix-Xagħra. Missierha Anthony Portelli minn u joqogħdu n-Nadur. Il-familja Portelli għandhom tifla oħra, Joslyn, li twieldet fil-15 ta' Marzu 2010.

Waqt li minn qalbna nifirħu lill-koppja Portelli għat-tieni wild tagħhom, nixtiequ wkoll nawguraw lil tant koppji oħra li qed jistennew tarbija fix-xhur li ġejjin. U min qed jibża' li ser tispiċċa d-dinja f'Diċembru li ġej, nissuġġerulu jaqra' l-artiklu interessanti f'paġni 22-23.

## *Restawr ta' statwa*

Fl-okkażjoni tal-inawgurazzjoni tax-xogħol ta' restawr tal-istatwa tal-Madonna tal-Grazzja li tinsab fi Triq il-Kapuċċini, Victoria, nhar il-Ħadd 29 ta' Jannar 2012, Patri Gwardjan Carmelo Dimech mexxa konċelebrazzjoni fil-knisja tal-Kapuċċini. Saru kelmtejn kemm mill-Gwardjan kif ukoll minn Anthony Borg, Kap tas-Segretarjat fil-Ministeru għal Għawdex, f'isem il-Ministru Giovanna Debono.



Wara saret purċissjoni għal ħdejn l-istatwa bit-talba tar-Rużarju u bis-sehem tal-*Victoria Scout Group*. Imbagħad sar it-tberik tal-istatwa.

Din l-istatwa hija waħda storika u għalkemm wieħed ma jafx eżatt f'liema sena saret, mill-iskrizzjoni li hemm fuq il-pedestal wieħed b'xi mod jista' jsemmi l-perjodu ta' bejn is-sena 1846 – 1878 waqt il-pontifikat tal-Papa Piju IX.

RIFLESSI — Notamenti tal-Kav. Joe M. Attard

# Frar - l-iqsar u l-eqqel!

*Għalkemm qsajjar reġa' magħna*
*Dan l-imqarqaċ xahar ta' Frar*
*Illi skont misserijietna*
*Jingħad li jfawwar il-bjar!*

F'waħda mill-poeżiji li ta' kull sena nikteb dwar il-festi tradizzjonali tal-Karnival, din is-sena hekk fettilli niftaħ din il-ftit saffika tiegħi u afli ma mortx żball għax fis-sitta u sittin sena li għandi ma niftakarx Frar bħal ta' din is-sena. **Veru tilef rasu u qed jurina li għalkemm il-fissud, jidher li tilef kull raġuni u jrid juri lil sħabu xi jfisser għalkemm l-iżgħar fosthom! L-antenati tagħna ħarġu bil-qawl popolari li dan huwa x-xahar tal-ilma u veru dan l-għidut qed jivverifika ruħu, għax ix-xita li qed tagħmel ma hix xi ħaġa tas-soltu u qed tħalli ħerba.** Uħud mit-treqat tagħna jsiru qishom xmajjar u allaħares tkun miexi wara xi ħalba xita u tinzerta għaddej fit-triq għax l-ewwel karozza li tgħaddi minn ħdejk taf taħslek minn rasek sa saqajk. Biex tagħqad bħalissa bosta mit-treqat tagħna qed litteralment jinbnew mill-ġdid u allura tistgħu taħsbu f'liema stat ta' tajn u konfużjoni jsibu ruħħhom fihom wara xi maltempata. Veru li biex tgawdi trid tbati qabel, imma donnu l-kuntratturi kollha ddeċidew li jaqbdu issa fit-treqat tagħna. U biex ma ninħbewx wara subgħajna sewwa li ngħidu wkoll li l-elezzjoni, għalkemm mhux wara l-kantuniera, mhix daqstant 'l bogħod u f'sena bosta proġetti jafu jingħalqu u allura jħallu togħma tajba fl-eletturi tagħna. Il-flus tal-Ewropa jridu jintefqu fi żmien stipulat; altrimenti titlef kollox u allura sewwa li dawn nużawhom għall-ġid ta' pajjiżna. Imma ħej **it-temp qed ikagħbarna wisq u r-riħ ukoll qed jonfoħ ġmielu u t-temperatura qed tinżel xi ftit iktar mis-soltu, u aħna għax tgħid, m'aħniex imdorrijin għal dan it-tip ta' ksieħ u reżħa, bħalma qed jgħidu bħalissa l-istess ir-Rumani, li rari jaraw l-istatwi tal-Vatikan miksija bis-silġ! Irridu nammettu li hu matul dan ix-xahar li l-Appostlu tal-Ġnus, San Pawl Missierna, kien tfarrak fuq xtutna fis-sena 60 W.K. Kienet żgur xi maltempata qawwija, xi grigalata ejwan, li l-ġifen ta' Pawlu u sħabu ma felħux għalihom u l-baħar, kif ngħidu, kien jibla l-art biex dik iċ-ċorma nies sabu ruħhom fuq artna u dawk il-povri ttellgħu l-art u kebbsulhom in-nar bil-ksieħ u x-xita li kienu qed jaħbtu għal gżiritna dak iż-żmien!** Aħsbu ftit fi sħabna l-Għawdxin li ħafna minnhom iridu jħabbtu wiċċhom mal-ħalel tal-fliegu biex jaqilgħu l-ħobża ta' kuljum jew biex ikomplu għaddejjin bl-istudju tagħhom! Veru li llum il-flotta tal-*Gozo Channel* hija waħda tajba u żgura imma l-maltemp ma jaħfirha lil ħadd! Biex inkunu għidna kollox, Frar iġib miegħu l-Karnival u meta t-temp jippermetti l-poplu tagħna jifraħ u jiddeverti!



**Naħseb li aħna lanqas m'aħna ppreparati għal dan it-tip ta' temp; ma teżistix sistema li ssaħħan lid-djar tagħna; sempliċement 'heater' tad-dawl jew tal-gas – li mhumiex irħas – biex taqta' xi ftit mill-kesħa, u dawn ma tridx titbiegħed minnhom wisq għax tkun qisek ma xgħelt xejn.**

Lilna jsibuna bħala l-*Maltese Gemgem* u allura ma rridx nagħlaq din il-kitba qasira billi noqgħod nilmenta u neqred – talinqas, għal min jafni, jien miniex maqtugħ biex nagħmel hekk; imma Frar ta' din is-sena donnu ried jurina x'jaf u li fuq l-elementi m'hemm ħadd (bl-Ingliż ngħidu: *as inclement as the weather!*) ħlief Dak li jippermettihom u allura f'dan kollu ejjew naraw ukoll Id il-Ħallieq li forsi tinqeda b'kollox biex tbeżbiżna xi ftit. Nieħdu kollox minn idejh u kif jgħid il-qawl l-ieħor **"Wara l-maltemp jiġi l-bnazzi" u jiena ċert li l-qawsalla mhix fil-bogħod!**


ĦALLI F'IDEJN MIN JIFHEM!

*Għoxrin sena esperjenza fit-tiswija ta' bjut li joqtru jew li jimmoffaw bl-ilma tax-xita...*

**GREZZJU BONELLO**

*lest li jiġi jagħtik parir u stima b'xejn!*

Tel: **2155 7694** Mob: **9946 9102**

*Kummentarju (2)*

# *L-Eżamijiet tal-Istudenti Universitarji f'Għawdex - bżonn u dritt!*



*kitba ta'* **JOELENE ATTARD,** Segretarja Ġenerali GUG

**Tul dawn l-aħħar għaxar snin kienu bosta l-organizzazzjonijiet li qajmu diskussjoni dwar il-bżonn li l-eżamijiet għal dawk l-istudenti Għawdxin li jattendu l-Università f'Malta jibdew isiru f'Għawdex.** Għalkemm ħafna qajmu l-punti tagħhom baqa' ma sar xejn. Madankollu kull student li tistaqsi, jistqarr li jrid li l-eżamijiet ikunu f'Għawdex u jsemmilek bosta raġunijiet. Din il-kwistjoni ma tinqalax għax aħna, l-istudenti Għawdxin, irridu li nkunu ppreferuti minn dawk Maltin, iżda għas-sempliċi raġuni li rridu nkunu ttrattati l-istess. Għaliex l-istudenti Għawdxin ma jistgħux ikunu mal-familja waqt perjodi tant stressanti f'ħajjithom?

Meta studenti Għawdxin jaqsmu minn Għawdex għal Malta, huma jibdew jesperjenzaw indipendenza u livell ogħla ta' responsabbiltà. Iridu jsibu fejn jgħixu, probabbli ma' xi tlieta jew erbgħa studenti oħra li jkunu jew ħbieb tagħhom jew nies totalment ġodda għalihom. Barra minn hekk, iridu jitgħallmu jsajru, jaħslu l-platti u l-ħwejjeġ u jaraw kif se jġorru ħwejjiġhom lura fl-aħħar tal-ġimgħa fuq ix-xarabank tal-linja mimlija studenti u nies oħra. **Il-ħin li jieħdu biex jiġu Għawdex u jmorru lura lejn Malta huwa ħin moħli, u dan speċjalment waqt l-eżamijiet, kulħadd moħħu biex jasal lura ħalli jkompli jistudja. Barra mill-istudju jridu jattendu l-aħħar ftit lezzjonijiet ġewwa l-Università għax dawn ma jispiċċawx qabel l-aħħar ġimgħa ta' qabel l-eżamijiet.** Ħafna studenti anke jagħżlu li jiġu lura Għawdex fil-perjodu tal-eżamijiet u jitilgħu għal kull eżami li jkollhom. Barra li jridu jqumu kmieni, dan fix-xitwa huwa ta' riskju minħabba l-maltemp u l-possibbiltà li l-vapur ma jaħdimx. Għaliex student Għawdxi m'għandux ikun moħħu mistrieħ minn affarijiet oħra biex ikun jista' jżomm l-attenzjoni u l-konċentrazzjoni tiegħu fuq l-eżamijiet biss meta żgur hekk jixraq?



Din mhix xi ħaġa li hi impossibbli biex issir, imma sempliċiment kunċett ġdid li għadu jrid jiġi implimentat u ppruvat. Ma' proposta ta' sistema ta' eżamijiet f'Għawdex jidħlu ħafna bidliet, imma l-Grupp Universitarji Għawdxin huwa dedikat li jipprova jgħin biex jagħmel il-ħajja tal-istudent aktar faċli. Reċentement, il-Grupp irċieva ittra mill-Ministeru għal Għawdex li approva l-proposta u lest li jissapportja u jipprovdi l-loġistika neċessarja biex tiġi implimentata din is-sistema: **li nagħtu l-għażla lill-istudenti Għawdxin biex jagħmlu l-eżamijiet f'Għawdex. Il-Grupp bħalissa qed jaħdem ukoll fuq petizzjoni biex naċċertaw li l-istudenti Għawdxin jiġu mismugħa u din il-ħolma ta' ħafna studenti ssir realtà.**

**Esperti fis-servizzi tal-vjaġġar...**

JPE TravelServices LIMITED

A member of the KDM Group

- Ġiti...
- *Cruises...*
- Titjiriet... anke tal-Low Cost
- *Lukandi... u akkomodazzjoni oħra*
- Kiri tal-karozzi u ħafna servizzi oħra

Tel: Victoria Gozo: 21561212/3 Valletta: 21235772 or info@jpetravel.net

*Kummentarju (3)*

# L-Effetti tal-Midja fuqna

## *F'dan ir-Randan ta' min forsi jsum tal-anqas għal jum wieħed mit-televiżjoni jew mill-internet!*



*kitba ta'* MONS. RENATO BORG

L-awtur C. S. Louis għandu ktieb satiriku li jġib l-isem "*The Screwtape Letters*". Din l-istorja tieħu l-forma minn sensiela ta' ittri li xitan xiħ "*Screwtape*" jikteb lin-neputi tiegħu, xitan żagħżugħ li jġib l-isem ta' "*Wormwood*", biex jagħtih pariri ta' x'għandu jagħmel biex lill-"Pazjent" li jkollu taħt idejh żgur jispiċċa fid-dannazzjoni eterna. F'ittra minnhom Wormwood jilmenta li l-pazjent tiegħu ma jemminx fix-xjaten u lanqas jemmen li x-xjaten jistgħu jittantawh biex iwaqqgħuh fil-ħażen. Ix-xitan anzjan *Screwtape* jiktiblu lura u jwissih biex kemm jista' jkun ma jurix lill-pazjent li x-xjaten jeżistu għaliex m'hemmx aħjar milli wieħed jinjora l-eżistenza u l-effetti tax-xitan fuq il-ħajja tal-bniedem u tas-soċjetà. L-istess jista' jingħad għal dawk li jaħsbu li l-mezzi tal-komunikazzjoni soċjali ma jħallux effett fuq ħajjithom u fuq dawk li jagħmlu użu minnhom. M'hemmx atteġġament iktar perikoluż milli wieħed, li jagħmel użu minn dawn il-mezzi, ma jagħrafx l-effetti pożittivi u negattivi tagħhom.

**Il-mezzi tal-komunikazzjoni soċjali, illum m'għadhomx biss il-gazzetti, it-televiżjoni u r-radio għaliex magħhom nistgħu ngħoddu l-*internet*, *Facebook*, *Twitter*, *SMS* u mezzi oħra li t-teknoloġija ta' żminijietna għamlet possibbli. Dawn ilkoll għandhom diversi aspetti pożittivi fuq il-ħajja tal-bniedem u tas-soċjetà:**

- Dawn jagħtu l-possibbiltà ta' tagħlim u ta' informazzjoni utli f'kull qasam biex wieħed ikabbar l-għarfien tiegħu, fi żmien qasir u mill-kumdità ta' daru.
- **Nistgħu ngħidu wkoll li permezz ta' dawn il-mezzi tassew id-dinja kollha saret villaġġ globali; dan għaliex fi ftit ħin mhux biss inkunu nafu x'inhu jiġri f'diversi pajjiżi madwar id-dinja iżda nkunu nistgħu naraw b'għajnejna dak li jkun għaddej. F'dan ir-rigward l-għajnuna tista' tasal iktar malajr u tkun ukoll iktar konsistenti.**
- Dawn il-mezzi għamluha possibbli biex ċerti ħaddiema jkunu jistgħu jagħmlu x-xogħol tagħhom tal-uffiċċju mid-dar tagħhom stess u hekk sar iktar possibbli għall-mara u r-raġel tal-familja li jirrikonċiljaw ix-xogħol mal-ħtiġijiet tal-familja tagħhom.
- Fenomenu li deher fis-sena 2011 hekk imsejjaħ "ir-rebbiegħa Għarbija" kien li permezz tal-użu ta' dawn il-mezzi popli sħaħ kienu kapaċi jorganizzaw reżistenza qawwija kontra dawk li kienu jaħkmu fuqhom b'mod dittatorjali u bi ksur tad-drittijiet tal-bniedem. Dan kien possibbli għaliex s'issa għad mhux possibbli li xi ħadd jikkontrolla u jimmanipola kompletament dawn il-mezzi jekk mhux b'azzjonijiet drastiċi.

Mela huma ħafna l-aspetti pożittivi li jistgħu joħorġu bl-użu tajjeb ta' dawn il-mezzi. Dan qegħdin ngħiduh għax ikun hawn min jaħseb li l-Knisja għandha ħarsa negattiva lejn dawn il-mezzi. Dan mhux il-każ. Il-pożizzjoni tal-Knisja quddiem dawn il-mezzi hija l-istess pożizzjoni li tieħu quddiem l-użu ta' kwalunkwe mezz, li fih innifsu hu newtrali, għax jista' jkun tajjeb jew ħażin, jiddependi minn kif wieħed jużah u b'liema skop iħaddmu. F'dan is-sens il-mezzi tal-komunikazzjoni soċjali jistgħu jkunu negattivi għax min jużahom jew jinqeda bihom biex jikkomunika mal-oħrajn jagħmel dan b'detriment għad-dinjità tal-bniedem, billi, ħafna drabi, jqiegħed il-qliegħ u l-gwadann 'il fuq mill-bniedem.

### *1. Il-pornografija.*

Nixtieq nagħmilha ċara li mhux ser nieqaf fit-tul fuq dan l-effett ħażin tal-pornografija anke jekk huwa fenomenu mifrux fost iż-żgħażagħ u l-adulti tagħna. Dan għaliex ninsab konvint li l-ħsara fl-użu ħażin tal-mezzi tal-komunikazzjoni soċjali mhix marbuta biss mal-pornografija iżda wkoll ma fenomeni oħra li huma iktar sottili u li qegħdin jagħmlu ħsara wkoll lis-soċjetà tagħna. Iżda ma nistax ma nsemmix dan l-effett li qiegħed jolqot l-edukazzjoni u l-maturità taż-żgħażagħ tagħna meta jiġu biex jibnu relazzjoni mal-persuna tas-sess divers, qed isibuha diffiċli li jilqgħu u jirrelataw mal-persuna l-oħra b'mod sħiħ. **Bil-pornografija tingħata viżjoni mgħawġa ta' kif il-bniedem għandu jħares lejn is-sesswalità u b'mod partikolari lejn ix-xbieha tal-mara. Fi ftit kliem is-sesswalità tiġi miftuma mill-imħabba vera. Il-pornografija għandha titqies għal dik li hi; impriża ta' qliegħ li xi wħud jużaw billi jisfruttaw lill-bniedem saħansitra anke it-tfal żgħar biex akkost ta' kollox iħaxxnu bwiethom. Il-persuna ma tibqax tiġi milqugħa għal dak li hi iżda ssir oġġett ta' pjaċir għal gost u l-użu ta' min qed jisfruttaha.** Waħda avukatessa Amerikana li taħdem ħafna fil-kawżi ta' divorzji ssemmi l-pornografija bħala waħda mir-raġunijiet li qegħdin ifarrku r-relazzjoni ta' tnejn li jagħtu lil xulxin fiż-żwieġ. Il-gvern Ingliż ta' David Cameron, qiegħed jaħdem u jagħmel minn




kollox biex jipprova jrażżan il-pornografija fl-użu tal-Internet fost it-tfal u ż-żgħażagħ għaliex huwa konvint li waħda mir-raġunijiet li minħabba fiha ż-żgħażagħ qed jaslu li jkollhom esperjenza sesswali minn żmien bikri hija dovuta għall-fenomenu tal-pornografija; dawn l-esperjenzi sesswali fiż-żgħażagħ barra effetti psikoloġiċi qegħdin jirriżultaw fit-tqaliet ta' tfajliet żgħar, kif ukoll f'"*sexual transmitted diseases*" (STDs) li kulma jmur qegħdin dejjem jinxterdu.

## 2. *Ftaqarna fil-komunikazzjoni ta' bejnietna*

Waħda mill-effetti li qiegħed iħalli l-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni soċjali huwa li litteralment qed jagħmel minna poplu li m'għadux kapaċi jikkomunika ma' xulxin jekk mhux permezz tal-użu ta' xi mezz mekkaniku. F'din l-era ddominata kif inhi minn dawn il-mezzi tal-komunikazzjoni soċjali wieħed jaħseb li bħala riżultat kellna nistagħnu fil-komunikazzjoni ta' bejnietna. Iżda l-ħajja ta' kuljum u studji li saru f'dan il-qasam juru li l-bniedem sar inqas kapaċi li jikkomunika mal-oħrajn jew inkella li dawn il-mezzi qed jagħmluha diffiċli għall-bniedem biex jikkomunika. Diversi studjużi tal-lingwi jinnotaw li ankè l-mod kif nużaw dawn il-mezzi ftaqarna f'dak li huwa vokabolarju lingwistiku. Huwa veru li xi minn daqqiet l-istess mezzi ħolqu lingwaġġ ġdid ta' komunikazzjoni però dan il-lingwaġġ ħafna drabi mhux marbut mal-lingwa mitkellma. Xi wħud li jagħmlu użu minn dawn il-mezzi, filwaqt li jħossuha faċli li jiktbu u jgħidu dak li jridu fuq dawn il-mezzi, jsibuha mbagħad diffiċli biex jiffaċċjaw persuna u jidħlu f'komunikazzjoni magħha. Għandna ġenituri u wlied li llum kapaċi jikkomunikaw bejniethom biss bl-SMS u mhux kapaċi joqogħdu bilqiegħda u jitkellmu ma' xulxin. **Xi familji jgħidulek li mhumiex isibu mument wieħed biex jiltaqgħu flimkien, biex jieklu, biex jitolbu u lanqas saħansitra biex jiddevertu u jistrieħu flimkien, għaliex it-televiżjoni, l-internet, u l-oħrajn ħadu l-post ta' dan kollu. L-użu ta' dawn il-mezzi flimkien mal-istil ta' ħajja li qegħdin ngħixu għamluha diffiċli li nisimgħu lil xulxin. Illum ftit issib min lest li jisimgħek, mhux biss għaliex kulħadd għandu x'jagħmel iżda wkoll għaliex fuq kollox aħna qegħdin f'dinja tal-immaġini tant li nsibuha diffiċli ħafna nsegwu u nikkonċentraw meta nisimgħu lil min jitkellem.**

## 3. *Passività li serqet il-kreattività*

Fl-użu ta' dawn il-mezzi tal-komunikazzjoni soċjali hemm il-periklu li iktar ma wieħed jużahom iktar huwa faċli li jaqa' f'ċerta passività kif ukoll ma jibqax iktar kreattiv. Huwa veru li llum hemm ċerti mezzi li huma interattivi però fil-maġġor parti min jagħmel użu minn dawn il-mezzi jkun iktar spettatur passiv milli wieħed li jieħu sehem attiv. **Importanti ħafna li dawn il-mezzi ma jintużawx bħala "*baby-sitters*" mat-tfal żgħar tagħna.** Naf li hija ħaġa komda tixgħel it-*television* lil ibnek jew bintek żgħir/a biex joqgħodu bi kwiethom, naf ukoll li kulħadd jgħaddi minn mumenti ta' għejja u ma jkunx jiflaħ jikkumbatti iktar. **Tajjeb li nżommu quddiem għajnejna li l-użu ta' dawn il-mezzi mingħajr limitu ta' ħin huma ta' periklu għall-iżvilupp ta' wliedna.**

## 4. *Dipendenza*

L-użu eżaġerat ta' dawn il-mezzi tal-komunikazzjoni soċjali qed joħloq "dipendenzi" ġodda. Diġà twaqqfu kliniċi fil-Ġappun, fl-Ingilterra u madwar l-Ewropa għal tfal u żgħażagħ li tant kienu spiċċaw *adicts* għal dawn il-mezzi li la kienu jieklu u lanqas baqgħu kapaċi jidħlu f'relazzjoni mal-oħrajn. Veru li forsi aħna għadna ma wasalniex f'dan l-estrem iżda hu veru wkoll li xi minn daqqiet nassistu għal tfal li saħansitra m'għandhomx il-ħila jieklu jekk mhux b'xi logħba jew bil-*mobile phone* f'idejhom. **Uħud mill-familji jsibuha diffiċli jiltaqgħu flimkien jekk mhux bit-televiżjoni miftuħ quddiemhom. Għalhekk tajjeb li wieħed ikollu kontroll mhux biss ta' x'jara iżda wkoll kemm ħin jgħaddi quddiem dawn il-mezzi.** Tkun ħaġa li tista' tgħinna ħafna jekk wieħed jagħmel *time-table* tal-ħin li jqatta' fl-użu ta' dawn il-mezzi biex hekk ikun jista' joħloq bilanċ fil-ħajja tiegħu. Ħaġa li tista' tgħinna ħafna hija meta wieħed jipprogramma minn qabel xi jkun bi ħsiebu jara u kemm ħin għandu f'moħħu li jgħaddi fuq l-internet eċċ. Il-Kardinal Martini meta kien għadu Arċisqof ta'



Milan kien ta suġġeriment biex **matul iż-żmien tar-Randan u fi żminijiet oħra, bħala sagrifiċċju, persuna jew il-familja kollha flimkien jiddeċiedu li jagħmlu l-hekk imsejħa *"la giornata del silenzio"* - "jum ta' skiet" li fiha l-bniedem jinfatam minn dawn il-mezzi biex isib iktar lilu nnifsu u jiskopri mill-ġdid is-sbuħija tas-silenzju.**

*5. Jistgħu jitfgħu l-bniedem f'ħajja virtwali.*

Effett ieħor li qegħdin naraw madwarna bl-użu ta' dawn il-mezzi huwa li l-bniedem qiegħed jinqata' mill-ħajja reali, mill-ħajja ta' kuljum u mhux biss ma jafx x'inhu jiġri madwaru imma qisu qiegħed jgħix ħajja jew aħjar f'dinja kollha kemm hi għalih. **Il-mod ta' kif qed juża dawn il-mezzi il-bniedem qed isib ruħu f'dinja virtwali, jiġifieri f'dinja immaġinarja li teżisti biss fl-internet u fuq il-mezzi l-oħra li l-persuna tagħmel użu minnhom.** Huwa veru li xi minn daqqiet il-bniedem jagħmel dan biex jaħrab mir-realtà ta' kuljum li kif nafu fiha l-piżijiet u r-responsabbiltajiet tagħha. Iżda dawn il-mezzi filwaqt li jistgħu jkunu ta' għajnuna għalina biex nistrieħu xi ftit, jekk ma nkunux attenti jispiċċaw ir-refuġju tagħna fejn naħarbu minna nfusna u mir-realtà ta' madwarna .

***6. Il-verità` ġie li tiġi sagrifikata***

Imbagħad żgur li l-mezzi tal-komunikazzjoni soċjali jkollhom effett negattiv meta jkunu jikkomunikaw diżvaluri. Hekk per eżempju bħal meta jxerrdu l-kultura tal-vjolenza, tal-mibegħda razzjali u lejn dak kollu li huwa differenti "minna", meta jissagrifikaw il-verità biex joħolqu is-sensazzjonaliżmu, meta jipprovaw jibnu soċjetà konsumista u edonista, u meta jżommu quddiem għajnejhom in-"numru" ta' dawk li qegħdin jagħmlu użu minn dawn il-mezzi u mhux lill-"persuni" li qegħdin jużawhom. Hawnhekk ir-responsabbiltà qiegħda iktar fuq l-operaturi li jħaddmu dawn il-mezzi. **Importanti li wieħed jagħraf li l-verità għandha dejjem tiġi mħarsa minn kulħadd. Xi minn daqqiet issir insistenza kbira biex il-mezzi tal-komunikazzjoni soċjali pubbliċi jkunu bilanċjati f'dak li jwasslu. Imma b'rispett lejn il-bniedem u lejn il-verità kulħadd, anke l-istazzjonijiet privati għandhom iżommu ċertu bilanċ li jħares il-verità.** Jiena personalment ma nħossx li huwa ta' ġid kbir għad-demokrazija f'pajjiżna li l-partiti politiċi jkollhom l-istazzjon tagħhom għaliex insibha diffiċli nifhem kif dawn jistgħu ma jwasslux l-aġenda tal-partit f'dak li jippreżentaw. Fil-fatt dawk li huma ħielsa li jitfgħu ħarsithom fuq diversi stazzjonijiet u mhumiex marbutin ma stazzjon wieħed partikolari, jkollhom is-sensazzjoni li qegħdin jgħixu f'żewġ pajjiżi kompletament differenti - għax **jekk isegwu wieħed jgħidilhom li qegħdin fl-infern u jekk isegwu l-ieħor jgħidilhom li qegħdin fil-ġenna tal-art. Din is-sitwazzjoni ma tgħinx għal maturità ta' dik il-Politika li fuqha għandha tinbena d-demokrazija vera.**

*Għidli x'tara u ngħidlek x'int.*

Il-mezzi tal-komunikazzjoni soċjali tant għandhom effett fuqna li nistgħu ngħidu: "Għidli x'tara u ngħidlek x'int". Fil-fatt nistgħu ngħidu li ħafna mill-ħajja soċjali li qegħdin ngħixu fiha llum, bit-tajjeb u l-ħażin tagħha, hija frott ta' dawn il-mezzi. Huwa veru li kif stqarr il-Beatu Ġwanni Pawlu II aħna ħafna drabi nħossuna impotenti quddiem dawn il-mezzi hekk kbar u f'saħħithom iżda **l-bniedem sakemm jibqagħlu l-fakultà li jagħżel u l-kapaċità li jagħżel it-tajjeb allura nistgħu ngħidu li l-bniedem jista' jkun tassew "hu", - mingħajr ma jħalli lil ħaddieħor isawru f'xi ħaġa oħra li hu ma jridx.**

*(Diskors fis-Seminar organizzat mill-MAS dwar il-Mezzi tal-Komunikazzjoni Soċjali nhar il-25 ta' Novembru 2011 fis-sala tal-Ministeru t'Għawdex.)*



*Kummentarju (4)*

# Studju fuq iż-Żgħażagħ Għawdxin



*kitba ta'* **RYAN MERCIECA**

**Reċentement kont mistieden biex inkun kelliem u moderatur fl-okkażjoni tat-tnedija tal-istudju li sar mill-fundazzjoni OASI fuq iż-żgħażagħ Għawdxin. Dan l-istudju sar ħdax-il sena wara l-ewwel studju mill- istess OASI, il-Fondazzjoni mmexxija minn Dun Manwel Cordina li għal dawn l-aħħar għoxrin sena għamlet ħidma bla waqfien.**

Bħala żagħżugħ Għawdxi, nħossni fid-dmir li nagħti l-kummenti tiegħi fuq studju daqshekk importanti. Però qabel xejn wieħed għandu jifhem kemm huwa xieraq li jsir studju bħal dan. Inizjattivi bħalu għandhom isiru fuq bażi aktar regolari, għaliex huwa importanti li bħala poplu ta' dan il-pajjiż nagħrfu r-realtà li qegħdin fiha.

Din ir-realtà hija li aħna, ilkoll kemm aħna, nagħmlu poplu wieħed li jgħix f'pajjiż wieħed, iżda f'dan l-istess pajjiż qed insiru dejjem aktar konxji li hawn żewġ soċjetajiet, dik li tgħammar f'Malta u dik li tgħammar f'Għawdex. Bejn dawn iż-żewġ soċjetajiet għandu jkun hemm armonija u rispett biex flimkien jaħdmu għall-ġid komuni tal-pajjiż kollu kemm hu. Għalhekk studju bħal dan imniedi mill-OASI iwassal sabiex, l-ewwelnett aħna l-Għawdxin stess nifhmu aħna min verament aħna, u mbagħad nagħrfu kemm huwa importanti li nkunu magħqudin fuq il-problemi li aħna nistgħu niffaċċjaw ta' kuljum sabiex b'vuċi waħda u bi sforz kollettiv inkunu nistgħu insolvuhom.

**Dan l-istudju għandu jwassal sabiex nagħrfu aktar b'urġenza kemm huwa importanti li ċerti strutturi reġjonali imisshom ikunu stabbiliti b'mod immedjat sabiex Għawdex, tant maħbub minna, ikun verament "reġjun",- mhux biss "reġjun" fuq il-karta u paroli iżda anke b'mod strutturat u amministrattiv. Pass importanti għandu jkun "uffiċċju tal-istatistika reġjonali" sabiex jistudja mill-qrib ir-realtà Għawdxija f'setturi oħra tas-soċjetà Għawdxija. B'hekk meta jiġu biex jittieħdu deċiżjonijiet fuq Għawdex ikunu bbażati fuq realtà u fatti u mhux fuq ambizzjonijiet politiċi jew fantasija.**

Naqbel perfettament ma' Dr. Andrew Azzopardi, l-awtur ta' studju imniedi mill-OASI fejn qal li ż-żgħażagħ Għawdxin qegħdin jgħixu d-dinja moderna mingħajr ma jarmu dak li jsawwarhom. Hu jiddeskrivi liż-żgħażagħ Għawdxin bħala żgħażagħ "reżiljenti u entużjasti lejn il-komunità tagħhom."

Ħassejtni kburi ukoll meta Dr. Azzopardi kkummenta li ż-żgħażagħ Għawdxin huma interessati li jaraw il-gżira tagħhom aħjar, u sostna li hemm indikaturi statistiċi li juru li ż-żgħażagħ Għawdxin għandhom imħabba kbira għal dak li jsawwarhom u li Għawdex huwa gżira speċjali b'soċjetà ħabrieka.

Minn dan l-studju ħareġ ukoll li Għawdex għaż-żgħażagħ għadu refuġju importanti u li dawn l-istess żgħażagħ għandhom interess li Għawdex jibqa' bl-identità partikolari tiegħu, bil-karattru tiegħu, bid-djaletti u l-istil tal-ħajja tiegħu.

Però bħal kull ħaġa oħra fil-ħajja, hemm l-aspetti negattivi li ħarġu minn dan l-istudju. Dawk l-aktar li jiġbdu attenzjoni jew li jsejħu għal soluzzjoni huma :

- **87.3% taż-żgħażagħ Għawdxin jemmnu li l-gżira tagħhom ma toffrix biżżejjed opportunitajiet ta' xogħol**
- **13.3% biss ta' dawk li għandhom bejn 10 u 30 sena għandhom fiduċja fil-membri parlamentari**
- **7.5% ta' dawk bejn l-10 u 30 sena għamlu użu minn sustanzi llegali. L-iktar li jittieħdu d-drogi huwa fil-'parties' fejn l-iktar raġuni li tissemma' għat-teħid tas-sustanzi llegali huwa l-fatt li jkunu jridu jissoċjalizzaw, problemi tal-familja u stima baxxa ta' dak li jkun.**
- **12% biss taż-żgħażagħ Għawdxin kellhom xi esperjenza f'xi programm Ewropew.**

Dawn mhumiex l-uniċi erba' punti negattivi li ħarġu mill-istħarriġ, iżda qed insemmihom għax huma fost l-aktar li lili bħala żagħżugħ Għawdxi jinkwetawni. Għalhekk ukoll inħeġġeġ sabiex b'mod immedjat jibdew jiġu indirizzati ħalli jinstabu soluzzjonijiet diretti u effiċjenti. Jidher, per eżempju biċ-ċar, il- bżonn ta' uffiċċju reġjonali għaż-żgħażagħ. Jidher ukoll il-bżonn li ż-żgħażagħ Għawdxin ikunu mħeġġa sabiex jieħdu l-opportunità biex jipparteċipaw fi proġetti u programmi Ewropej mhux inqas miż-żgħażagħ Maltin.

**Nixtieq ngħid li jien, bħala żagħżugħ u bħala Għawdxi nħoss li għandi nwassal il-leħen tiegħi fis-sitwazzjonijiet li jolqtu liż-żgħażagħ u lill-Għawdxin. Jidhirli li dan hu dmir ta' kull Għawdxi, kif ukoll ta' kull żagħżugħ u żagħżugħa.**

*Kummentarju (5)*

# 21 ta' Diċembru 2012

## Wasal it-tmiem? Jew dan kollu qlajja?

*maqlub għall-Malti mill-websajt tan-NASA minn* **ĠUŻEPPI BEZZINA**

**Fil-villaġġ globali, kkontrollata mill-midja, kemm dik qadima, kif ukoll dik ġdida, l-għajdut malajr isir kor qawwi. L-aħħar waħda għal din is-sena hi li wasal l-aħħar tad-dinja - eżattament fil-21 ta' Diċembru 2012. Kometi u asterojdi ser jaħbtu u jitfarrku fuq id-dinja u se jkun hemm tempesti solari f'data li taħbat fit-tbassir tal-kalendarju Maya. Imma dwar dan kollu x'jaħsbu x-xjenzjati?**

Tiftakru l-biża li ħakem fost ħafna nies fi tmiem is-sena 1999 u l-bidu tas-sena 2000! Il-bidu tal-millennju wasal u għadda bla ma ġara assolutament xejn. Dan għaliex għal kollox kien maħsub minn qabel. Minflok, saru festeġġjamenti kbar biex jiġi mmarkat il-bidu ta' millennju ġdid. Hekk ukoll ser jiġri fil-21 ta' Diċembru ta' din is-sena, mhux ser ikun it-tmiem tad-dinja tagħna, imma, ikun solstizzju tax-xitwa ieħor bħal dawk li seħħew qablu matul iż-żminijiet.

Bħal fil-każ tal-Y2K (is-sena 2000) din is-sena, 2012, ġiet studjata u analizzata mix-xjenzjati tan-NASA sa l-inqas dettall. Kuntrarju għal dak li qed jingħad, ix-xjenzjati malajr isolvu l-misteri dwar dak li ġiegħel in-nies jitħassbu dwar tmiem id-dinja fil-21 ta' Diċembru 2012.

Hawn insibu r-risposti għal bosta mistoqsijiet li sikwit isiru rigward is-sena 2012.

**Mistoqsija:** Hemm xi theddida lid-dinja fis-sena 2012? Bosta websajts fuq l-internet jgħidu li d-dinja ser tispiċċa f'Diċembru ta' din is-sena.

**Risposta:** Xejn ħażin mhu ser jiġri lid-dinja fis-sena 2012. Il-pjaneta tagħna ilha ddur bla waqfien għal aktar minn 4 biljun sena (4 elef miljun sena) u xjenzjati magħrufa madwar id-dinja ma jaraw ebda theddid assoċjat mas-sena 2012.




**Mistoqsija:** Allura x'ġiegħel li jiġi mħabbar it-tmiem tad-dinja fis-sena 2012?

**Risposta:** L-istorja bdiet minn qlajjiet li Nibiru, pjaneta li suppost ġiet mikxufa mis-Sumeri, riesqa lejn id-dinja tagħna. Din il-katastrofi fil-bidu kienet mbassra li ser isseħħ f'Mejju tas-sena 2003, imbagħad meta dakinhar ma ġara xejn, il-ġurnata tat-tmiem tmexxiet aktar 'l quddiem għal Diċembru tas-sena 2012. Imbagħad dawn iż-żewġ ħrejjef kienu marbuta mat-tmiem ta' wieħed miċ-ċikli fil-kalendarju antik taċ-ċiviltà Maya propju fis-solstizzju tax-xitwa fis-sena 2012 – u hekk ġie mħabbar il-ġurnata tal-21 ta' Diċembru 2012.

**Mistoqsija:** Veru li l-kalendarju tal-Maya jispiċċa f'Diċembru 2012?

**Risposta:** Bħalma l-kalendarju li għandek imdendel mal-ħajt fil-kċina tiegħek jispiċċa fil-31 ta' Diċembru, il-kalendarju taċ-ċiviltà Maya jispiċċa fil-21 ta' Diċembru 2012. Din id-data hija t-tmiem ta' perijodu twil li ċ-ċiviltà Maya kienet tgħodd, imma mbagħad bħalma l-kalendarju tiegħek jerġa' jibda fl-1 ta' Jannar hekk ukoll il-kalendarju tal-Maya jerġa' jibda perijodu ieħor twil.

**Mistoqsija:** Jista' jiġri xi fenomenu li jolqot id-dinja meta l-pjaneti jiġu linja waħda?

**Risposta:** Ma hemm ebda allinjament tal-pjaneti fl-għexieren ta' snin li ġejjin. Id-dinja mhix ser taqsam il-pjanura tal-galassja fis-sena 2012, u anke kieku dan l-allinjament kellu jseħħ l-effett tiegħu fuq id-dinja, ma jinħassx. Kull Diċembru d-dinja u x-xemx jiġu linja waħda ma' kważi ċ-ċentru tal-galassja magħrufa bħala t-Triq ta' Sant'Anna (*Milky Way*), u dan iseħħ kull sena u ma jkun hemm ebda konsegwenzi.

**Mistoqsija:** Imma teżisti xi pjaneta jew xi waħda żgħira bl-isem ta' Nibiru jew Pjaneta X jew inkella Eris li riesqa lejn id-dinja u qed thedded il-pjaneta tagħna b'distruzzjoni kbira?

**Risposta:** Nibiru u ħrejjef oħra dwar pjaneti bla kontroll huma qlajjiet fuq l-internet. Ma teżisti ebda bażi dwar dawn il-qlajjiet. Li kieku Nibiru jew Pjaneta X teżisti u ġejja lejn id-dinja fis-sena 2012, l-astronomi kieku ilhom

li ndunaw biha u studjawha mill-inqas dawn l-aħħar għaxar snin u llum kieku wieħed jista' jaraha b'għajnejh fis-smewwiet. Ovvjament din ma teżistix. Eris teżisti, imma din hija pjaneta żgħira ħafna bħal Pluto illi tibqa' ddur fuq in-naħa ta' barra tas-sistema solari. L-eqreb distanza li tista' tersaq lejn id-dinja hija ta' bejn wieħed u ieħor 4000 miljun mil.

**Mistoqsija:** X'inhi t-teorija tal-bdil tal-poli. Veru li ċ-ċentru tal-wiċċ tad-dinja jagħmel qalba ta' 180 grad minn naħa għal oħra fi ftit jiem jekk mhux sigħat?

**Risposta:** Li d-dinja tibda ddur kontra hija xi ħaġa impossibbli. Il-kontinenti kontinwament jimxu bil-mod il-mod. (Ngħidu aħna l-Antartika kienet qrib l-ekwatur mijiet ta' miljuni ta' snin ilu.) Imma dan m'għandu x'jaqsam xejn ma' dak li qed jingħad li l-poli ser jinbidlu. Madankollu dawn it-tipi ta' websajts li jbassru diżastri, jitfgħu l-lixka biex jidħqu bin-nies. Dawn jgħidu li hemm relazzjoni bejn id-dawran tad-dinja u l-polarità manjetika ta' l-istess dinja, li din veru tinbidel irregolarment bejn wieħed u ieħor kull madwar 400,00 sena. Imma safejn huwa magħruf dan it-tibdil manjetiku ma joħloqx dannu għall-ħajja fid-dinja. Fl-aħħar mill-aħħar dan it-tibdil fil-manjetiżmu tal-poli mhux ser iseħħ fl-ewwel eluf ta' snin li ġejjin.



**Mistoqsija:** Din is-sena, hemm xi periklu għad-dinja li tista' taħbat magħha xi metjorita?

**Risposta:** Id-dinja dejjem kienet suġġetta għal xi ħbit minn kometi u asterojdi għalkemm ħbit ta' natura kbira huwa rari ħafna. L-aħħar ħabta kbira seħħet 65 miljun sena ilu, li kienet wasslet għall-qerda tad-dinosawri. Illum l-astronomi tan-NASA qegħdin jagħmlu servej kontinwu msejjaħ '*Spaceguard Survey*' biex jaraw jilmħux xi asterojde li jkun fil-qrib tad-dinja u li jista' jkun ta' theddida għaliha. Dawn l-astronomi jiżguraw li ma hemmx asterojdi kbar daqs dawk li qatlu d-dinosawri. Dan it-tkixxif isir bil-miftuħ u dak li jiltaqgħu miegħu jitniżżel kuljum fuq il-websajt tan-NASA 'NEO Program office'. Għalhekk kulħadd jista' jara li m'hemm xejn imbassar għas-sena 2012.

**Mistoqsija:** Mela x'għandhom xi jgħidu x-xjenzjati tan-NASA dwar dan li qed jingħad li ser iseħħ fis-sena 2012?

**Risposta:** Fejn hi x-xjenza li tipprova li ser iseħħ dan id-diżastru jew tibdil drammatiku fis-sena 2012? Fejn hi l-evidenza? M'hemm xejn x'jipprova dawn il-qlajjiet sew jekk f'kotba sew jekk f'films kemm ukoll f'dokumentarji jew fuq l-internet. Ix-xjenzjati ma jistgħu jgħidu xejn għar-raġuni sempliċi li ma hemm assolutament xejn. M'hemm ebda evidenza kredibbli fuq dan li qed jingħad dwar x'ser jiġri f'Diċembru ta' din is-sena.

**Mistoqsija:** Imma hemm xi periklu minn maltemp ġgantesk tax-xemx li qed jingħad li ser iseħħ fis-sena 2012?

**Risposta:** L-attività solari għandha ċikli regolari li jilħqu l-qawwa tagħhom bejn wieħed u ieħor kull 11-il sena. Meta tkun isseħħ din l-attività, il-ħġejjeġ tan-nar li jaħarbu mix-xemx jistgħu kultant jikkawżaw xi interruzzjonijiet fil-komunikazzjoni tas-satelliti, għalkemm illum l-inġinieri tgħallmu kif jibnu elementi elettroniċi li jkunu mħarsa minn ħafna mill-maltemp solari. Imma ma hemm ebda riskju speċjali marbut mas-sena 2012. Għalkemm iċ-ċiklu qawwi li jmiss ser jaħbat bejn is-snin 2012 u 2014 dan hu maħsub li ser ikun ċiklu normali, bla differenza ta' xejn minn dawk li seħħew qablu matul l-istorja tad-dinja.

*Dan l-artiklu jinsab fuq il-websajt tan-NASA (www.nasa.gov/topics/earth/features/2012)*

BOGI AUTO LTD
■ Spare Parts
■ Batteries
■ Accessories
J.F. Kennedy Square, Victoria VCT 111, Gozo
Tel: 2155 1070 Fax: 2156 3073

Cafè & Wine Bar
KAPUTA
Pizza & Local Dishes
60 St. Joseph Square Qala, Gozo,
Tel: 27201355, Mob: 99272074

*Ftit fatti u kummenti*

# *Nevitaw il-Partiġjaniżmu u l-Parrokkjaliżmu Ċiviku*



## *Analiżi tal-ħidma tal-Kunsilli Lokali f'Għawdex*

*kitba ta'* **Dr. MARIO SALIBA MD MSc MMCFD**

**Il-Kunsilli Lokali issa ilhom stabbiliti 18-il sena. L-esperjenza hija waħda pożittiva għax permezz tagħhom sar ħafna ġid lid-diversi lokalitajiet li huma jirrappreżentaw. Ħafna għadu jiddependi mill-gvern ċentrali u issa mhux l-ewwel darba li xi Kunsill joħroġ stqarrija li ċertu xogħol li suppost sar ma kienx jaqa' taħt ir-responsabbiltà tiegħu imma taħt il-gvern ċentrali, għalhekk mhux tort tiegħu!**

Min-naħa l-oħra ċerti burokrazija żejda qed tintuża mill-Kunsilli Lokali u dawn qed jiffunzjonaw qishom xi dipartiment tal-gvern! Dan għandu jitnaqqas u min jidħol għat-tmexxija jew amministrazzjoni tal-Kunsilli għandu jkun ukoll kapaċi u mhux sempliċiment imġiegħel mill-partit rispettiv għax popolari fir-raħal. Għandna ninsistu fuq il-professjonalita` f'kull qasam... u min ma jridx jifhem ikollu jħallas.

### *Sehem il-Kunsilli Lokali*

Il-Kunsilli Lokali għandhom sehem importanti x'jistgħu jagħtu. M'hemmx dubju li l-Kunsilli f'Għawdex b'mod ġenerali qegħdin jagħtu sehem kbir fit-titjib tal-ambjent u fuq inizjattivi li direttament jagħmlu ġid lill-lokalita` u indirettament lill-pajjiżna. Mhux l-ewwel darba li Kunsilli Lokali rebħu premjijiet fuq bażi Ewropea għall-indafa jew sbuħija naturali. Dawn allura jkunu jgħinu ukoll lit-turiżmu.

**Il-Kunsilli Lokali fil-maġġoranza tagħhom qegħdin jaħdmu bla heda fl-interess tal-belt jew raħal tagħhom.** Sfortunatament kellna xi riżenji ta' membri li kellhom jitilqu jew jirreżenjaw mill-partit rispettiv tagħhom minħabba xi każijiet li kellhom fil-Qorti. Minkejja dan, is-sindki u l-kunsilliera Għawdxin ma tantx issemmew fl-aħbarijiet b'mod negattiv.



Min-naħa l-oħra l-persuna tas-sindku aċċettajniha. **Is-sindku ħa postu fis-soċjetà. Is-sindku li hu bniedem importanti, għaliex għandu okkażjoni li jmexxi lill-komunità tiegħu u mhux sempliċiment għaliex jieħu sehem fiċ-ċerimonji.** Tfaċċaw personalitajiet ġodda. Oħrajn ħadu importanza ġdida u anke fuq livell nazzjonali. Il-Kunsill jista' jservi bħala skola fejn dak li jkun jimmatura u jieħu l-esperjenza fl-amministrazzjoni ċivili u l-qasam tal-politika.

### *Stonaturi fl-Amministrazzjoni*

Biss kien hemm xi Kunsilli li kellhom jiffaċjaw l-inkwiet fi ħdanhom. Jista' jkun li kien hemm xi interessi personali jew tal-partit fin-nofs. B'xorti tajba l-affarijiet dejjem tranġaw s'issa. Minkejja dan saru diversi proġetti ta' ġid għal-lokal u llum il-komunità drat li meta jkollha bżonn xi ħaġa jew biex tagħmel ilment, tmur il-Kunsill. Fl-istess ħin hemm xi wħud li qed jistennew ħafna mill-Kunsilli li ħafna drabi qed ikunu mxekkla minn burokrazija żejda u ma jkunux jistgħu jieħdu azzjoni huma biex tittranġa s-sitwazzjoni mingħajr ma' jkollhom jirrikorru għal xi awtorita` jew dipartiment tal-gvern. **Il-Kunsilli Lokali għandhom jingħataw iktar saħħa u awtonomija biex fost ħwejjeġ oħra jitnaqqas l-isparpaljar tal-flus, skartar ta' ħaddiema, xogħol ħażin u proġetti li ma jitlestew qatt.**

Min-naħa tagħhom il-Kunsilli għandhom jinsistu fuq l-effiċjenza u r- riżultati u jagħtu rendikont mhux biss lilll-awditur fil-ħin skont il-liġi imma anke lill-poplu li tellagħhom hemm. Il-Kunsilli jagħtu ħafna servizzi ċivili li huma wisq iktar milli mistenni minnhom. Iżda bl-iskuża tal-burokrazija ċertu xogħol jinżamm lura. **Il-Kunsilli permezz tal-assoċjazzjoni tagħhom jistgħu jagħmlu l-pressjoni fuq il-gvern biex din il-burokrazija titnaqqas. F'dan il-qasam il-Kunsilli għandhom ħafna x'jagħtu.**

### *Parrokkjaliżmu*

Xi ħaġa li hija evidenti hi s-sens ta' parrokkjaliżmu li donnu qed jaħkem lil ċerti Kunsilli Lokali. Nispera li dak li qed tipprova teħles minnu l-Knisja ma jsibx



għalqa fertili f'direzzjoni oħra. Qed naraw Kunsilli li qed jaħsbu li saru sidien tal-lokal u mhux biss gwardjani u amministraturi kburin. **Ċerti attivitajiet tal-festa m'għandhomx jidħlu fihom il-Kunsilli. Lanqas għandu jkun hemm ġemellaġġi ma' kumitati oħrajn fil-lokal, bħal tan-nar jew tal-banda jew futbol, ma' Kunsilli Lokali. Hemm ċerti Kunsilli fejn id-distinzjoni bejn il-parroċċa u l-Kunsill hija kważi ineżistenti. Minħabba dan l-atteġġament qed jinqala' ħafna inkwiet u anke sparpaljar ta' flus għall-attivitajiet li mhux kulħadd jaqbel magħhom. Flus li setgħu ntużaw għal proġetti iktar utli u soċjali jew infrastrutturali.**

Il-Kunsilli Lokali m'għandhomx jibnu l-barrikati madwarhom biex ikunu jistgħu jitolbu l-ħlas għal min jgħaddi minn triqathom jew xi servizz minn għandhom. Hawn ta' min isemmi lill-gwardjani lokali. Dawn qegħdin hemm biex iwaħħlu l-multi jew biex iħarsu liċ-ċittadin billi jedukawh u bil-kelma t-tajba jikkoreġuh meta jkun żbalja? Is-sistema tal-gwardjani lokali għandha tkun riveduta u ssir iktar fl-interess tal-pubbliku milli ta' min qed jipprovdi s-servizz tal-gwardjani.

Nittama li l-Kunsilli Lokali jibqgħu jimmaturaw u jkunu iktar trasparenti fl-operat tagħhom. Dan bir-raġun għax huma għandhom ir-responsabbiltà li jamministraw f'isimna elufi kbar ta' ewros. U ċerti daqq ta' trombi li nassoċjaw aktar mal-hekk imsejħa festi ta' ċerti qaddisin ma jkomplux iżarżru l-widnejn.

**Irridu kunsilliera maturi li jmexxu bil-parteċipazzjoni tal-poplu biex jaqdu lill-poplu, biex tkompli tissaħħaħ id-demokrazija fl-iktar livell baxx f'pajjiżna.** Dawk il-kunsilliera li qed jiddedikaw ħafna ħin lis-soċjetà għandhom ikunu rinumerati b'mod xieraq u ġust. Hekk ikun hemm inqas lok għal xi tentazzjoni biex dak li jkun jipprova jieħu xi ħaġa tax-xogħol li jkun jagħmel b'mod indirett u mhux trasparenti!

***Partiġjaniżmu***

Ix-xogħol fil-Kunsill jirrekjedi ħafna ħin f'laqgħat u ovjament irid ikollok il-ħin għal dan l-impenn. **Sfortunatament il-qasma politika u s-sehem dirett tal-partiti politiċi fil-Kunsilli qed ikunu l-kaġun li ċerti individwi li fil-lokalità huma attivi u jixtiequ li jagħtu sehem akbar, qed iżommhom lura minħabba t-timbru tal-partit.** Għall-bidu li bdew il-Kunsilli kont tara diversi persuni b'inizjattiva personali jew imħeġġin minn xi grupp fir-raħal biex jagħtu sehemhom u jipparteċipaw fl-elezzjonijiet tal-Kunsilli. Dawn l-individwi kienu jagħmlu ħidma tajba. Illum rari għadek issib persuna fuq bażi personali li toħroġ għall-Kunsill. Ħafna jgħidulek li jekk ma jipproponikx il-partit m'għandekx ċans. Dan huwa ħażin għax qed iħalli ċerti persuni validi barra. **Hemm wisq influwenza politika fil-Kunsilli tagħna.**

Min-naħa l-oħra hemm individwi li jaċċettaw li joħorġu għall-Kunsill bl-emblema tal-partit, u wara jistennew li jkunu rikompensati mill-istess partit jekk ikun fil-gvern. Għalhekk huwa importanti li l-kunsillièra wkoll bħas-sindki għandhom ikollhom ħlas xieraq tax-xogħol li jagħmlu biex ħadd ma jkun obbligat lejn ħadd u l-uniku raġuni biex tagħti s-sehem tiegħek fil-Kunsill ikun dak ċiviku biss, u la politiku u lanqas reliġjuż.

Issa meta l-partiti tant huma involuti fil-Kunsilli, huwa diffiċli li tbiddel is-sistema. Għalhekk hemm bżonn li li l-partiti stess jimmaturaw u jħallu lill-Kunsilliera li jirrappreżentawhom fil-libertà biex **jaġixxu fl-interess tal-lokal u mhux tal-partit.** B'hekk inkunu nevitaw il-parrokkjaliżmu ċiviku u anke l-politika partiġjana mill-Kunsilli Lokali.

**Il-Kunsillieri la huma politikanti u lanqas reliġjużi jew parrokkjalisti fl-iskop ewlieni u fil-ħidma tagħhom fil-Kunsill Lokali. Jekk jagħrfu jżommu l-ideal ċiviku tagħhom joħolqu inqas inkwiet u pika banali, u jkunu aktar rispettati minn kulħadd.**




*Tliet Appelli mill-Ingilterra tajbin għalina wkoll!*

# DWAR IL-BIBBJA , IL-KRISTJANIŻ

***Diskors tal-Prim Ministru Ingliż, David Cameron:***

## 1 "IL-BIBBJA FFURMAT LIL PAJJIŻNA U LID-DINJA"

"Il-Bibbja hija ktieb li mhux biss huwa importanti biex nifhmu l-imgħoddi tagħna,
iżda wkoll li ser ikollu impatt profond fuq il-ġejjieni tagħna.

Il-Bibbja ħallitilna korp ta' lingwaġġ li jsawwar kull aspett tal-kultura u l-wirt tagħna :

- ibda mill-frażijiet li nużaw kuljum
- sa l-aqwa xogħlijiet tal-letteratura, tal-arti, tal-mużika."

***Il-Letteratura***

Hekk per eżempju l-poeta Tennyson juża 400 riferenza għall-Bibbja fil-poeżiji tiegħu u jikkwota jew jagħmel riferenza għal 42 ktieb differenti tal-Bibbja.

***L-Arti***

Il-Bibbja tilmaħha fl-Arti minn Giotto sa El Greco, minn Michelangelo sa Stanley Spencer.

***Il-Mużika***

Il-Bibbja hi apprezzata wkoll fil-mużika tagħna, f'Bach u fil-*Messiah* ta' Handel.



**"Il-Bibbja influwenzat il-qasam soċjali."**

"...Fil-Vanġelu ta' San Mattew, Ġesù jgħid li dak li wieħed jagħmel mal-iċken fost ħutu, ikun qed jagħmlu miegħu. Dan il-kliem dejjem ispirana.

Hekk ġara fl-imgħoddi. Kienet l-influwenza tal-Knisja li wasslet :

- biex jinbnew sptarijiet
- biex jinħolqu istituzzjonijiet tal-karità
- biex jitimgħu lil min ikun bil-ġuħ
- jikkuraw lil min ikun marid
- jagħtu kenn lil min ikun bla dar.

U hekk għadu jsir ukoll illum. Il-gruppi reliġjużi huma involuti fil-ħidma soċjali moderna.

F'pajjiżna hawn 30 elf istituzzjoni ta' karità mmexxija minn reliġjużi."

**"Kontribut enormi tat-reliġjon lis-soċjetà"**

"Għaldaqstant hija ħaġa sewwa :

- li nirrikonoxxu l-**kontribut enormi** li jagħtu l-komunitajiet reliġjużi lill-politika tagħna
- li nirrikonoxxu r-rwol tal-Bibbja li tispira ħafna mill-ħidmiet tagħhom."

## 2 "IL-KRISTJANIŻMU GĦADU ĦAJ"

- Ta' spiss issib min jgħid li l-politiċi m'għandhomx ikollhom x'jaqsmu mar-Reliġjon.
- Jekk b'dan nifhmu li m'għandhomx jipprovaw idaħħlu r-Reliġjon għall-vantaġġ ta' xi partit politiku partikolari... allura jkunu jgħidu sewwa.
- Iżda ma rridux minħabba dan il-biża' noqogħdu lura milli nagħrfu kemm ġid jagħmlu dawk il-komunitajiet reliġjużi lil pajjiżna,
- kif ukoll kemm hija tassew importanti l-Fidi għal tant nies fl-Ingilterra."

**"Alla ma mietx"**

"Fis-sena tal-Millennju kien hemm min bħala reklam ġab avviż tal-mewt ta' Alla fil-gazzetta *"The Economist"*

Iżda fl-aħħar seklu fid-dinja, il-proporzjon ta' nies li huma membri tal-erba' reliġjonijiet il-kbar fil-fatt żdiedu, minn żewġ terzi għal tliet kwarti, (jiġifieri minn 66% saru 75%).
Per eżempju jaħsbu li fiċ-Ċina hemm 65 miljun Protestant u 12-il miljun Kattoliku.

*Dawl għall-Ħajja* — *Riflessjonijiet miġbura mill-Arċipriet C. Mercieca*

# U T-TISĦIĦ TAL-FAMILJA LLUM



Mela hemm aktar Insara milli membri tal-Partit Komunista.

Barra minn hekk, statistika uffiċjali turi li fiċ-Ċina hemm 20 miljun Musulman u x'uħud jaħsbu li, sas-sena 2050, iċ-Ċina tista' tkun fil-wisa' l-akbar nazzjon Nisrani u Musulman."

### "Il-Krisjaniżmu għadu ħaj fl-Ingilterra"

"Hawn fl-Ingilterra, biżżejjed inħarsu

- lejn ir-reazzjoni għaż-żjara tal-Papa s-sena l-oħra
- jew lejn ir-reazzjoni tan-nies għaż-żwieġ Irjali ta' din is-sena
- jew għall-Festa tal-Milied.

Dawn huma biżżejjed biex nindunaw li **l-Kristjaniżmu għadu wkoll ħaj f'pajjiżna**."

## 3 "IŻ-ŻWIEĠ SEWWIH... MHUX TARMIH"



L-Imħallef Ingliż **Paul Coleridge** jagħmel kampanja għat-tisħiħ tal-Familja:

- Il-messaġġ tiegħi : "**MEND IT... DON'T END IT.**"

***(1) "Ilni aktar minn 40 sena naħdem fil-Qrati tal-Familja u rajt b'għajnejja stess l-effetti tat-tkissir tar-relazzjonijiet familjari.***

Huwa stmat li fil-qrati tal-familja hemm madwar 3.8 miljun tifel u tifla mdaħħlin f'kawżi bejn il-ġenituri jiqqortjaw fuq min ser jieħu t-tfal f'idejh.

Personalment naħseb li dan hu SKANDLU KBIR."

***(2) Il-Marda ta' żmienna***

"Il-marda ta' żmienna hi li bosta jridu jibdlu żwieġhom f'nofs triq u dan hu żball bħalma hu meta tbiddel iż-żiemel f'nofs ix-xmara".

***(3) Divorzju ħafif***

L-Imħallef jilmenta għax "fl-Ingilterra id-divorzju ħafif biex tiksbu daqs li kieku ser tikseb "liċenzja tas-sewqan"; kemm timla formola u daqshekk."

***(4) Iż-Żwieġ l-aħjar għall-koppji***

"B'wiċċi minn quddiem jien neddefendi ż-żwieġ bħala l-aħjar stat għall-koppji fejn hemm it-tfal involuti."

***(5) Il-koabitazzjoni riskju***

L-istatistiċi juru li ż-żwieġ huwa aħjar mill-koabitazzjoni għall-istabilità u l-kuntentezza tal-ulied. Fuq dan **Paul Coleridge** jgħid :

"Jekk m'intix miżżewweġ sa ma ibnek jilħaq il-ħames snin, int tinsab f'riskju li tinfired erba' darbiet aktar milli kieku kont miżżewweġ."

***(6) Tfal bi problemi***

"Mhux qed ngħid li familja mkissra tipproduċi bilfors tfal bi problemi; imma qed ngħid li kważi kull tifel bi problemi huwa prodott ta' familja mkissra."

*Kif niftakar lill-Isqof Cauchi*

# L-Isqof Nikol Cauchi: Student fis-Seminarju t'Għawdex



*kitba ta'* MONS. PAWLU MEJLAK

**Is-snin igerrbu u ż-żmien itir. Iżda matul is-snin, ikun hemm mumenti fil-ħajja li żgur jibqgħu stampati f'moħħ il-bniedem u ma jintesgħux. Jistgħu jkunu mumenti li l-bniedem jixtieq li qatt ma għadda minnhom minħabba t-toqol ta' xi tbatija, mard, niket, problemi. Iżda tibqa' wkoll il-farka ta' mumenti oħrajn mimlijin b'konsulazzjoni ta' ferħ, ta' faraġ, ta' sodisfazzjon li meta tħares lura jnisslu fik sens ta' nostalġija.**

Hekk kienu għalija s-seba' snin li jien għaddejt flimkien mal-Isqof Nikol Ġ. Cauchi meta konna studenti fil-kors tal-filosofija u teoloġija fis-Seminarju t'Għawdex.

Kienet is-sena 1946 meta ltqajt ma' wieħed minn sħabi jismu Nikol Cauchi, żagħżugħ mir-raħal tal-Għarb. Kien ġie mill-Iskola Sekondarja – il-Lyceum u wara li għadda l-*fifth form* u għamel l-eżami tal-G.C.E., daħal is-Seminarju biex jibda l-kors sabiex jitħejja għas-saċerdozju. Konna nħossu li Nikol kien se jkun saċerdot żelanti u ħabrieki, imma mhux daqstant konna nobsru li kellu jkun ukoll Isqof biex imexxi d-Djoċesi ta' Għawdex.



Jidhirli li meta daħal is-seminarju, għadda xi ftit taż-żmien mal-"kamerata tal-mezzani", peress li fil-"kamerata tal-grandi" il-kmamar kienu kollha okkupati. Dan ma jfissirx li ma bediex il-kors tal-filosofija magħna. Malli kien hemm kamra disponibbli fil-kamerata tal-kbar, Nikol ġie trasferit fiha fost il-ferħ tagħna l-istudenti sħabu. Dan għaliex Nikol minn dejjem kellu *sense of humour* u r-rakkonti tiegħu kienu jnisslu fina tbissima tant meħtieġa fil-ħajja tal-istudju u tal-eżamijiet. Kien student intelliġenti u mill-istudju ma jaqtax qalbu. Ġieli kien ikollna xi diskussjoni dwar xi suġġett filosofiku jew teoloġiku, u Nikol Cauchi ta' student bravu li kien malajr kien isib is-soluzzjoni u ħafna drabi l-kwestjoni kienet tispċċa hemm.

Fil-kors tat-tliet snin fil-filosofija kellna wkoll il-lingwi: Latin, Taljan u Ingliż. L-istudju tagħhom it-tlieta kienu għal qalb l-Isqof Cauchi u kien jedha kemm fil-lingwa u kemm fil-letteratura. Niftakar episodju meta Mr. Richings, l-għalliem tagħna tal-lingwa Ingliża u membru tal-*British Institute*, riedna niktbu sunett bl-Ingliż, għalkemm ħadd minna ma kellu x-xeħta ta' poeta. Is-Seminarista Cauchi malajr kiteb wieħed u ma setax jonqos li fih inizżel xi battuti ċajtiera. Mr. Richings ħarġu jaqrah quddiem il-klassi, u deher sodisfatt għalkemm ġibidlu l-attenzjoni għal xi vers 'l hawn u 'l hemm. L-istudenti kollha tal-klassi kitbu xi ħaġa... minbarra wieħed li minflok ma qagħad iħabbel moħħu, ikkopja sunett ta' poeta magħruf. Dan ukoll messitu x-xorti li jaqra tiegħu, u meta spiċċa, is-surmast b'ton sarkastiku qalilna: "Ma kontx naf li William Wordsworth reġa' ħa l-ħajja!" Aqta' kemm daħak l-Isqof Cauchi dakinhar! Mhux b'sens ta' disprezz, iżda b'sens ta' ċajt għaliex, kif għedt qabel, is-*sense of humour* kien minn qaddisu.

L-Isqof Cauchi f'kull eżami, sew fil-kors tal-filosofija u tal-lingwi, kif ukoll tat-teoloġija, dejjem kellu riżultati tajbin ħafna. B'dan qatt ma tkabbar jew ftaħar. Darba wara li lesta mill-eżami u kkonsenja l-karti lill-*invigilator* u qabad triqtu lejn kamartu, baxx baxx staqsejtu diffikultà. Hu fil-pront tani t-tweġiba u kompla sejjer. Kien ġentlom u ġeneruż, u l-hena tiegħu kien li jgħin lil kulħadd.

**Is-snin fis-Seminarju għaddew bħal ħolma. Għaddew iva, iżda ma nsejnihomx. Konna kuntenti bil-kumpanija ta' xulxin, ferħanin u ninħabbu. Kien ferħ li wassalna sal-jum tal-Ordinazzjoni Saċerdotali tagħna mill-Isqof Ġużeppi Pace fil-Katidral ta' Għawdex nhar id-29 ta' Marzu tas-sena 1953. Wara l-Ordinazzjoni, Dun Nikol mar Ruma biex ikompli l-istudji. Mur għidilna li dak li studja magħna kellu jmexxina bħala Isqof tagħna...**

Rapport

# Id-Djoċesi ta' Għawdex tirċievi fondi mill-UE biex tagħti kontribut ħalli Għawdex jinbidel fi Gżira Ekoloġika



kitba ta' **PAUL CURMI**

**Il-Papa Benedittu XVI ilu promotur għal ħafna snin li jirrikonoxxi l-veritajiet tat-tibdil fil-klima u r-responsabbiltajiet li lkoll għandna biex innaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet u li nħarsu l-arja nadifa u ilma nadif. Tant hu hekk, li minn xi dokumenti diplomatiċi li dan l-aħħar ixxandru mill-*WikiLeaks*, Papa Benedittu XVI ġie mlaqqam il-Papa l-Aħdar (*the Green Pope*).**

U biex jagħti xhieda ħajja, il-Papa u t-tim tiegħu nehdew proġetti ta' enerġija nadifa ġewwa l-Belt tal-Vatikan stess. Fl-2008 il-Vatikan beda jistalla 2,400 pannelli solari fuq is-sala tal-udjenzi, li permezz tagħhom jiffranka 230 tunnellati ta' *carbon dioxide* milli jinfirxu fl-arja kull sena. Il-Vatikan saħansitra ttanta l-idea li jmur kompletament *carbon neutral* billi ħawwel bis-siġar f'art abbandunata li għandu fl-Ungerija biex ipatti għat-tniġġis fl-arja.

**Fid-dawl ta' dawn l-inizjattivi u dikjarazzjonijiet min- naħa tal-Knisja, id-Djoċesi ta' Għawdex trid li tpoġġi fil-prattika u tkun fuq quddiem biex tinkoraġġixxi lil ħaddieħor li jieħu inizjattivi simili. Wara kollox dan huwa fid-dawl tat-tagħlim Nisrani li, bħala Komunità Nisranija, jgħin biex nindirizzaw xi problemi li l-bniedem qed jiffaċċja llum fejn jidħol l-ambjent. Il-Knisja lokali f'Għawdex ilha tiġbed l-attenzjoni fuq il-ħsara ambjentali li qed issir madwarna u li ħela żejjed tal-enerġija qed inaqqas ir-rizorsi li hawn madwarna.**

Ir-rwol tal-Knisja lokali f'dan il-proċess huwa wieħed sempliċi: inwieġbu s-sinjali taż-żminijiet (Mt 16:3) u li ngħinu fl-izvilupp tal-komunitajiet fuq prinċipji Nsara. Fl-omelija tiegħu tal-4 ta' Ottubru 2006, Mons Isqof Grech tkellem *"dwar tliet imħabbiet li kellu San Franġisk, liema mħabbiet huma ta' ispirazzjoni għall-poplu t'Alla llum, waħda fosthom tkun l-imħabba lejn l-ambjent. Fid-dinja tal-lum, għandna bżonn niftħu għajnejna u napprezzaw aktar l-ambjent naturali tagħna. Jekk ma nkunux responsabbli kif nirrelataw mal-ambjent, għad jasal żmien meta ma nkunux nistgħu naqraw dan "il-ktieb naturali", mhux għax inkunu tlifna l-kapaċità viżiva ta' għajnejna, imma għax inkunu tlifna l-ambjent. Fi żminijietna, meta t-tentazzjoni li l-bniedem jaħkem u jesplojta r-riżorsi naturali saret tant qawwija, għandna nużaw l-għaqal u r-responsabbiltà biex l-ambjent bħala 'riżorsa' ma jkun qatt ta' riskju għall-ambjent bħala 'darna'".*

Konxji minn dan it-twemmin tagħna li kuxjenza awtentika dwar l-ambjent twassalna f'esperjenza tassew



spiritwali bħala Komunità Nisranija, qed nitilqu b'dan il-proġett pilota li niġġeneraw enerġija permezz tax-xemx, bil-ħsieb ukoll li dan jgħinna fit-tagħlim pastorali tagħna. **Aħna qed nikkunsidraw tlett siti differenti f'dan il-proġett: l-Uffiċċji Amministrattivi tad-Djoċesi (Il-Kurja), iċ-Ċentru Pastorali Ragħaj it-Tajjeb fejn hemm ċentru kateketiku u ta' formazzjoni, post tat-talb, dar residenzjali għas-saċerdoti u post ta' rikreazzjoni kif ukoll iċ-Ċentri Parrokkjali tal-Munxar u ta' Għajnsielem kif ukoll il-knisja f'Għajnsielem.** Dawn iċ-ċentri huma primarjament bejta għall-adolexxenti u żgħażagħ u koppji żgħar li qed irabbu t-tfal. Iċ-Ċentru Pastorali Ragħaj it-Tajjeb iżuruh ċirka 130 tfal u adolexxenti tlett darbiet fil-ġimgħa. Iċ-Ċentru tal-Munxar iżuruh madwar 250 tifel u tifla u 'l fuq minn 100 żagħżugħ u adolexxenti. F'Għajnsielem iċ-Ċentru joffri servizz lil 850 familja u madwar 800 żagħżugħ/a, adolexxenti u tfal li f'xi ħin jew ieħor jagħmlu użu mis-servizzi li joffri ċ-Ċentru.

Għal dan il-proġett id-Djoċesi ta' Għawdex ingħatat għajnuna ta' ko-finanzjament mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) bil-proġett intitolat: "il-Kontribut tad-Djoċesi Għawdxija biex Għawdex jinbidel fi Gżira Ekoloġika" u għaħekk id-Djoċesi qed tikkontribwixxi ukoll lejn il-ħsieb tan-nazzjon li jagħmel minn Għawdex, Gżira Ekoloġika. **Dan il-proġett li ġie stmat li ser jiswa b'madwar €346,000 qed jiġi ffinanzjat sa 66.7% mill-FEŻR u mill-fondi nazzjonali bil-bqija tiġi mill-fondi tad-Djoċesi u taċ-ċentri/parroċċi rispettivi bil-ko-finanzjament ukoll tas-Segretarju Parlamentari għall-Konsumatur, Kompetizzjoni Ġusta, Kunsilli Lokali u Konsultazzjoni Pubblika. Wara li jiġu stallati l-pannelli voltajiċi, din is-sistema ser tiġġenera b'madwar 75,000 ta' KwH li jfissru tnaqqis ta' 65,300 kg ta' tniġġis tal-arja.**

**FOLKLOR GĦAWDXI**

*Anton F. Attard jirrakkonta u jfisser...*



*drawwiet missirijietna*

© Anton F. Attard

# IS-SNAJJA' QODMA F'GĦAWDEX

*(Is-Sebgħa u Erbgħin Parti )*

## *IX-XOGĦOL TAN-NAR FIL-FESTI TAGĦNA (2)*

***In-Nar tal-Ajru***

Ngħaddu issa biex nitkellmu min-nar tal-ajru, jiġifieri, dawk il-bombi tal-karti, kemm tal-ħoss kif ukoll tal-kulur, li jinħarqu fl-ajru.

Il-biċċa l-kbira tan-nies li jmorru jgawdu l-festi tal-ibliet u l-irħula tagħna ftit li xejn tifhem fin-nar tal-ajru li jinħaraq matul il-jiem tal-festa. U naturalment, min ma jkunx jifhem, jew tal-inqas min ma jkunx jaf xi ħaġa mqar żgħira dwar it-tipi jew kwalitajiet ta' murtali li jkunu qegħdin jinħarqu, ma jista' japprezza xejn, u min ma jkunx jaf japprezza, jibda ma jagħtix kas jew jiddejjaq.



Il-poplu tagħna – taqta' barra d-dilettanti - jaf igħid biss "murtal tal-bomba" u "murtal tal-kulur" u sa hemm jasal. Saħansitra nies li ġie li smajniehom jiddiskutu n-nar fuq it-*television* u fuq ir-radju ma jkunu jafu xejn fuq in-nar. Kliemhom jikxifhom, u ngħid is-sewwa, ma nafx kif jissugraw jiftħu ħalqhom fuq suġġett li fuqu ma jkunu jafu xejn iktar minn ħaddieħor.

Għalhekk il-ħsieb wara din il-kitba hu li nagħtu tagħrif ħafif u fl-istess ħin istruttiv biex kull min ikun qiegħed jara n-nar ikun jista' japprezza aktar x'ikun qiegħed isir fl-ajru, u ma jibqax bl-impressjoni li n-nar tal-festi mhu xejn ħlief geġwiġija ta' ħsejjes diżorganizzati u bla ebda gost.

U biex nuru kemm xogħol irid in-nar, se nibdew billi nagħtu tagħrif fil-qosor fuq kif tagħmel murtal tal-bomba, bla ma nagħtu ebda qisien biex ma jkunx hemm min jipprova jaħdem xi waħda! Inżommu quddiem għajnejna li għax-xogħol tan-nar trid eżattezza kbira, barra l-prattika u s-sengħa. Inkella tista' faċilment tkorri jew tmut.

***Kif jinħadem murtal***

Ikollok bżonn: kartun oħxon bħal ta' wara l-gwarniċi, u tal-kaxxi tal-ħalib; kolla; spag; munizzjon jew taħlita; miċċa tal-ħruq; miċċa tat-temp; karti kannella jew tax-xkejjer tas-siment.

Ibda billi taqta' l-kartuna faxxa skont il-qies li trid, tinkullaha, tobromha fuq injama apposta msejħa *kargiera*, tagħmel *takka* (kartuna maqtugħa bħal rota) fil-qiegħ, taqbad il-karta u tinkullaha u tobromha mal-iskartoċċ stess, tagħlqilha l-qiegħ, issabbtu tnejn mal-art u ddawru tnejn mal-art biex jagħqad u taqilgħu minn ġol-*kargiera*, imbagħad tħallih jinxef. Hekk l-iskartoċċ ikun lest.

Taqbad kartuna tal-kaxxi tal-ħalib, taqta' żewġt idwawar bit-*takkiera*, ittaqqabhom f'nofshom. Taqbad il-munizzjon (it-taħlita) u timla l-iskartoċċ sax-xifer tal-kartuna. Taqbad

takka minnhom, tpoġġiha fuq il-munizzjon u tilwi l-karta għal fuq it-takka bla ma tgħattiha. Taqbad biċċa tat-temp skont il-qies, iddaħħalha fit-takka l-oħra u tpoġġiha billi ddaħħal il-*miċċa tat-temp* ġot-takka li tkun poġġejt fuq il-munizzjon.

L-ispag ikun imħejji ma' żewġ granpuni mal-ħajt. Taqbad it-tarf tal-ispaga u torbotha mal-miċċa tat-temp bejn iż-żewġ takki ta' fuq, iddawwar il-murtal tajjeb bl-ispag u xħin tlesti taqta' l-ispaga.

**L-inkullar:** taqbad karta tas-siment ftit ikbar mill-murtal, tinkullaha bil-kolla, taqbad il-murtal, trambalha mal-murtal, tagħlaq il-qiegħ, in-naħa ta' fuq tagħmel erba' tiċritiet u tilwihom għal ġol-miċċa tat-temp, u trambal il-murtal bl-inkullar b'kollox ġo jdejk u tħallih jinxef sewwa.

**Is-salib għall-ħruq:** ixxaqqaq min-nofs il-miċċa tat-temp u tpoġġi miċċa tal-ħruq, torbotha mal-miċċa tat-temp bl-ispag. Taqbad biċċa *miċċa taż-żaqq* li tkun tlaħħaq mis-salib sa ftit iżjed mill-qiegħ, u torbotha mal-murtal.

**L-iżviluppar:** Taqbad karta tas-siment li tkun ftit kbira sewwa u ddawwarha mal-murtal. Taqbad il-miżura tat-*tir* bil-porvli, aktarx porvli iswed, u titfgħu fuq qiegħ il-murtal, tqartsu u torbot fit-tarf bi spaga. Taqbad il-miċċa tal-ħruq f'idejk u tpoġġiha li tkun tmiss mas-salib u mal-miċċa taż-żaqq. Tqartas il-karta tal-iżviluppar mal-miċċa tal-ħruq u torbotha fit-tarf tal-iżviluppar.

U hekk il-murtal tal-bomba jkun lest.

Mela, il-murtal tal-**bomba** jikkonsisti mill-bomba proprja, li tispara fl-ajru, u mit-**tir** li jispara fil-kanna biex il-bomba tkun tista' titla' fl-ajru.

Meta l-bomba ma tkunx maħduma tajjeb, tista' ma tisparax. Minflok tinfetaħ u taqbad. F'dan il-każ jingħad li l-bomba tkun *xegħlet*. Għalhekk murtal ħażin jista' *jixgħel* flok jispara. Jekk ma jiħux jaqa' lura fl-art.

### *Ġelatina*

Il-materjal tal-**ġelatina** jkun bħal għaġina lewn il-għasel. Il-ġelatina ma tisparax ħlief permezz ta' *kabs* li bih tiġi kkargata. Il-ġelatina tingħaraf minn bomba kbira għax it-tifqigħa tagħha tkun qawwija u li taħsdek. Il-leħħa tagħha tkun żgħira ħafna, lewn safrani u qisha nofs qamar. Il-ġelatina suppost li hija pprojbita bħala logħob tan-nar. Ipprojbit huwa wkoll it-TNT li ġie li ttieħed minn xi bombi tal-gwerra li nstabu mhux sploduti, speċjalment f'Għawdex, u l-materjal tagħhom ittieħed biex jinħadem murtali.

### *Tagħrif ieħor*

**Profir**, kif tagħmlu: taqbad biċċa karta kannella tawwalija, tgeżwirha ma' virga u tinkullaha fit-tarf. Ħalliha tinxef. Wara għaddi l-miċċa minn ġo fiha. Il-profir isir biex il-miċċa tinħaraq tgħaġġel.

### *Murtaletti*

Hemm diversi tipi ta' murtaletti:

a) Tebqa u bomba, b) tnejn u bomba, c) tlieta u bomba, u tista' tibqa' tiela' skont il-kapaċità ta' min jaħdem. Meta l-murtalett ikun fih sa seba' tebqat jew iżjed, jekk ma jitlax fil-għoli biżżejjed, dan jista' jinżel fil-baxx, u t-tebqat jieħdu ħdejn l-art. F'dan il-każ igħidu li l-murtalett jkun iddendel.

Tebqa tfisser murtal li jkun fih mat-tletin (30) bomba tal-murtaletti.

Il-bomba tal-murtaletti tissejjaħ ukoll il-bomba taż-żokra. Igħidulha taż-żokra għax f'żaqq l-iskartoċċ ikollha t-toqba tal-immursjar.

L-immursjar isir bil-mistura jew porvli magħġun li jpoġġuh fit-toqba tal-bombi tal-murtaletti. Tebqa tal-murtaletti, jekk ma tkunx maħduma tajjeb, tista' ma tiftaħx u tieħu bomba, jiġifieri b'ħoss wieħed daqs li kieku kienet bomba.

### *Kwalitajiet ta' murtaletti*

**a) "Slices"**

- Ħamsa (5) bomba - tebqa - bomba.
- Tebqa - ħamsa (5) bomba - tebqa - bomba.

**b) Murtaletti b'żewġ ħsejjes**

Tebqa b'ħoss żgħir u tispiċċa b'ħoss kbir. Dan jiġri għax ġol-istess murtal ikunu bombi żgħar li jieħdu qabel il-kbar.

**c) Murtaletti bit-tebqiet**

Tebqa u bomba. Żewġ tebqiet u bomba. Tliet tebqiet u bomba. U tibqa' tiela' skont il-ħila u s-sengħa ta' min jaħdem.

**d) Murtaletti tal-kulur**

It-tebqiet ikollhom il-kulur mal-bombi tal-murtaletti. Tebqa u bomba. Żewġ tebqiet u bomba. Tliet tebqiet u bomba.

**e) Murtaletti kbar - kulur weħidhom**

Tebqa u bomba. Żewġ tebqiet u bomba. Tliet tebqiet u bomba.

*(jissokta)*


Xerri l-Bukkett



Bar
Restaurant Pizzeria
Dine while enjoying the best view in the Maltese islands
Triq iż-Żewwieqa Qala
Tel. 21553500

Letteratura Għawdxija — Profili

# Ninu Cremona
# 40 sena minn mewtu



kitba tal-KAV. JOE M. ATTARD

**Anton Cremona, jew aktarx kif kien magħruf fost sħabu u ħbiebu, is-Sur Nin, twieled ir-Rabat Għawdex fis-27 ta' Mejju tas-sena 1880 u miet fl-għomor ta' 91 sena nhar it-Tlieta 4 ta' Jannar tal-1972. Ta' tliet snin messitu x-xorti ħażina li jitlef lil missieru, nutar, arkivista u prokuratur legali tal-fqar f'Għawdex. Ta' ħames snin iċ-ċkejken Ninu Cremona mar jgħix ma' zijuh ġewwa Tunes fejn daħal fl-iskola tal-Freres u wara fil-kulleġġ San Karlu, dik il-ħabta f'idejn il-Patrijiet il-Bojod. Fis-sena 1887 Cremona reġa' lura Malta ma' zijuh u daħal fis-Seminarju t'Għawdex, dak iż-żmien f'idejn il-Ġiżwiti, mnejn wara tliet snin, mar is-Seminarju tal-Furjana fejn dam seba' snin sakemm temm il-kors tal-Matrikola. Ta' għoxrin sena iżda, Ninu Cremona, magħfus mill-bżonn li jgħin lil ommu u liż-żewġ ħutu xebbiet, kellu jieqaf mill-istudji tiegħu u daħal mal-Gvern bħala skrivan fl-i*stores* tal-Isptar fil-Furjana. Fl-1904 Ninu Cremona laħaq Spettur Sanitarju wara li kien temm b'suċċess kors ġol-Ingilterra. Fl-1928 huwa ġie maħtur Traduttur u Editur tal-Malti fl-Istamperija tal-Gvern fejn baqa' sakemm irtira fl-1941. Fl-1936 kien ukoll maħtur bħala l-ewwel surmast tal-Malti fil-Liceo. Ħadem bi sħiħ favur il-Lingwa Maltija meta f'Malta kien hawn moviment qawwi kontra li l-Ilsien Malti jkun stmat u użat fil-Qrati, fl-iskejjel u fil-korrispondenza tal-Gvern.**

**Ninu Cremona bil-ħidma sfiqa tiegħu għal minn tal-inqas tletin sena, bena isem sabiħ fil-Letteratura Maltija li tista' xxebbhu mal-ġebel tas-sisien fil-bini ta' dar kbira. Kien għalhekk li huwa ġie mogħti l-medalja tad-Deheb, il-Premju Ġużè Muscat Azzopardi fl-4 ta' Awwissu 1947. Fl-4 ta' Ġunju tal-1960, l-Università Rjali ta' Malta kompliet onoratu bil-Grad Akkademiku ta' Duttur tal-Letteratura (*Honoris Causa*).**

Il-ħidma letterarja ta' dal-Kittieb Għawdxi tista' titferrex fuq sitt oqsma differenti: Filoloġija u Grammatika, il-Folklor Malti, Bijografiji, Proża Letterarja, Poeżija u Dramm.

L-akbar mertu tas-Sur Cremona li l-iStorja tibqa' tfaħħru għalih huwa bla dubju ta' xejn, ix-xogħol ta' studju li għamel biex fassal ir-regoli tal-Ilsien Malti u flimkien ma' Ġanni Vassallo ħareġ minn dawn ir-regoli, dak il-ktieb li hu l-ewwel u l-aqwa dokument ta' Lsienna: "Tagħrif fuq il-Kitba Maltija". Għal dan ix-xogħol kien jeħtieġ studju u kuraġġ għaliex ħafna kienu l-preġudizzji kontra l-Malti mill-istess Maltin, li għalkemm il-Providenza tathom Malta bħala Art Twelidhom u l-Malti bħala l-Ilsien tagħhom, kienu mhux biss jagħmlu ħilithom biex iwarrbuh mis-Soċjetà imma wkoll jeħduha bl-iebes ma'dawk li kienu riedu jerfgħuh mill-għajb li jinsab fih. Mingħajr dan l-isfond storiku wieħed ma jistax jgħożż u japprezza s-sagrifiċċju li għamel Cremona fi żmienu. Xogħol Cremona f'dan il-qasam neħħa u waqqaf darba għal dejjem il-Babilonja ta' kitba mingħajr regoli, kitba fuq il-widna bla ebda rabta u saħħa.

**Studju ieħor li s-Sur Nin ħadem fih sew huwa l-għerf bla miktub, dak li llum huwa teknikament magħruf bl-isem ta' "Folklor". Il-Folklor, għal min ma jafx, jiġbor fih il-qwiel, id-drawwiet, l-għidut, u l-fehmiet ta' niesna tal-qedem. Ried ikun moħħ żviluppat bħal ta' Cremona biex seta' joħroġ b'konklużjonijiet tassew tajba.**

Fergħa oħra ta' kitba fejn Ninu Cremona għamel ħafna ġid lill-iStorja tal-Malti hija dik tal-Bijografija, kitba ta' ħajja ta' nies magħrufa li Cremona kien jaf sew fi żmienu. Fost dawn insibu lil Ġanni Vassallo, Temi Zammit, u lil Napuljun Tagliaferro. Huwa kiteb ukoll bijografija dokumentata ta' Mikiel Anton Vassalli. Dan hu l-aqwa u l-itwal xogħol ta' Cremona f'din il-fergħa ta' kitba. Fl-1940 dan ix-xogħol kien ġie maqlub għall-Ingliż b'żieda ta' dokumenti.



**Ninu Cremona nsibuh ukoll bħala kittieb ta' diversi novelli, fosthom ukoll rumanz qasir bl-isem ta' "Ktajjen Maqtugħa". Fil-kitba tan-novelli, Cremona jinqeda bil-kelma safja ta' Lsien Art Twelidu, mirquma b'għidut u qwiel ta' lsien il-poplu. Il-proża tiegħu hija mill-aħjar għalkemm in-novelli, fil-biċċa l-kbira tagħhom, huma twal bil-bosta.**



Min-novelli ngħaddu għal Poeżija. Fil-ħajja letterarja tiegħu tassew imżewqa Ninu Cremona fisser kemm-il darba t-taħbit u x-xewqat ta' qalbu f'poeżiji sbieħ. Xi wħud mill-poeżiji tiegħu, il-poeta kien jadattahom mit-Taljan, li fil-bidu tal-karriera letterarja tiegħu kienu jinfluwenzawh bi sħiħ. Teknikament il-poeżija ta' Cremona m'għandhiex dik il-ħlewwa ta' ritmu li nsibu fil-poeżija ta' Dun Karm imma mbagħad insibu fiha dik ix-xi ħaġa li ma nsibux f'poeti oħra. Insibu fi Cremona dehriet ta' ħajja Maltija qadima li huma Maltin mill-għeruq, xi ħaġa wild artna.

Fl-aħħar iżda mhux linqas, niġu għall-aħħar sehem ta'Cremona fil-Letteratura ta'Artna – id-Dramm. Min ma semax bid-dramm famuż *Il-Fidwa tal-Bdiewa* - dramm miktub taħt għamla ta' poeżija? Dan huwa dramm mibni mill-ġrajjiet tal-iStorja Maltija u li fih jieħdu sehem il-bdiewa u r-ragħajja, jiġifieri n-nies tal-art li qajla jissemmew fl-iStorja ta' Malta, imma li matul is-sekli batew il-għaks u ġarrbu ħafna ħruxijiet biex iżommu l-għedewwa ta' Malta 'l bogħod minnhom, minn djarhom u uliedhom. Il-qofol tal-ġrajja ta' dan id-dramm huwa l-fidwa tal-bdiewa ta' Malta fis-seklu 15 minn taħt il-qilla tal-Ispanjol Monroi li moħħu biss kien li jisloħ ġid il-Maltin. Tqila u ħarxa hija l-idjoma f'dan id-dramm iżda hekk riedha l-awtur, għax b'hekk biss seta' jikseb u joħroġ l-istampa ta' ħajjet il-bdiewa tagħna f'dawk iż-żminijiet koroh. *Il-Fidwa tal-Bdiewa* huwa ġawhra fil-Letteratura Maltija, storikament importanti bħala l-ewwel dramm letterarju serju.

Minn dan kollu li ktibna wieħed jista' jieħu ħjiel tajjeb tal-ħidma mżewqa ta' Ninu Cremona. Ħadem f'ħafna frieghi u rabba bil-għaqal ta' ġennien ix-xitla rqiqa tal-Ilsien Malti li huwa kennen mill-irwiefen tal-għedewwa li riedu jisbranawh u jitfgħuh taħt is-saqajn u jżommuh magħluq fil-kċina. Is-Sur Nin ħalliena, iżda ż-żmien tal-iStorja jqegħidlu fuq sidru l-medalja tal-immortalità letterarja li titqiegħed biss fuq sider dawk il-qalbiena li fi żmien il-għajb u t-twegħir, jirnexxilhom iqiegħdu u jsaħħu b'ħidmiethom is-sisien tal-Ilsien tal-poplu. Għawdex tagħna ma baqax lura ma' dan il-kittieb. Għandna Skola Sekondarja tas-Subien msemmija għalih kif ukoll iktar minn triq waħda u lapida ma' daru. Monument *life size* tal-bronż jinsab ukoll wieqaf quddiem fejn sa ftit taż- żmien ilu kien hemm wieqfa l-iskola sekondarja tas-Subien, Victoria mnejn ittellgħet din l-opra bl-inizjattiva tal-mibki l-Kav Peter Paul Grech sabiex jibqa' mfakkar dan il-**Għawdxi dehni, ta' statura qasira imma ta' karattru ferm dħuli u ferrieħi, li ma beżax juri fehemtu fi żmien meta l-Malti kien minsi u mwarrab. Kien Cremona li flimkien ma' xi wħud oħra fosthom Anton Buttiġieġ, Ġorġ Pisani, Ġużè Aquilina u oħrajn, ħadem u stinka biex jara Lsienna fuq il-pedistall li jixraqlu.**

A Whole New Look

**Sharmain's Styling Salon**

Our Lady of Victory
Crt/1
Triq ta' Kassia
Qala, Gozo
Tel: 2156 6236

*Is-Sena tal-Anzjani Attivi*

# *Fl-età venerabbli ta' 103 Ċikku Cauchi mill-Għarb għandu ħafna x'jgħallimna...*



*kitba ta'* **GREZZJU CAUCHI**

***Fl-età ta' 103, Franġisku Cauchi hu l-ixjeħ bniedem f'Għawdex. Din ir-Rivista għamlet stedina lil ibnu Grezzju sabiex jiktbilna dwar missieru. Forsi x'uħud jipprovaw jaqraw bejn il-linji x'jista' jwassal lill-bniedem għall-għomor twil. Nifirħu u nawguraw lil Ċikku Cauchi aktar snin magħna.***

Mhix ħaġa ta' sikwit li wieħed jagħlaq mit sena u jkompli ftit iktar fuqhom. Missieri, Franġisku Cauchi magħruf bħala Ċikku, għadu kemm għalaq 103 fil-10 ta' Jannar li għadda. Huwa kien miżżewweġ lil Marija li mietet fil-1999. Ulied b'kollox kellhom ħdax li minnhom tlieta mietu għadhom żgħar. Ibnu Dun Ġanmarì ilu missjunarju l-Brażil mill-1963. Tnejn minn ulied uliedu huma wkoll saċerdoti – Dun Alex Cauchi li qiegħed ukoll il-Brażil filwaqt li Dun Christopher Cauchi qiegħed il-Canada.



*Ċikku mal-Isqof Mario Grech*

Il-lum il-ġurnata Ċikku huwa mgħobbi sew biż-żmien u l-viżta t'għajnejh naqset bil-bosta u ma għadux iqum mis-sodda. Anke l-menti tiegħu ma għadhiex dik li kienet. Iżda ikun hemm waqtiet li jiftakar ftit mill-imgħoddi tiegħu.

Meta missieri għalaq mit sena u ma kienx għadu joħroġ mid-dar jekk mhux fuq siġġu tar-roti, Dun Ġanmari kien qaddislu Quddiesa d-dar stess fejn kienu nġabru wliedu kollha flimkien mal-familji tagħhom. Din li ġejja hija silta mill-erba' kelmiet li kien għamel ibnu dakinhar:

"... Missieri matul il-ħajja għamel minn kollox. Kien bidwi, sagristan, ħadem mal-gvern, ħadem in-nar, kien jistad, innamra, iżżewweġ u kellu lilna. Ħarat bil-ħmara u ħarat bil-moħriet tan-nar. Żergħa, għadda bl-imgħażqa, ħasad u dires, ġabar u taħan. Kif għidna, għamel minn kollox. Mar festi, kien bniedem kuntent, jirraġuna ma' kulħadd. Kien jaqra l-ġurnal biex ikollu x'jgħid meta jiltaqa' ma' dak li jkun. Ma kienx minn dawk li joqogħdu jistennew il-festa tasal biex igawduha iżda minn dawk il-ħafna li minn żmien qabel, igħinu biex il-festa tirnexxi. Kien iżejjen il-knisja, kien jgħin fl-armar ta' barra. Kien verament bniedem li dejjem għandu x'jagħmel. Meta kienet tkun ix-xita araħ jivvinta x'jagħmel fl-imqawel, ikaħħal x'imkien jew jibdel xi ċappetta. Wara araħ jistrieħ ma' dawk l-irġiel t'amparu għas-sħana tat-tiben fir-raf jgħidu xi kelma flimkien.



Bl-edukazzjoni Nisranija li rċieva fi ċkunitu hu għaraf jagħmel dan kollu bla ma ħalla barra d-dmirijiet bħala Nisrani. Kien verament bniedem tal-knisja. Quddiesa u t-tqarbina ta' kuljum. Fil-għaxija kien igħid ir-Ružarju bil-familja. Nhar ta' Ħadd, meta kien ikun bnazzi, araħ jisma' l-quddiesa kmieni biex imur jistad id-Dwejra. Iżda kien jagħmel mod li jkun fil-knisja biex jisma' l-Katekiżmu li l-Arċipriet Dun Ġużepp Borg ta' kull filgħaxija kien jipprepara, u jispiċċa kollox bil-barka sagramentali.

Hieni hu l-bniedem li jimxi fuq il-liġi tal-Mulej għax qisu siġra mħawla ħdejn nixxiegħat tal-ilma. J'Alla dan l-eżempju jservina bħala tagħlima. ..."

Missieri, bħal ħafna minn t'amparu ta' dak iż-żmien, ftit mar skola. Iżda jien niftakar li fid-dar tagħna dejjem kien ikun hemm xi ħaġa li wieħed jista' jaqra. Fil-bidu ta' kull sena ġdida, dejjem niftakru li kien jixtri kopja tal-Pronostku Malti, almanakk ta' Malta u Għawdex li għalkemm ktejjeb żgħir ikun mimli tagħrif. Niftakar ukoll li kien jirċievi il-'*Militia Christi*'. Din kienu joħorġuha l-patrijiet Dumnikani u kien ikun fiha diversi kitbiet bil-Malti fuq temi reliġjużi. Ċikku kien iħobb jaqra iżda ma tantx kien ikollu ħin għal dan ħlief ftit nhar ta' Ħadd. Fl-istess ħin, aħna wliedu, tgħallimna minn għandu l-gost u l-ħtieġa tal-qari.



*Ċikku Cauchi waqt is-sajd, wieħed mill-passatempi tiegħu. Ibnu Ġammarì fuq il-moqdief*

Ta' tmintax-il sena kien fl-ewwel kumitat tal-festa ta' barra. Wara li darba kellu inċident serju bil-murtali tal-festa, Ċikku ra li aħjar jintafa' jgħin fl-armar ta' ġewwa l-knisja. Kien ukoll membru fl-Azzjoni Kattolika, flimkien ma' Frenċ Mercieca li llum huwa magħruf bħala Frenċ tal-Għarb.

Meta l-viżta t'għajnejh kienet ferm aħjar, missieri kultant kien iħobb jikteb xi ħaġa minn dak li kien għadu jiftakar mill-imgħoddi. Darba kiteb x'kien għadu jiftakar fuq kif kien beda l-bini tas-santwarju Ta' Pinu. Se nieħu xi siltiet minn dak li kien kiteb dakinhar:

"Għalkemm illum għandi fuq id-disgħin sena, sikwit niftakar fil-ġrajjiet tas-Santwarju tal-Madonna Ta' Pinu u fl-imgħoddi tiegħu. Jien m'iniex xi kittieb u anqas ta' ħafna skola imma nixtieq nikteb xi ġrajjiet li niftakar fuq dan is-Santwarju. ... Ix-xogħol fil-pedamenti beda kif tkun dieħel il-knisja fuq in-naħa tal-lemin. Ir-Rettur kien ġab tużżana qfief għaliex dak iż-żmien ix-xogħol tal-pedamenti kien isir bil-fisien u l-imgħażaq. Imbagħad jimtela fil-qfief u jintrafa fuq l-ispalla.... Il-ġebel tal-knisja Ta' Pinu kollu nqata' bil-baqqun u bl-ispnejjer. Il-ġebel beda jinġarr bil-karrijiet. ... Xi drabi, meta kienet tagħmel ħafna xita, u kien ikun hemm xi ħsara fit-triq tal-barriera, Frenċ Mercieca - illum magħruf bħala ' Frenċ tal-Għarb' - kien isib nies biżżejjed allavolja fost ix-xogħol u mingħajr ħlas...."

Mit-tieqa tal-kamra fejn missieri jinsab fis-sodda jidher is-Santwarju tal-Madonna Ta' Pinu. Ħuti u jiena nitolbu lil Madonna Ta' Pinu sabiex tkompli tħarsu.

## KONDOLJANZI

Waqt li konna diġà morna għall-istampa, nhar il-Ħadd, 12 ta' Frar 2012, waslitilna l-aħbar li Franġisku Cauchi kien, dak inhar wara nofsinhar, għadda għall-ħajja ta' dejjem. Nitolbu lill-Mulej Ġesù biex jagħti l-hena tal-ġenna lil Franġisku u l-faraġ tal-Fidi lill-familjari tiegħu.


SMUGGLER'S CAVE
BAR • RESTAURANT • PIZZERIA
Il-Menqa, Marsalforn, Gozo.
Tel: 21 551005 - 21 551983
Fax 21 559959
Full A La Carte Menu, Fresh Fish,
Take Away & Pizza.
HOME MADE PASTA IS OUR SPECIALITY





Magie de Beautè
☆ Facials ☆ Makeup ☆ Manicure ☆ Pedicure ☆
☆ Nail Extensions ☆ Electrolysis ☆ Waxing ☆
☆ Massages ☆ Body Treatments ☆
Irina Xerri
Beauty Therapist
C.I.B.T.A.C. C.I.D.E.S.C.O.
Mgarr Road, Qala, Gozo • Tel: 2155 7771 • Mob: 9924 9568

Alex Saliba
I.T Sales and Services
65, Ta' Said Street Nadur, Gozo
Tel: 21 555 358 Mob: 99 864 262
alexandersaliba@gmail.com

Riflessjoni Biblika

# *Il-Fejqan ta' Raġel b'Idu Niexfa - "sejħa biex nagħtu post l-iktar importanti lir-rigal tal-ħajja"*



kitba ta' **ĠUŻI DEBONO**

**Il-marid ifittex il-fejqan. Għalhekk f'dawk il-persuni li ltaqgħu ma' Ġesù u sabu fiH il-fejqan nilmħu li hemm tama u kwalità ġdida ta' ħajja anke wara marda qerrieda. Laqgħat bħal dawn iqawwu fina l-ħerqa li aħna wkoll niltaqgħu ma' Ġesù. Min ma jixtieqx li jkun huwa stess preżenti f'postijiet fejn il-fejqan tarah b'għajnejk u tmissu b'idejk? Fost ħafna rakkonti ta' fejqan l-Evanġelista San Mark jurina kif darba Ġesù fejjaq raġel b'idu niexfa (Mk 3,1-6).**

### *Il-bniedem fil-bżonn*

Lil dan il-bniedem fil-bżonn ma nsibuhx minn ta' quddiem fl-ewwel ringiela. B'idu niexfa, mejta jew kif jinterpreta Saydon, b'idu iebsa u pparalizzata dan ma jistax iżomm ir-riedni ta' ħajtu f'idejh. Bil-Malti ngħidu li m'għandux rajh f'idejh u għalhekk ikollu bżonn l-għajnuna għal diversi movimenti essenzjali fil-ħajja ta' kuljum. X'aktarx li kien impossibbli fi żmien Ġesù li dan seta' jaqla x'jiekol bil-ħidma ta' jdejh. Ħafna nies b'nuqqas simili kien ikollhom



joqogħdu barra jittallbu għall-ħobża ta' kuljum. Minħabba f'hekk bniedem bħal dan kont issibu biss fl-aħħar postijiet fis-sinagoga, moħbi u mistħi, fl-imwarrab fejn ma tantx jagħti fil-għajn. Tal-għaġeb kif Ġesù nduna bih, kif Ġesù tefa' ħarstu fuqu u tah l-ikbar attenzjoni fost dawk in-nies kollha li kien hemm.

### *F'Jum is-Sibt fis-sinagoga*

Kien jum is-Sibt u Ġesù daħal fis-sinagoga biex fit-talb jiftakar fl-egħmejjel kbar li Alla għamel u sabiex jiċċelebra l-ħelsien li Alla wettaq mal-poplu tiegħu. Is-Sibt kien il-jum b'tifkira fil-ħelsien mill-jasar tal-Eġittu. Is-Sibt huwa jum il-mistrieħ, il-jum meta l-ħolqien wasal fil-milja tiegħu. Huwa l-jum fejn il-poplu Lhudi kien ifakkar ir-rabta li għamel Alla mal-bniedem. U f'jum hekk qaddis Ġesù jitfa' ħarstu fuq dan il-bniedem b'idu niexfa. Żgur li għal dan il-bniedem kelmiet bħal "milja tal-ħolqien", jew "ħelsien mill-jasar" kienu jħallu togħma kemxejn morra. Ma nkunux qed nagħġbuha jekk ngħidu li kliem bħal dan ftit li xejn kellu sinifikat għalih. Kif seta' bniedem bħal dan iħoss ir-rabta tiegħu m'Alla jekk lanqas kien iħoss xejn minn dak li jmiss b'idejh? Imma din l-apatija waslet fit-tmiem f'dan il-jum tas-Sibt.

Fi kliem ċar u intiżi għalih Ġesù ordnalu quddiem kulħadd: "Qum, ejja fin-nofs." **Għal Ġesù l-bniedem minsi joħloq l-akbar attenzjoni. Għall-qalb ta' Ġesù bniedem bħal dan għandu post ċentrali. Hawn Ġesù qed isejħilna mill-ġdid biex nagħtu post l-iktar importanti lill-ħajja, kemm tagħna nfusna kif ukoll ta' dawk li jgħixu madwarna, b'mod speċjali ta' dawk li n-nifs tal-ħajja qed jonqsilhom minn jum għall-ieħor.**

### *Seta' stenna ftit ieħor*

Ġesù malajr induna x'kienu qed jaħsbu dawk preżenti. Ir-raġel ta' idu niexfa kien fil-bżonn, però dan il-bżonn ma' kienx jidher li hu xi wieħed tant urġenti li ma setax jistenna sas-Sibt filgħaxija wara nżul ix-xemx, hekk kif kien jintemm uffiċjalment il-jum tas-Sibt. Għalihom seta' forsi Ġesù stenna ftit bil-fejqan sa' ma jintemm jum is-Sibt. Għal dawn in-nies il-liġi saret xi ħaġa sagrosanta li jiġri x'jiġri ma għandha tinkiser qatt. Ma nitkażawx bihom. **Ilkoll kemm aħna għandna drawwiet sagrosanti li ma nieħdux pjaċir meta xi ħadd jaqlibhom ta' taħt fuq. Iffissati fuq il-programm tagħna nfusna faċli li ninsew il-bnedmin ta' madwarna.** Faċli wkoll li ninsew

lilna nfusna u l-bżonnijiet veri tagħna. Hawn Ġesù jistaqsina : "X'jiswa li tagħmel nhar ta' Sibt, ġid jew deni? Issalva ħajja jew toqtolha?" **Ġesù jikxef l-għamad minn quddiem għajnejna meta mwaħħlin mad-drawwiet u mal-programm tagħna ninsew li l-ħajja hija l-aqwa rigal.** Meta l-ħajja hija fil-periklu mhux sewwa li wieħed jistenna sa' nżul ix-xemx biex jieħu azzjoni favur il-ħajja, biex wieħed isalva lil xi ħadd mill-għarqa.

*Il-mewt tnaqqar ftit ftit*

Ġesù jaf li l-mewt hija l-akbar għadu tal-bniedem. Jaf ukoll li l-mewt tibda taħkem ħajjitna minn żmien bikri ħafna. L-id niexfa tal-bniedem f'din il-ġrajja hija eżempju tajjeb ta' kif aħna lkoll nidraw ngħixu b'ħajja mnaqqsa u mxekkla. **"Xi trid tagħmel? Hekk kellu jkun ! Irrassenja ftit ruħek." Dawn il-kelmiet nismagħhom meta xi wħud jipprovaw ikunu ta' sabar għal ħaddiehor. Ftit li xejn nindunaw li b'hekk inkunu qed nistiednu biex wieħed jaċċetta ħajja mnaqqsa jew b'valur mitluf. U biex tkompli tgħaqqad inkomplu ngħidu: "Hekk hija r-rieda t'Alla." F'din il-ġrajja Ġesù jurina l-kuntrarju. Ħajja mnaqqsa u fqira mhix skont ir-rieda t'Alla. Alla huwa kontra dak kollu li jimminaċċja l-ħajja u Alla għandu l-qawwa li jirbaħ kull għadu tal-ħajja.** Hawn Ġesù jgħidilna li l-ġlieda kontra l-mewt tibda fil-ħajja ta' kuljum. Dak kollu li jbaxxi l-kwalità ta' ħajja mimlija huwa kontra r-rieda t'Alla u għandu jiġi megħlub mill-iktar fis possibbli u bl-aħjar mezzi li toffri x-xjenza u l-kuxjenza.

*Ħelsien bi prezz ikbar mill-ebusija ta' qalbna*

F'jum is-Sibt, jum il-ħelsien, fil-jum il-qaddis ta' Alla, f'jum it-tifkira ta' kemm Alla għamel magħna, sewwa li l-milja tal-ħajja titfaċċa fil-wiċċ b'tali mod li tidher ċar u tkun tista' tmissha b'idejk. Ġesù jfejjaq lil dan ir-raġel ta' idu niexfa bil-kliem : "Midd idek." Dak meddha, u idu reġgħet ġiet f'saħħitha (Mk 3,5). Issa dan ir-raġel jista' jieħu mill-ġdid ir-riedni ta' ħajtu f'idejh, isir indipendenti, b'rajh f'idejh. Issa jista' fil-veru sens tal-kelma jmidd idejh, jaħdem biex jgħix hu u l-familja tiegħu, jgħannaq u jxejjer bil-ferħ. Issa għandu għalfejn minn ta' quddiem nett ifaħħar u jirringrazzja lil Alla f'jum is-Sibt.

Il-fejqan ta' dan ir-raġel ma ġiex b'xejn. Filwaqt li dan issa beda jgawdi kwalità ta' ħajja ferm aħjar, il-ħajja ta' Ġesù sfat fil-periklu. Ġesù jrid li aħna ngawdu ħajja sħiħa



akkost li huwa jbati. Dan ir-rakkont jispiċċa bil-kliem: "U l-Fariżej ħarġu; minnufih bdew jiftiehmu mal-Erodjani kontra tiegħu kif jeqirduh." Din il-ġrajja fil-Vanġelu ta' San Mark hija l-ewwel minaċċja serja għall-ħajja ta' Ġesù għas-sempliċi raġuni li **Ġesù ma aċċettax strutturi dojoq li joħonqu l-ħajja.**

Minkejja l-ebusija, Ġesù jġib il-bidla f'ħajjitna. Ġesù jara u jinduna b'kull forma ta' jasar jew vizzju ikrah, faqar u mard li jnaqqas il-kwalità ta' ħajjitna. Fil-laqgħa tagħna ma' Ġesù dan ix-xkiel kollu jitlef il-qawwa tiegħu. Hekk ġara dakinhar fis-sinagoga. **Hekk jiġri llum meta nagħtu lok għall-ferħ, għas-solidarjetà ma' min hu fil-bżonn, fejn ngħożżu lix-xiħ u lil batut. Hekk jiġri meta mmiddu jdejna għal dak li jkun hemm bżonn u meta nieqfu u nikkumbattu lil dak kollu li jxekkel il-ħajja.** Meta nkunu xhieda ta' dan nagħrfu li s-Saltna t'Alla hija fostna. Ix-xewqa li aħna wkoll inkunu preżenti fil-post fejn Ġesù fejjaq dan il-bniedem titwettaq mill-ġdid.


Peter's Butcher Shop

*For top quality fresh meat, a wide selection of fresh sausages and quality homemade meat products such as meat balls, bragioli, kebabs, burgers, stuffed pork and more...*

St. Joseph Square, Qala Gozo
Mob: **7905 5051** · Tel: **2785 5051**

MARIO
DISPENSING OPTICIANS

57, MAIN GATE STREET, VICTORIA, GOZO.
Prop. Mario P. Grech F.A.D.O. (Lond.).

*Appointments for*
*EYE TESTING / EXAMINATION*
*by the Latest Computer Technology*
*and Eye Specialists*

Telephone: 55 65 28 / 56 33 31

Passiġġata Biblika - 70

*"Iż-żmien wasal u s-saltna t'Alla hi fil-qrib. Indmu u emmnu fil-bxara t-tajba." (Mark 1:15)*

# Ħarsa lejn l-Evanġelju ta' San Mark

**minn Fr. Charles Buttigieg**

### *It-Tieni Evanġelju*

L-awtur tat-tieni Vanġelu huwa Ġwanni Marku, bin Marija ta' Ġerusalem. Kien jiġi ukoll il-kuġin ta' Barnaba, il-missjunarju ħabrieki ma' San Pawl li mbagħad meta nfired minn Pawlu, dan ħa miegħu lil Mark. Wara, San Mark ingħaqad ma' San Pietru u kien dixxiplu tiegħu f'Ruma u li żgur minn għandu ħa ħafna tagħrif għall-vanġelu tiegħu. Fil-fatt skont tradizzjoni antika ħafna li ġejja minn Papija, Mark kien 'interpretu ta' Pietru'. Nergħu naraw lil San Mark ma' San Pawl fl-ewwel priġunerija f'Ruma u qabel il-martirju, San Pawl jibgħat għalih ma' Timotju.

**Huwa l-eqdem vanġelu li għandna u aktarx inkiteb bejn is-snin 65 u 70 W.K. ġewwa Ruma u għall-qarrejja ta' nisel pagan fejn anke jispjegalhom id-drawwiet tal-Lhud. Iċ-ċentru tat-teoloġija ta' Mark hu l-istess ċentru tat-teoloġija ta' Ġesù: is-Saltna t'Alla. Ħafna mit-tagħlim ta' Ġesù, speċjalment il-parabboli, kellu bħala għan li n-nies isiru jafu aktar fuq il-wasla tas-saltna u jitħejjew għaliha. It-teoloġija biblika tal-evanġelju hija mibnija fuq żewġ punti essenzjali fil-vanġelu, il-Kristoloġija (min hu Ġesù) u d-Dixxipulat (ir-Risposta għal Ġesù), liema punti huma relatati mat-tema tas-Saltna.**

### *Il-Kristoloġija*

Fil-Ġudajiżmu ta' żmien Kristu, is-"Saltna t'Alla" kienet tirreferi għat-turija definittiva tal-maestà ta' Alla fit-tmiem tal-istorja. Din is-saltna f'Ġesù hi inawgurata u antiċipata. Waqt li Ġesù għallem dwar is-saltna t'Alla bil-parabboli, ħajtu kienet tassew il-parabbola *"par excellence"* tas-Saltna. Infatti l-messaġġ ta' Marku hu li kull min jixtieq jifhem is-saltna għandu jħares lejn Ġesù li jfejjaq, jgħallem, ġie msallab u qam. Il-mod kif Mark kiteb l-istorja ta' Ġesù juri li l-Passjoni u l-Mewt kienu l-apiċi ta' din l-istorja: fejn naraw l-istqarrija sollenni taċ-ċenturjun: "...Dan il-bniedem kien tassew Bin Alla!" (Mk 15:39). Karatteristika tal-Kristoloġija ta' Mark hu l-hekk imsejjaħ "is-Sigriet Messjaniku" (Kien W. Wrede li ħareġ b'din l-idea). Din l-idea ħarġet mid-diversi drabi fejn Ġesù kkmanda lin-nies jibqgħu siekta dwaru jew dwar għemilu, liema sigriet jiżvela ruħu kompletament fil-glorja tas-salib. Mark wera li t-tifsira reali tal-messjaniċità ta' Ġesù saret ċara biss bil-mewt u l-qawmien tiegħu. Li Ġesù hu Alla, jkun rivelat bil-mod il-mod fil-vanġelu, bħal donnu jħalli lill-qarrej innifsu jiskopri bil-mod il-mod min hu Ġesù.

### *Id-Dixxipulat*

Din hija karatteristika oħra importanti fit-teoloġija biblika markjana. Naraw id-Dixxipulat bħala t-tweġiba



affermattiva bil-fidi għall-persuna ta' Ġesù. Infatti ġrajja negattiva fil-ministeru ta' Kristu kien in-nuqqas ta' fidi li sab ġewwa Nazaret fejn ma seta' jagħmel ebda miraklu (Mk 6:5), b'kuntrast mal-fidi tal-mara Sirofeniċja (Mk 7:24-30). Il-preżentazzjoni tal-ewwel appostli minn Mark (Mk 1:16-20; 2: 13-17; 3:13-19; 6:7-13) għandha dan il-għan li turi lill-appostli bħala d-dixxipli ta' Kristu. Pietru jinkuruna dan id-dixxipulat bl-istqarrija tal-fidi minn tiegħu f'Ċesarija ta' Filippu: "Inti l-Messija". (8:29) L-iskop ta' Marku tad-dixxipulat huwa: li "tkun ma' Ġesù, taqsam il-missjoni tiegħu ta' predikazzjoni u fejqan: "U sejjaħ it-Tnax, u beda jibgħathom tnejn tnejn filwaqt li tahom is-setgħa fuq l-ispirti ħżiena (Mk 6:7). Id-dixxipli huma mistiedna kontinwament biex jifhmu lil Ġesù, fil-fatt Ġesù jħabbar għal tliet darbiet il-passjoni, il-mewt u l-qawmien tiegħu (Mk 8:31-38; 9:30-32; 10:32-34).

**Il-veru dixxiplu għandu jimxi wara Kristu anke fit-triq tas-salib, dik li tieħu 'għat-telgħa ta' Ġerusalem', bħalma għamlu l-appostli ta' Ġesù. Marku jistieden ukoll lill-qarrej biex jagħmel din l-istess esperjenza ta' Kristu, li l-ewwel jagħraf min hu, jaċċettah u jimxi warajh anke fit-triq tas-salib tal-ħajja.**

### *Biblijografija*


ALLAND, K., *Synopsis Quattuor Evangeliorum*, Stuttgart 1985.

BRATCHER, R.G. – NIDA, E.A., *The Gospel of Mark*, New York 1993.

*The New Jerome Biblical Commentary*, R.E. Brown – J.A. Fitzmyer - R.E. Murphy (eds.), London 1993.

THE PONTIFICIAL BIBLICAL COMMISSION, *The Interpretation of the Bible in the Church*, Vatican City 1993.

**Rapport** — *minn Francesco Pio Attard*

# *F'Jum il-Ħajja l-Isqof Grech ifaħħar bħala atti erojċi l-adozzjoni u l-'fostering'*

**Minkejja t-temp xejn favorevoli, Dar Ġużeppa Debono ċċelebrat *Jum il-Ħajja* kif ippjanat, b'mixja simbolika lejn is-Santwarju Ta' Pinu, nhar il-Ħadd 5 ta' Frar 2012, li tulha nqraw riflessjonijiet sbieħ fuq il-ħajja ppubblikati mid-Dar fi ktejjeb ċkejken li tqassam lill-pubbliku. Id-disa' waqfiet ġew animati kull darba b'koreografija qasira mtellgħa mill-istudenti tas-*Central Academy of Dance* fi ħdan l-Iskola tad-Drama ta' Għawdex.**

F'Konċelebrazzjoni Sollenni fis-Santwarju li bdiet fil-5.00pm, l-Isqof ta' Għawdex Mons. Mario Grech sejjaħ "atti erojċi" l-adozzjoni u l-*fostering*. Il-ħarsien tal-ħajja "jitlob impenn biex ikollna familja b'saħħitha u magħquda", sostna l-Isqof, waqt li faħħar il-ġest ġeneruż ta' bosta familji Għawdxin li jidħlu għall-adozzjoni u *fostering* ta' trabi. Dar Ġużeppa Debono hi fost l-istituzzjonijiet ewlenin fil-gżejjer tagħna li mhux biss jippromovu imma wkoll jagħtu servizz ta' sapport fejn jidħlu dawn ir-realtajiet tant importanti.

L-Isqof kompla jgħid li "huwa ta' ġieħ għalina l-Għawdxin li fi gżiritna hawn l-akbar numru ta' każijiet ta' *fostering*... Kemm l-adozzjoni u kemm il-*fostering* huma espressjoni erojka tal-karità Nisranija u mod kif il-familja Nisranija




tħabbar il Bxara t Tajba tal Vanġelu", temm jgħid l-Isqof Grech. **F'messaġġ separat li tqassam lill-Knisja f'Għawdex, Mons. Grech sejjaħ liż-żgħażagħ "ambaxxaturi tal-ħajja".**

Għal din iċ-ċelebrazzjoni tal-ħajja, li kienet imxandra kollha fuq Radju Marija u rat il-bażilika ppakkjata b'nies minn kull naħa tal-gżira, attendew ukoll xi membri parlamentari Għawdxin, fosthom il-Ministru għal Għawdex Giovanna Debono, li tat il-messaġġ tagħha, Dr Anton Refalo u Dr Justyne Caruana.

**Intant, nhar is-Sibt li ġej, 11 ta' Frar, ikomplu l-attivitajiet marbuta mat-tema magħżula għal din is-sena, *Żgħażagħ miftuħa għall-ħajja*. Dak in-nhar, fis-2.00pm, f'Dar Ġużeppa Debono, f'Għajnsielem, se ssir attività għaż-żgħażagħ li fiha se jagħmlu l-interventi tagħhom Dun Richard N. Farrugia, li qed jistudja l-Bijoetika f'Ruma, u l-ġinekologa Dr Margaret Spiteri.**

---

## *"L-adozzjoni u l-'fostering' huma atti erojċi"*

**- Mons. Isqof Mario Grech**



**Il-familja mibnija fuq iż-żwieġ hija l-qafas naturali fejn titnissel, titwieled u tikber il-ħajja. Min tassew huwa favur il-ħajja, ma jistax ma jkunx ukoll favur il-familja. Huwa naturali li meta jitwieled il-bniedem mhux biss jixtieq li jkun milqugħ fl-għożża tal-imħabba tal-familja, imma jistenna li dik il-familja li ħaddnitu tibqa' hemm tagħtih l-appoġġ. Għalhekk l-impenn biex niddefendu l-ħajja jitlob impenn biex ikollna familja b'saħħitha u magħquda.** Wieħed mill-motivi li ġieli jwassal lil omm tikkunsidra li toqtol lit-tarbija fil-ġuf permezz tal-abort huwa l-biża' li mhix ser issib il-familja li tilqa' u twieżen lilha u lit-tarbija!

Minkejja li familja għadha tfisser ħafna għas-soċjetà tagħna, huwa fatt li hemm trabi li jitwieldu mċaħħda minn dan l-ambjent naturali. **Imma napprezza l-fatt li fostna għandna familji li huma lesti li jadottaw lil dawn it-trabi! L-adozzjoni hija att ta' ġenerożità eżemplari**, għaliex il-koppja jew il-familja li tiftaħ dirgħajha biex tħaddan wild ġdid tkun qed tqiegħed mhux biss dak li għandha imma lilha nfisha biex dan il-wild adottat isib familja. **L-adozzjoni hija awtentika meta dawk li jadottaw jagħmlu dan il-pass mhux biex jissodisfaw xi bżonn tagħhom, imma prinċipalment biex jgħinu lill-persuna adottata. Inħeġġeġ lill-Istat biex ikompli jipprovdi liġijiet tajba biex jitħaffef il-proċess li jwassal għall-adozzjoni u biex id-drittijiet u d-dmirijiet ta' dawk involuti jkunu mħarsa.**

**Hemm imbagħad dawk il-familji li joffru d-disponibbiltà tagħhom biex jagħmlu *fostering* tat-tfal! Huwa ta' faraġ kbir meta nisma' li fid-Djoċesi ta' Għawdex għandna madwar sbatax-il każ ta' familji li qed jiffosterjaw. Huwa ta' ġieħ għalina l-Għawdxin li fi gżiritna hawn l-akbar numru ta' każijiet ta' *fostering*.** F'ċertu sens il-*fostering* huwa att ta' mħabba ogħla minn dak tal-adozzjoni, għax filwaqt li l-persuna adottata legalment issir parti mill-familja, il-familja taf li l-waqfa fosthom ta' persuna *fostered* hija waħda temporanja – prattikament f'dawn is-sitwazzjonijiet il-familja tkun għal żmien determinat qed trabbi tifel/tifla ta' ħaddieħor!

**Kemm l-adozzjoni u kemm il-*fostering* huma espressjoni erojka tal-karità Nisranija u mod kif il-familja Nisranija tħabbar il-Bxara t-Tajba tal-Vanġelu.**

Filwaqt li napprezza dawn l-atti ta' mħabba favur il-ħajja umana, nappella lis-soċjetà biex tibqa' turi din il-ħniena u l-ospitalità. Kemm bl-adozzjoni u kemm bil-*fostering* aħna nkunu qegħdin ngħinu biex inbiegħdu l-possibbiltà li persuna toħlom li tagħmel abort – **bil-fatti nkunu nagħtu sehemna biex ikollna ċiviltà favur il-ħajja u favur il-familja.**

Għawdex Qabel ir-Ritratti (42) — minn JOHN CREMONA

# Għawdex fil-Kruċjati

Minkejja r-rabta mill-qrib li pajjiżna għandu mal-Kavallieri u minkejja l-pożizzjoni ġeografika tal-gżejjer Maltin, ftit li xejn għandna fdalijiet li juru li pajjiżna kellu xi rabta jew kellu xi relazzjoni mal-Kruċjati li kienu qegħdin isiru fl-Afrika ta' Fuq fiż-żminijiet tan-nofs. B'danakollu ma rridux ninsew li l-gżejjer tagħna kienu jinstabu eżattament fin-nofs tal-baħar Mediterran li kien jifred l-Ewropa Kristjana mill-Afrika Musulmana u allura nistgħu nissopponu li l-ispedizzjonijiet Kristjani bil-baħar f'xi ħin jew ieħor kellhom kuntatti ma' Malta u Għawdex kemm biex jistkennu waqt xi tempesta kif ukoll għar-rifornimenti.




Ħafna studjużi jaraw f'numru ta' lapidi tal-oqbra li kienu jinstabu fiċ-ċimiterju tar-Rabat Għawdex fejn illum hemm mibni l-Oratorju Dun Bosco, il-fdalijiet l-aktar żguri ta' dan il-perjodu mudlam ta' l-istorja. Dwar dawn il-lapidi ktibt diġà fl-artikli numri 19 u 26 ta' din is-sensiela imma llum ser nippubblika t-tielet u l-aħħar inċiżjoni li teżisti relatata ma' dan is-suġġett.

L-inċiżjoni li qiegħed nippubblika ma' dan l-artiklu ġiet stampata fl-ewwel volum tal-'*Malta Illustrata*' ta' Ġian Franġisk Abela u l-Konti Giovanni Antonio Ciantar li ġie mitbugħ fl-istamperija tal-Palazz tal-Gran Mastru fis-sena 1772. Meta jiġi biex jiddeskrivi dawn il-ġebel, il-Konti Ciantar kważi jwaqqa' għaċ-ċajt it-teorija li dawn il-lapidi kienu ta' Arċisqfijiet, Isqfijiet u nobbli li ħadu sehem flimkien mar-Re San Lwiġi IX ta' Franza fit-tmien Kruċjata kontra l-belt ta' Tunes fl-1270 kif kien kiteb De Soldanis fl-istorja ta' Għawdex fl-1746 u fl-inċiżjoni li ppubblika f'Ruma fl-1766. Huwa jistaqsi b'mod ironiku x'kienet ir-raġuni biex daqstant nies prominenti sabu rwieħhom midfuna f'Għawdex. Huwa kien tal-fehma li dawn il-lapidi kienu ta' personalitajiet li kienu jfittxu lil Għawdex għal raġunijiet ta' saħħa.

Ma naħsibx li Ciantar kellu raġun għalkemm it-teorija ta' De Soldanis għadha qatt ma ġiet ikkonfermata arkeoloġikament. Hu x'inhu l-fatt, ir-realta' tibqa' li l-Għawdxin ta' dari urew qima u rispett kbir lejn dan il-post, u dan żgur mhux minħabba xi erba' min-nies li mietu b'kawżi naturali. Dan jidher min-numru kbir ta' kappelli li kienu jeżistu fi spazju daqstant ristrett 'l ġewwa mill-ħitan taċ-ċimiterju kollha mogħnijin b'benefizzji u piżijiet u li l-ewwel ħjiel tagħhom imur lura tal-inqas għall-bidu tas-seklu ħmistax. Dawn il-kappelli kienu ddedikati lil; San Mikiel (1441)*, Il-Konverżjoni ta' San Pawl (1435), San Ġwann l-Evanġelista (1489), San Bartilmew (1497), San Nikola (1516), San Anton Abbati (1544), Santa Katerina (1544), San Blas, San Katald (1592) u l-Madonna tal-Ħniena. De Soldanis jgħid li l-għadd tal-kappelli ma baqax ta' dawn l-għaxra li jsemmi imma żdiedu matul iż-żmien. L-aħħar kappella li baqgħet teżisti kienet iddedikata lid-Duluri tal-Madonna u nħattet meta nbena l-Oratorju Dun Bosco.

Il-fatt li bħal dawn il-lapidi ma nstabux oħrajn f'ebda mkien ieħor fil-gżejjer Maltin, aktar jiġbed favur it-teorija ta' De Soldanis. Studjużi li analizzaw id-disinji ta' fuq l-oqbra kif jidhru f'din l-inċiżjoni, jaraw fl-istilla li tidher fuq il-lapidi numru XIII u XXVIII simbolu importanti marbut mat-Templari, jew Kavallieri li kienu jieħdu sehem fil-ġlidiet biex tinħeles l-Art Imqaddsa. Jekk dan huwa minnu, x'aktarx li dawn huma l-uniċi fdalijiet li għandna ta' dan il-perjodu mqalleb tal-istorja.

L-inċiżjoni magħmula minn pjanċa tar-ram hija l-istess bħal dik li kien ippubblika De Soldanis u li tidher fl-artiklu 26 ta' din is-sensiela. Għalkemm iż-żewġ inċiżjonijiet huma eżattament indaqs u kważi perfettament l-istess, jidher li saru żewġ pjanċi differenti għaż-żewġ inċiżjonijiet. L-inċiżjoni għandha qisien ta' 290mm x 185mm u hija mmarkara bħala Tav. XVIII.

**data meta jissemmew l-ewwel darba*

Għawdex 400 sena ilu

Paġna mill-Arkivju Nazzjonali - 200

Riċerka ta' Joseph Bezzina

© 2012

**B'sodisfazzjon kbir għall-qarrejja tagħna qegħdin nippubblikaw illum id-dokument numru MITEJN (200) ta' din ir-rubrika – *Paġna mill-Arkivju Nazzjonali.* Din ir-rubrika, li hi l-iktar waħda li ilha tidher f'Il-Ħajja f'Għawdex, ixxandret għall-ewwel darba f'Jannar 1992; jiġifieri *WIEĦED U GĦOXRIN* sena ilu. Hu ttamat li din is-serje tkun ippubblikata fi ktieb.**

# Jintrebaħ l-irkant tas-sisa fuq l-inbid

**Id-dokument numru mitejn li qegħdin nippubblikaw f'din is-sensiela ta' paġni mill-Arkivju Nazzjonali ta' Għawdex hu r-rapport dwar l-irkant fuq is-sisa tal-inbid li sar nhar l-1 ta' Jannar 1612 – erba' mit sena ilu – u r-riżultat tiegħu. Jinsab reġistrat fit-tielet volum tal-*Acta* tal-*Universitas Gaudisii*, il-Gvern Reġjonali ta' Għawdex fi żmien il-Kavallieri ta' San Ġwann (1530–1798) folju 57r (NAG, UG, *Acta*, 3/1611–1612, 57r)**

Din hi t-traskrizzjoni dwar l-irkant:

*Compare il Mastro Luca Metalli et offerre per la detta gabella Scudi cento et ottanta, di tarì dodici per scudo.*

*Compare il Magnifico Thomasio Gauci et offerre per la detta gabella della scisa Scudi doi cento et sei, sudetti.*

*Pure che se li defaleano ottanta tre scudi che li deve detta Università per pretio di una casa.*

*Per il quale detto Gauci, fu ostruttata la candela, et resto per lui la detta gabella per le Scudi doi cento et sei, promettendo dare buona pleggeria reservato sempre detti Signori giurati il mandato di Sua Signoria Illustrissima.*



Dan ir-rapport tal-irkant hu ta' valur kbir għax wieħed jista' jislet minnu tagħrif interessanti. Dan kollu jaqbad mat-tagħrif ippubblikat fl-aħħar żewġ dokumenti. Konna ktibna li Ġakbu Pulicii kien ħabbar b'*Bandu* li wara l-Vespri tal-Milied fil-Matriċi ta' Għawdex kien sejjer isir l-irkant fuq il-monopolju tal-importazzjoni tal-inbid minn Sqallija. L-irkant kien jingħata lil min joffri l-ogħla offerta ta' sisa.

L-irkant fil-fatt sar iżda ħadd ma ppreżenta ruħu għalih. Ir-raġuni kienet li l-Università kienet sejra tibda l-irkant bil-mieta ta' tliet mit skut – somma kbira ħafna għal dak iż-żmien. L-Università kienet għalhekk sejħet irkant ieħor għall-1 ta' Jannar 1612. Fit-tieni sejħa, l-irkantatur ma kienx jibda b'mieta fissa u għalhekk l-offerta setgħet tibda b'inqas minn tliet mit skut.

Żewġ persuni biss urew interess fl-irkant, Luca Metalli u Thomasio Gauci. Inxtegħlet ix-xemgħa u beda l-irkant. Resaq Metalli u tefa' l-offerta ta' mija u tmenin skut. Warajh resaq Gauci u offra mitejn u sitt skuti. Meta għamel din l-offerta fakkar lill-ġurati preżenti għall-irkant li hu ma kienx fil-fatt sejjer jagħti din iċ-ċifra kollha. Minnha kellhom jitnaqqsu tlieta u tmenin skut, għax kellu jieħu dan l-ammont mingħand l-Università għal dar li kien biegħ lill-istess Università.

Stennew ftit biex jaraw hemmx xi ħadd lest li joffri iktar, iżda ma ppreżenta ruħu ħadd. Intfiet ix-xemgħa u Gauci rebaħ id-dritt tal-importazzjoni tal-inbid. Iżda kien meħtieġ li jkunu mitmuma żewġ kundizzjonijiet. L-ewwel, Gauci ried jagħmel kapparra ħalli jagħmel tajjeb għas-somma; it-tieni, kienet meħtieġa l-approvazzjoni finali tal-Granmastru.

Ta' interess f'dan id-dokument hu l-fatt li meta jissemmew l-iskuti jingħad li qegħdin jirreferu għall-iskuti ta' tnax-il irbiegħi kull skut. Dan kien l-iskut użat Malta. Dak iż-żmien kien hemm ukoll fiċ-ċirkolazzjoni l-i*scudo* ta' Sqallija, l-*escudo* ta' Spanja u l-Portugal, u l-écu ta' Franza għax il-Kavallieri kellhom ħafna kummerċ ma' dawn it-tliet pajjiżi. Il-valuta tagħhom kienet differenti minn ta' Malta u għalhekk id-dokument jagħmel din id-distinzjoni.

## XHIEDA NISRANIJA FL-ISTORJA TAL-KNISJA GĦAWDXIJA



# *Sr Marie Carmel Saliba o.s.c. (1953-2006)*

Maria Carmen Saliba magħrufa bħala Lina twieldet fil-Fontana fl-1 ta' Ġunju 1953 bint il-mejjet Ġużepp u Antonia mwielda Portelli. Tgħammdet l-għada mill-Kappillan Dun Mikiel Grech u ngħatat l-ismijiet ta' Maria Carmela, Antonia, u Georgia.

Wara ħadet l-edukazzjoni tagħha fl-Iskola Primarja tal-Vajringa, l-Iskola Sekondarja tal-Bniet u *Sixth Form*, ilkoll f'Victoria. Peress li kienet studenta intelliġenti kompliet tistudja fl-Università ta' Malta fejn kisbet il-Baċellerat fix-Xjenza (Fiżika u Matematika fl-1975). Kienet l-ewwel studenta Għawdxija li kisbet dan il-grad f'dawn is-suġġetti. Sena wara bdiet tgħallem dawn is-suġġetti fl-iskola sekondarja tal-bniet, dik li llum hija magħrufa bħala Agius De Soldanis.

Issa li kienet laħqet għalliema ma kkuntentatx biss li tagħmel id-dmirijiet fl-iskola u wara toqgħod tgawdi l-ħin liberu. Kienet attiva fil-Moviment taż-Żgħażagħ Djoċesan, fil-Grupp tal-Kariżmatiċi, u anki fl-Azzjoni Kattolika. Il-ħidma tagħha lanqas ma tieqaf hawn għax kienet tgħin ukoll fil-ġarr tal-morda lejn Lourdes fis-sajf. Minkejja dawn l-attivitajiet kollha qatt ma naqset li tagħti daqqa t'id fl-attivitajiet li kienu jsiru fil-parroċċa tal-Fontana.

F'din il-ħajja attiva Lina ħasset lill-Mulej qiegħed isejħilha biex tingħaqad mas-sorijiet klawsura tal-Klarissi li kellhom il-monasteru f'San Ġiljan, f'Malta u li llum għandhom ieħor f'Għawdex. Marret tkellem lill-Badessa, Maria Immaculata Bellizzi u wara li ħadet id-direzzjoni spiritwali meħtieġa minn Patri Alfred Micallef S.J., bdiet il-ħajja monastika fit-12 ta' Awwissu 1985. Kient ilha taħdem bħala għalliema għal tmien snin u għalhekk il-pass li ħadet kienet ukoll ċaħda li tħalli d-dinja u anki lil qrabatha biex tingħata kollha kemm hija fit-talb.

Hija kitbet din l-esperjenza fir-Rivista 'l-Aħbar' ta' Frar 2005: "Meta mbagħad Ġesù stedinni biex ngħix il-ħajja nisranija fil-milja tagħha, jew biex nuża kliem il-Papa fil-Messaġġ tiegħu għall-Jum Dinji ta' Talb għal-vokazzjonijiet meta wasal 'il-ħin tal-grazzja' u 'l-ħin taż-żjara' (ara Luqa 19, 44), dan ma ħlejtux. Kont diġà ġarrabt il-limitazzjonijiet umani tiegħi u tal-oħrajn madwari fl-appostolat u fil-ħajja tax-xogħol professjonali u kont issodajt fil-konvinzjoni tiegħi li l-ħajja ta' talb hija ta' min jgħixha u ta' min jagħti ħajtu għaliha jew kif jgħidu l-Ingliżi *it's a life worth living*."

Sr. Marie Carmel kellha bosta kwalitajiet sbieħ. Kienet ferriħija, taf tmur man-nies u kellha bosta talenti. Kellha moħħha miftuħ u kienet ubbidjenti dejjem għas-Superjuri tagħha. Kellha widna tajba għall-mużika u kitbet ukoll il-kliem ta' kanzunetta li ġġib l-isem *Storja ta' Mħabba* f'CD li ġġib l-isem "Iva Niġi Warajk". Din kienet maħruġa mill-Kunsill Interdjoċesan tal-Vokazzjonijiet bħala stedina għaż-żgħażagħ għall-Millennju l-ġdid. Waqt il-mistrieħ tagħha kienet taqbad il-kitarra u tferraħ lis-sorijiet l-oħra, l-aktar dawk żgħażagħ. Kienet taf tħaddem tajjeb il-pinna tagħha u kitbet diversi artikli f'diversi rivisti reliġjużi

Kellha dejjem kliem ta' kuraġġ kull fejn setgħet u sal-aħħar ta' ħajjitha baqgħet tagħti xhieda qawwija ta' umiltà u gratitudni għall-grazzja li qalgħet f'ħajjitha. Qatt ma ppretendiet xi kariga fil-monasteru minkejja li kienet mogħnija b'intelliġenza. Fl-1995 ingħatat il-post ta' Segretarja u hija wettqet dan is-servizz b'dedikazzjoni u impenn. Il-ħila tagħha biex tikkomunika bil-Franċiż u t-Taljan swietilha biex tikkomunika mal-komunitajiet tal-Klarissi f'dawn iż-żewġ pajjiżi.

Kienet tapprezza ħafna s-sejħa li għamlilha Alla biex taqdih fil-Monasteru tal-Klarissi tant li fir-Rivista 'l-Aħbar' ta' Frar 2005 kitbet: "F'Awwissu li ġej nagħlaq 20 sena fil-Monasteru tas-Sorijiet Klarissi fuq il-għolja tal-Kappara, San Ġiljan. Qisu l-bieraħ li bdejt ngħix din l-avventura sabiħa, ħajja ta' mħabba u intimità mal-Mulej Ġesù fuq il-passi evanġeliċi ta' Santa Klara u San Franġisk. Aħna l-Klarissi ngħixu fil-Klawsura fejn bla distrazzjonijiet żejda, niddedikaw ħajjitna għat-talb u l-penitenza fis-solitudni u s-skiet, mehdija b'Alla biss, misjuqa mill-imħabba għall-poplu ta' Alla kollu."

Ħakmitha marda pjuttost twila li matulha uriet kuraġġ u rabta sħiħa mar-rieda ta' Alla. Fl-aħħar ġimgħat ta' ħajjitha kienet rikoverata fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex u fis-26 ta' Lulju 2006 hija ngħaqdet mal-Mulej li għalih iddedikat ħajjitha. Minkejja li mietet ta' età żgħira, niftakru li għal Alla ma hemmx żmien u l-importanti mhux kemm tgħix iżda kif tgħix.

*(Dan l-artiklu huwa msejjes fuq l-artiklu ta' Sister Marie-Carmel Saliba O.S.C. li deher fil-Ħajja f'Għawdex fil-ħarġa ta' Awwissu-Settembru 2006 miktub minn Madre Rose Therese Ellis O.S.C, mill-kitbiet tagħha u tagħrif ieħor mogħti minn ħuha Dr. Mario Saliba).*

**Angelo Xuereb**

*Għawdex Online (36)*



# Siti Arkeoloġiċi f'Għawdex



*riċerka u kitba ta'* **SALVU FELICE PACE**, sfelicep@go.net.mt

Pajjiżna huwa mbierek b'patrimonju għani ħafna fil-ġebla. Fil-fatt għaċ-ċokon tagħna dan il-patrimonju huwa ta' toqol kbir u jġib miegħu dmirijiet u obbligi. Ma nistgħux, kif kultant għal raġunijiet ta' nuqqas ta' riżorsi għamilna fil-passat, nitilfu mqar biċċa żgħira minn dan il-patrimonju. Jekk dan jgħodd għall-pajjiżna kollu kemm hu, jgħodd ħafna aktar għal Għawdex.

Il-Fondazzjoni Bradshaw għandha l-għan li tippreżerva l-futur tal-patrimonju li rċeviet l-umanità, permezz tal-arti fil-ġebla. Dan tagħmlu, billi xxandar id-dokumentazzjoni tax-xogħol siewi ħafna li tagħmel fl-oqsma tal-arkeoloġija, fl-antropoloġija u fir-riċerka. Kull skoperta ta' monumenti u arti tal-qedem hija dokumentata bid-dettalji kollha. Minn hemm tgħaddi għall-preservazzjoni ta' dawn is-sejbiet u tgħaddi wkoll għall-promozzjoni tagħhom. Il-websajt **www.bradshawfoundation.com** hija riżorsa unika, għax hija speċjalizzata, għal kull min għandu għal qalbu l-patrimonju tagħna fil-ġebla.

**Għawdex naturalment għandu postu f'din il-websajt. Mill-perijodu ta' bejn is-snin c. 3600-3000 is-sit tiffoka fuq it-tempji tal-Ġgantija fix-Xagħra. Fis-sit issib set ta' ritratti li tassew jirriflettu l-inġinerija sempliċi iżda fl-istess ħin kumplikata tal-bennejja ta' dawn it-tempji. Is-sit titfa' dawl dwar il-kuntrast bejn il-ġebel aħrax li ntuża għall-ħitan u l-ġebel lixx li ntuża fl-entraturi u n-niċeċ.**

Nibqgħu fix-Xagħra, is-sit tiffoka wkoll fuq l-*Istone Circle.* Hawn issib tpinġija interessanti ħafna li tipproġetta l-memorja kollettiva tar-riċerkaturi ta' dan iċ-ċimiterju li



kien jintuża jew għad-dfin jew bħala ossarju. Il-post, tlitt mitt metru 'l bogħod min-naħa tal-punent tal-Ġgantija, huwa ċirkondat b'ġebel wieqaf, format li ta l-isem lil dan il-monument.

Għal aktar tagħrif *online* dwar siti arkeoloġiċi f'Għawdex, inklużi t-tnejn li semmejt, tista' żżur il-websajt **www.gozo.gov.mt** u agħfas fuq Siti Arkeoloġiċi. Issib ritratti informattivi tas-siti kollha, dsatax b'kollox, u kummentarji interessanti tal-magħruf Dr. David Trump.

Lura għall-Fondazzjoni Bradshaw laqatni kumment ta' konklużjoni tar-riċerka tagħhom dwar Malta u Għawdex tal-qedem: 'L-ewwel abitanti f'Malta ma ħallewx kitbiet warajhom, iżda ħallew strutturi fil-ġebel, elaborati, sofistikati u ta' bla ebda preċedent fil-forma ta' tempji.'

**RAYMOND CEFAI**

***TAL-KELBA LTD.***

- **BUILDING CONTRACTOR**
- **CRANE & GENERATOR HIRE**



**"RayRita", Triq it-Tempju, Qala, Gozo.**
**Tel: 2155 7847, 2156 2532 Mob: 9949 3169**

TIEQA FUQ L-AMBJENT (35)

# IL-QATTARA



*(Dan huwa r-raba' artiklu minn sensiela dwar siti ta' importanza ekoloġika f'Għawdex)*

*kitba u ritratti ta'* JOE SULTANA

Fl-ewwel artiklu ta' din is-sensiela ktibt dwar il-Ġebla tal-Ġeneral, li tinstab fid-Dwejra. Id-Dwejra u l-inħawi ta' madwarha huma magħrufin kemm għall-importanza tagħhom fil-ġeoloġija (l-istudju ta' kif u meta ġiet iffurmata l-art) kif ukoll fl-ekoloġija (l-istudju tal-ħlejjaq u tal-ħabitat li jgħixu fih). Minbarra l-Ġebla tal-Ġeneral, fid-Dwejra tinstab ukoll il-**Qattara**, għadira żgħira, li żżomm fiha s-sena kollha l-ilma ħelu. Qiegħda taħt massa ta' blat ftit metri għoli, fil-wied li jinżel għal ġol-Qawra, taħt it-triq tad-Dwejra. Fl-imgħoddi l-art ta' madwarha, kienet tinħadem, u l-bdiewa kienu saħansitra ħaffru mina fil-blat qrib tal-**Qattara**, biex l-ilma li jċarċar għal ġo fiha kienu jużawh biex isaqqu r-raba'. Iżda maż-żmien, l-għelieqi ġew żdingati, il-ħitan tas-sejjieħ iġġarrfu, ħafna mill-ħamrija ntilfet, u llum l-art żviluppat fi steppa.

Fil-gżejjer Maltin m'għandniex għadajjar kbar naturali. Il-biċċa 'l kbira tal-għadajjar żgħar li għandna mxerrdin f'pajjiżna, jew ġew imħaffrin fir-raba' mill-bdiewa biex jiġbru l-ilma tax-xita, jew inbnew diġi fil-widien fejn jinżamm l-ilma tax-xita, f'dawk li ħafna jafuhom bħala ġibjuni. Iżda dawn l-għadajjar kważi kollha jitbattlu għat-tisqija jew jinxfu matul ix-xhur tas-sajf. Mhux hekk fil-Qattara, għax l-ilma jkompli jnixxi u jiskula fiha anke fis-sajf, b'hekk l-ilma jinstab hemm is-sena kollha. U kif igħidu, fejn hemm l-ilma hemm il-ħajja.

Kull ħaġa ħajja teħtieġ l-ilma f'xi forma jew oħra. Hemm ħlejjaq, bħall-ħut u l-gambli, li jgħixu kontinwament fl-ilma. Oħrajn bħall-ispeċi tal-Mazzarell (bl-Ingliż *dragonfly*) jew tad-Damiġella (bl-Ingliż *damselfly*) igħixu parti minn ħajjithom fl-ilma. Ibidu bajd irqiq li jfaqqas



*Il-Qattara tad-Dwejra*


Il-fjuri u ż-żerriegħa tal-Virgi


Għasfur Tal-Bejt - jinġabar fi qtajja fis-sajf biex jixrob mill-Qattara

f'larvi li jgħixu fl-ilma u jieħdu n-nifs mill-garġi. Wara xi żmien il-larvi joħorġu mill-ilma, jsiru fosdqa u mill-fosdqa, wara li tinqasam, joħroġ minnha l-adult. Iż-Żrinġ ukoll igħix parti minn ħajtu fl-ilma. Il-mara tbid għanqud bajd fl-ilma, u meta jfaqqas il-frieħ, magħrufin bħala Marżebb, igħixu 'l ħin kollu fl-ilma sakemm jiżviluppaw u jsiru żrinġijiet.

Fis-sajf, meta l-kampanja fl-inħawi tad-Dwejra tkun pjuttost arida, l-importanza tal-Qattara tiżdied u tkun ta' attrazzjoni għal diversi ħlejjaq, fosthom l-għasafar.. Fis-sajf ħafna għasafar, speċjalment qtajja' ta' Għasafar tal-Bejt, kif ukoll il-Merill u l-Ħamiem Selvaġġ li jbejtu fis-sisien tad-Dwejra, kollha jżuruha biex ibillu griżmejhom. Id-Durrajsa, li ftit snin ilu kienet komuni f'Għawdex, mhux bħalma hija llum, għax saret rari, kienet tinġabar hawn fi qtajja' kbar. Anke l-Għasfur ta' San Martin ġieli jkun hemm jistenna fuq xi zokk bil-paċenzja kollha biex jogħdos għal xi wirdiena tal-ilma, fl-ilma ħadrani tal-għadira.

Minkejja li l-Qattara hija għadira żgħira, dan is-sit hu ta' importanza ekoloġika minħabba n-nuqqas f'pajjiżna ta' ħabitat tal-ilma ħelu fis-sajf. Fiha jinstabu jgħixu żewġ speċi rari ta' bebbux ta' l-ilma ħelu, kif ukoll numru ta' diversi nsetti, fosthom l-Imqass ta' l-Ilma (bl-Ingliż *Water Boatman*).

Fl-inħawi tal-Qattara jinstabu numru ta' speċi ta' flora interessanti, fosthom waħda rari ħafna, il-Kripsis ta' l-Ilma. Din il-pjanta żgħira li tikber imċaftra mal-art, instabet għall-ewwel darba madwar 20 sena ilu, u fil-Gżejjer Maltin hi magħrufa biss minn ħdejn il-Qattara. Fid-dell tal-blat ta' ħdejn din l-għadira jikber it-Tursin il-Bir, waħda mill-pjanti primittivi, li ma jagħmlux żerriegħa, u jitkattru permezz ta' spori li jiżviluppaw fuq il-weraq. Numru ta' arbuxelli tal-Virgi ukoll jinstabu ħdejn l-għadira.

F'dan is-sit ta' importanza ekoloġika ġieli ġew introdotti speċi li m'humiex indiġeni, bħall-ħut ta' l-ilma ħelu. Ħlejjaq bħal dawn jagħmlu ħafna ħsara lill-ispeċi lokali li jkunu jgħixu hemm. Minħabba li dan it-tip ta' ħabitat ta' l-ilma ħelu hu skars ħafna f'pajjiżna, il-ħlejjaq li jgħixu fih ikunu skarsi, u jkunu fil-periklu li jinqerdu meta jkunu introdotti speċi aljeni.


Tursin il-Bir


Mazzarell Aħmar

Irqaqat mill-Imgħoddi

# Is-Seħer tal-Futbol...

## In-namra għall-futbol twebbila mġenna hi!



kitba ta' JOSEPH W. PSAILA

Il-logħba tal-ballun fiha bħal seħer li jqanqal in-natura tal-bniedem; għalhekk il-ballun huwa l-ġugarell per eċċellenza taż-żgħar u l-kbar. It-tmellisa kollha għożża jew id-daqqa bis-sieq li tvenvnu huma espressjoni ta' relazzjoni intima bejn il-bniedem u l-ballun. Ir-ritmu tal-ibbawnsjar fih mill-melodija u l-alternanzi tan-natura, waqt li l-imprevidibbiltà tal-logħba fiha mid-destin tal-ħajja – dak li ħadd ma jista' jbassar. Meta mbagħad isir gol, l-iżbruffar ta' ferħ, fost irġiel mustaċċuni jitgħannqu f'delirju, jissuġġerixxi sodisfazzjonijiet li jmorru lil hinn mill-fatt sempliċi li ballun qasam il-linja bejn żewġ arbli mwaħħlin fl-art, iżda li jinbtu mis-sediment psiko-sesswali fil-bniedem. Magħhom jingħaqdu fil-ferħ jew fis-swied ta' qalb l-ispettaturi fuq it-taraġ jew quddiem it-televiżjoni li jgawdu jew isofru qisu bil-prokura.

Fis-snin tal-bidu tas-seklu għoxrin, meta l-logħba tal-futbol kompliet tixtered, l-aktar il-kolonji tal-Imperu Ingliż, l-awtur Rudyard Kipling kiteb li dan kien passatemp li jixraq liċ-"ċaflangi miksijin tajn", u dak il-ġenju kbir G.K. Chesterton irraġuna li ma kellux għax jisthi jiġri wara l-kappell li kien tajjarlu r-riħ, la darba tnejn u għoxrin raġel kienu lesti li jiddedikaw ħinhom jiġru wara biċċa ġilda minfuħa. Ma tlumhomx! Hu hekk sal-lum. Min qatt ma ta lil xi ballun erba' daqqiet ta' sieq, is-seħer tal-futbol jista' jxebbħu ma' xi deni rqiq, kawżat minn xi virus stramb u misterjuż li meta jaħkmek mhux faċli titfejjaq minnu.

Hekk kien ġralu Carmel Grech ("*il-Bovril*", kif kulħadd kien u għadu jafu); meta mat-tfal sħabu, fis-snin ta' qabel it-Tieni Gwerra Dinjija, kien iqatta' l-ħin kuljum jilgħab il-ballun fuq is-Sur u fil-Pjazza ta' Santu Wistin.

Fl-10 ta' Mejju 1936, il-Gvernatur ta' Malta, Sir Charles Bonham Carter u Lady Carter kienu inawguraw is-*Silver Jubilee Ground*. Dan kien avveniment storiku u importanti għad-dilettanti tal-futbol Għawdxin. Iż-żgħażagħ subien tar-Rabat kienu jixtieqi jilagħbu mal-"*Victoria Stars*" jew il-"*Victoria United*" li kienu jikkompetu ma' timijiet oħra



*Carmel Grech 'il-Bovril'*



*Victoria Athletics. Bilwieqfa mix-xellug : Ġ. Agius, F. Vella, Ġ. Sillato, Ġ. Mercieca, guest player, D. Grech, J. Bondì, C. Grech. Kokka mix-xellug: A. Vella, Ċ. Gauci, E. Terreni, Ġ. Farrugia, C.Attard.*



*Waqt logħba fis-Silver Jubilee Ground bejn is-Salesian Youths – Sannat. Jidhru C. Grech (il-Bovril) u Ġ. Muscat, u wkoll ir-referee Joe Cassar Naudi fil-bidu tal-karriera tiegħu.*

mill-irħula. Imbagħad matul is-snin tal-gwerra, ma kienx isir logħob kompetittiv u organizzat. Iżda hekk kif intemmet il-Gwerra, Indrija Borg (tal-Manżalett) organizza fir-Rabat il-"*Victoria City*."

Kien mal-"*Victoria Athletics*" li "*il-Bovril*" sab ruħu għall-ewwel darba fit-tim Rabti li kien jikkompeti ma' timijiet oħra mix-Xagħra, Nadur, Għajnsielem u Ta' Sannat. L-*Athletics* kellhom organizzazzjoni tajba b'kumitat ħabrieki u kienu jiltaqgħu fi spazju taħt il-lukanda tal-Lingi fi Triq it-Tiġrija. Paragunat mal-lum, dak iż-żmien, il-futbol fi gżiritna kien għadu ma tilifx l-innoċenza – ma kienx minsus u mniġġes, la bi flus u lanqas bi droga. Min jieħu sehem kien jilgħab għall-pjaċir u jagħti qalbu għat-tim. Madankollu, il-prinċipju De Coubertinjan, "*taking part is more important than winning*" ma kienx segwit sal-iċken ittra. Il-pika kultant kienet issaħħan l-irjus għax il-kampanelliżmu dejjem kien qawwi fi gżiritna.

Il-"*Victoria Athletics*" ċedew posthom lis-"*Salesian Youths*", tim fi ħdan l-Oratorju Don Bosco, immexxi dak iż-żmien mill-patrijiet Sależjani. "*Il-Bovril*" lagħab diversi snin mas-"*Salesian Youths*" li kien irnexxielhom jiddominaw ix-xena tal-futbol Għawdxi fis-snin ħamsin. Carmel Grech rabat qalbu mas-



*Salesian Youths. Bilwieqfa mix-xellug : T. Cefai, Ċ. Gauci, Ġorġ Mercieca, Ġużeppi Mercieca, P. Mizzi, Ċ. Cremona, C. Grech*
*Kokka mix-xellug: S. Grech, J. Cini, T. Mizzi, L. Mercieca*



*Carmel Grech (il-Bovril) mal-Isqof Nikol Cauchi waqt preżentazzjoni ta' 500 flokk għat-tfal tal-Oratorju Don Bosco.*



*It-tim tal-Iskola Primarja tar-Rabat fl-ewwel snin tal-ħamsinijiet; Bilwieqfa mix-xellug : M. Camilleri, N.Cassar, T. Vella, C. Grech coach, A. Coleiro, T. Farrugia, G.Vella Muskat Kokka mix-xellug: L.Hili, C. Camilleri, J. Zammit, Ġ. Farrugia, L. Debono.*



*Il-Bovril jiċċelebra rebħa tal-Istati Uniti fil-World Cup 2010.*

*Salesian Youths*; illum jirrakkonta b'entużjażmu l-logħbiet kontra timijiet Għawdxin u timijiet li kienu jiġu minn Malta l-aktar dawk tas-Servizzi. Isemmi logħba mas-suldati tal- "Camerata" li għaliha kienet attendiet folla mdaqqsa u oħra kontra "RAF Safi" li s-*Salesian Youths* rebħu 4 – 3. "*Il-Bovril*" jistqarr li dak iż-żmien, hu kien jgħix għall-futbol. Saħansitra kien jeħda jikkowċja lit-tim tat-tfal tal-iskola Primarja tar-Rabat li kien rebħu l-kampjonat organizzat bejn l-iskejjel primarji Għawdxin. X'uħud minn dawk it-tfal meta kibru komplew jagħtu u jieħdu sehem fil-futbol Għawdxi, u llum, irġiel imdaħħlin fiż-żmien, b'sens ta' rikonoxximent lill-*Bovril* isejħulu "surmast".

Bħal ħafna ġuvintur Għawdxin, Carmel Grech fl-1952 kellu jemigra lejn l-Istati Uniti. Iżda n-namra għall-futbol ġarrha miegħu. Fi New York kien regolarment imur jara lil *Cosmos* jittrenjaw u fl-album tiegħu jgħożż b'mod partikolari r-ritratti ma' Pele, Beckenbauer u Chinaglia. Hemm ukoll ħajja fih il-lealtà tiegħu lejn il-futbol Għawdxi, l-aktar lejn is-*Salesian Youths*. Meta wara xi ħamsa u tletin sena reġa' żar Għawdex għal ftit jiem, hu ppreżenta lill-Isqof Nikol Cauchi 500 *t-shirt* biex jitqassmu lit-tfal tal-Oratorju Don Bosco.

Carmel Grech dam ħamsin sena fl-Istati Uniti. Illum qed jgħix f'dar fil-qalba tar-Rabat, taħt in-niċċa tal-Madonna tal-Providenza. Għalkemm kiser il-85 sena, is-seħer tal-futbol għadu jentużjażmah. Għaldaqstant fl-aħħar *World Cup* ma setax jissaporti milli jilbes l-ikħal, l-abjad u l-aħmar u joħroġ ixejjer il-bandiera *stars and stripes*. "*Il-Bovril*" tabilħaqq jippersonifika "is-seħer tal-futbol"!

Iż-żmien għadda sew, imma s-seħer tal-futbol għadu magħna... u jalla jibqa' f'Għawdex tagħna!


# Imperial Eagle

**DAILY (from Monday to Friday)**
**Transport of goods between**
**Gozo & Malta and Malta & Gozo.**




Contact: **Joseph Spiteri**
"Villa Loreto" Bishop Buttigieg Str.,
Qala, Gozo.
**Tel: 2155 4929 - 2137 6193 - 9944 6521**

*Mix-Xena Sportiva F'GĦAWDEX* *minn* **Joe Bajada**



# Futbol: Rebħa rekord għas-Selezzjoni tal-GFA

Is-Selezzjoni tal-GFA mmexxija mill-kowċ Eddie Vella, dan l-aħħar lagħbet logħba ta' ħbiberija kontra oppożizzjoni barranija fejn kisbet rebħa rekord ta' 17-1 fi ħdan il-membri affiljati mal-*NF-Board*. Din l-oppożizjoni barranija kienet dik tal-*FA Raetia* li twaqqfet reċentement u li qed tagħmel minn kollox biex tkompli tistabilixxi u tikber fi żmien qasir. L-*FA Raetia* hija fuq territorju Svizzeru li fih hemm timijiet stabbiliti bħal ma huma Augsburg (Bundesliga) u Bellinzona (*Challenge League* Svizzeru).



Kif jindika r-riżultat finali, ftit kien hemm storja dwar kif żvolġiet il-partita fejn kienet ferm evidenti d-differenza bejn iż-żewġ naħat. Is-Selezzjoni tal-GFA ħarġet ferm aggressiva u dan ħasad lill-avversarji. Fil-fatt fir-raba' minuta Milos Stojanovic fetaħ l-iskor b'daqqa ta' ras wara korner mill-lemin ta' Alex Simoncic. Żewġ minuti wara kien Claudio Antunes li rdoppja wara kross mix-xellug ta' Thiego Dos Santos. Minuta biss wara l-iskor, sar tlieta permezz ta' **Milos Stojanovic** li wara pass mit-tul ta' Simoncic, dan wara li evita l-ħarġa tal-gowlkiper Yacine Azzouz, b'xutt angulat tefa' fl-lasti vojta. Mbagħad kien imiss lil **Claudio Antunes** li fil-ħdax-il minuta jerġa' jiskorja b'daqqa ta' ras wara kross ta' Dos Santos. Is-Selezzjoni Għawdxija kompliet tattakka fejn fis-17 il-minuta kien il-captain **Anthony Portelli** li għamilhom ħamsa wara li approfitta minn inċertezza fid-difiża opposta. Żewġ minuti wara **Thiego Dos Santos** għaqqad in-nofs tużżana b'lob minn fuq il-gowlkiper Azzouz.

Bil-formazzjoni tal-F.A. ta' Raetia mifxula, fil-21 minuta **Claudio Antunes** kiseb tripletta personali wara suġġeriment ta' Michael Bezzina fejn wara li qabeż lil Fabrizio Daniele, antiċipa fl-lasti vojta l-ħarġa tal-gowlkiper avversarju. Il-gowls baqgħu ġejjin b'mod regolari fejn fis-27 minuta kien **Michael Bezzina** li kabbar il-vantaġġ meta rċieva pass fil-kaxxa ta' Antunes. Ftit wara kien Dos Santos li laqat sieq il-lasta. Fil-31 minuta **Claudio Antunes** baqa' jispikka bil-logħob tiegħu fejn reġa skorja wara pass ieħor ta' Simoncic. L-iskor sar 10-0 fit-38 minuta meta s-sostitut **Christian Debono** tefa' għar-rokna wara pass ta' Antunes.

Fit-tieni taqsima, is-Selezzjoni Għawdxija naqqset ir-ritmu fejn għarfet tikkontrolla l-ftit reazzjoni tal-avversarji, madankollu huma baqgħu jiskurjaw fejn fis-7 minuta **Victor Agius** li għal din it-tieni fażi lagħab fl-attakk, li skorja l-ewwel gowl tiegħu meta minn pass ta' Simoncic. Imbagħad tliet minuti wara l-istess **Victor Agius** żied ieħor bir-ras wara kross u azzjoni personali ta' Alex Simoncic. Mal-kwarta logħob **Jeffrey Meilak** b'xutt mill-isbaħ minn barra l-kaxxa ma ta l-ebda ċans lil Azzouz li jilqa'. L-iSvizzeri bdew jagħmlu tentattiv li almenu jiksbu l-gowl ta' konsolazzjoni li wasal fis-26 minuta minn **Fabio Pocas Martin** li tefa' fl-lasti vojta wara li kien żmarkat minn Daniele biex għeleb lis-sostitut gowlkiper Damien Spiteri. Iżda żewġ minuti wara **Darko Stojanovic** żied ieħor għas-Selezzjoni tal-GFA meta bir-ras tefa' ġewwa wara kross mix-xellug tas-sostitut Joseph Grima. Fuq in-naħa l-oħra fit-33 minuta Raetia sfortunati meta x-xutt angulat tas-sostitut Peter Bordein spiċċa mal-lasta. Fil-35 minuta **Alex Simoncic** wara li kellu diversi tentattivi li spiċċaw ftit għoli, rnexxielu jniżżel ismu fost l-iskorers meta kompla fl-lasti vojta wara pass lura ta' Jeffrey Meilak. Fid-39 minuta **Christian Debono** kabbar il-vantaġġ b'lob minn tarf il-kaxxa wara azzjoni personali biex kiseb doppjetta. Fl-43 minuta kien is-sostitut l-ieħor **Joseph Grima** li ssiġilla din ir-rebħa rekord għas-Selezzjoni tal-GFA meta tefa' fl-lasti vojta wara li kien approfitta minn pass lura ta' Simone Fontana lejn il-gowlkiper sieħbu Azzouz.



**GFA XI:** Victor Agius, Brian Meilak, Darko Stojanovic, Jeffrey Meilak, Alex Simoncic, Mario Portelli, Michael Bezzina (Damien Spiteri), Anthony Portelli, Milos Stojanovic (Christian Debono), Thiego Dos Santos (Joseph Grima), Claudio Antunes.

**F.A. Raetia:** Yacine Azzouz, Fabrizio Daniele, Fabio Pocas Martin, Marc Kollegger, Simone Fontana, Ursen Caviezel (Gubert Luck), Wacyl Azzouz, Marco Maisseur, Remo Caviezet (Gian Fadri Conrad), Andri Perl (Nico Mutztler), Davc Muller (Peter Bordein).

**Referee:** Joe Bajada




# 2. PJAZZA SAVINA






*Wara t-Tokk tinsab dil-pjazza,*
*Daqsha kważi popolari,*
*Daqsha għandha storja kbira,*
*Bħalha 'kbira' kienet dari.*

*Kellha s-suq tagħha fil-beraħ,*
*Ġid il-ħidma tal-Għawdxin,*
*Min ibigħ u l-ieħor jixtri,*
*Nies bil-gzuz hawn miġburin.*

*Knisja antika fiha nsibu*
*Reġa' bnieha Dun Alwiġ,*
*Fejn issir l-Adorazzjoni,*
*Minn Ġużepp, Karmni u Feliċ...*

*Ħwienet hawn ta' snajja' antiki,*
*Fiha nsibu r-regettier,*
*Hawn ukoll ħwienet tal-ħelu,*
*Tal-inbid u tal-landier.*

*F'jiem il-festi tkun armata,*
*B'armar ħelu u wisq sabiħ,*
*Hawn jaħarqu l-ġiġġifogu,*
*Biex l-Għawdxin jitgħaxxqu bih.*

*Hawnhekk l-akbar ċerimonji*
*Saru ta' dil-gżira Għawdxija*
*Hawn kuruna, imbagħ'd stellarju*
*Tqiegħdu f'ras Santa Marija!*








# Djamanti ta' Għawdex

*Ritratti ta' Richard Grech*

## ATTRAZZJONIJIET FIL-KAMPANJA TAGĦNA



Il-Girna Għawdxija



F'Irdum il-Kbir

*Reġa' wasal iż-żmien li ġġedded l-abbonament tiegħek għal din is-sena...*

# IL-ĦAJJA f'Għawdex




## *Minjiera ta' Tagħrif u Tagħlim dwar Għawdex u l-Għawdxin*

***Meta tabbona tkun qed tieħu r-rivista bil-posta u b'nofs il-prezz li tiswa' (2 Ewro l-kopja). Aħseb biex iġġedded l-abbonament tiegħek għas-sena 2012, u ħeġġeġ lil ħbiebek biex jabbonaw huma wkoll. Imla l-formola li ssib taħt jew agħmel kopja tagħha u ibgħatha flimkien ma' ċekk jew 'money order' ta' 10 Ewro lill-***

**Amministratur, "Il-Ħajja f'Għawdex",**
**Lumen Christi Media Centre,**
**Triq Fortunato Mizzi,**
**Victoria VCT 2579, Għawdex.**













Isem ____________________

Indirizz ____________________

____________________

*Nixtieq: Nabbona (ġdid)* ☐ jew *Inġedded l-Abbonament għas-sena 2012* ☐

☐ €10 Abbonament Regolari

☐ €20 Abbonament Benefattur
(b'rigal tal-ktieb ġdid: '***Pariri Spiritwali tal-Beatu Papa Ġwanni Pawlu II***')

Data __________ Firma __________

